# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Mejju 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 928



Din ir-rivista giet moghtija
minn Joe Scicluna
Mejju 2012
187476

## "Salvaw il-familja u tkunu salvajtu lis-soċjetà"

- Beatu Ġwanni Pawlu II

*Meta kien fostna sena ilu l-Papa*

# BENEDITTU XVI

*kellimna ċar biżżejjed:*



*"Intom għandkom tkunu kburin li pajjiżkom jiddefendi t-trabi mhux imweldin u jħeġġeġ ħajja familjari stabbli billi jgħid 'LE' għall-abort u għad-divorzju. Jiena nħeġġiġkom biex iżżommu din ix-xhieda kuraġġuża għall-qdusija tal-ħajja u għall-ħarsien taż-żwieġ u tal-ħajja familjari, għal soċjetà b'saħħitha."*

*Valletta Waterfront, 18 t'April 2010*

**"Min ma jaċċettax it-tagħlim tal-Knisja, m'għandu l-ebda dritt jissejjaħ Kattoliku."**

***L-Isqof Nikol Cauchi, 23 ta' Marzu 1999***

# "LE" GĦAD-DIVORZJU... DEJJEM!

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 928*
*Mejju 2011*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 15
Anniversarju (1) • 16
Kummentarju (2) • 17
Kummentarju (3) • 18
Riflessjoni Biblika • 20
Kummentarju (4) • 22
Kummentarju (5) • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 28
Snajja Qodma (40) • 30
Ftit Fatti u Kummenti • 32
Kummentarju (6) • 34
Għext fil-Mandraġġ (8) • 37
Passiġġata Biblika (64) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (35) • 40
Għawdex 300 sena ilu (193) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (29) • 43
Anniversarju (2) • 44
Tieqa fuq l-Ambjent (28) • 46
Apprezzament • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Qaddisin u Festi f'Għawdex (5) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Il-Familja hija s-sinsla ta' soċjetà f'saħħitha. Ħajr lil "Familjakana".*





# *Wara l-Kampanja tar-Referendum*

***Il-kampanja li għaddejja favur id-divorzju għandha l-fatt li kompliet iġġibna wiċċ imb wiċċ mar-realtà iebsa li għal ħafna żmien, is-soċjetà Maltija lill-familja ħaditha "for granted". Ħafna drabi, il-familja rrispettajnieha biss bil-kliem sabiħ u l-klixejiet.***

*Il-gvernijiet serrħu rashom (u għandi nifhem ukoll il-kuxjenza) li d-diffikultajiet tal-familja solvew ħafna minnhom billi waddbu għalihom il-flejjes fil-bagits – "children's allowance", "marriage grants" u tnaqqis fit-taxxa tal-income. Imma, mbagħad, l-edukazzjoni fl-iskejjel kemm kienet u kemm qed tkun indirizzata biex it-tfal jitrawmu fil-valuri u biex jidraw jieħdu impenn fit-tul u jonorawh akkost ta' sagrifiċċju personali? Jew hemm fl-iskejjel tagħna żbilanċ kbir bejn it-taħriġ fl-għarfien u l-ħiliet u dak fil-valuri, l-aktar dawk li jrawmu relazzjoni xierqa bejn raġel u mara? X'sar minnha dik l-idea tal-Iskola tal-Maternità li darba konna nisimgħu biha hawn Għawdex? Forsi xi ħadd ikklassifikaha bħala xi kunċett fundamentalista? Għandna biżżejjed leġiżlazzjoni biex fuq il-post tax-xogħol jinstabu sistemi li jagħtu ċans lill-koppja jkunu flimkien u ma' uliedhom? Għaliex għandu jkollna sitwazzjonijiet fejn, bħal fl-arloġġ tal-kukù, xħin tidħol hi mix-xogħol joħroġ hu għax-xogħol u viċeversa?*

***Il-komunità nisranija f'pajjiżna wkoll għandha x'tixtarr. Tabilħaqq li l-Knisja ma tehdiex milli titkellem u tfisser is-sbuħija u l-benefiċċji tal-valuri insara tal-familja. Imma mqar it-tagħlim fil-knisja fl-omeliji tal-Ħadd madwar l-artal tal-Mulej – ukoll meta jitwassal b'mod effettiv – huwa ftit wisq f'paragun ma' dak li "il-knisja tad-dar" tixrob madwar l-artal tat-televiżjoni li jagħti qima lill-konsumiżmu li jaf jirnexxi għax ikun "sexed up".***

***Bħala komunità nisranija kemm ngħollu leħinna quddiem l-ispekulazzjoni li tisfrutta bil-belli liri lill-koppji żgħażagħ li jixtiequ jkollhom dar fejn jibdew il-familja? Jew forsi kieku nipprotestaw ikun hemm min jakkużana li qed nagħmlu l-bsaten fir-roti tal-ekonomija? Kemm qed jingħata tagħlim lill-miżżewġin żgħażagħ, biex fiċ-ċirkostanzi soċjali tal-lum, huma jkunu lesti li jaħfru u jinħafru aktar milli kienu disponibbli jagħmlu dan il-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom?***

***Wara din il-burraxka ta' propaganda favur id-divorzju, xi ħadd jista' jasal biex jikkonkludi li fiż-żmien li qed ngħixu, żwieġ li jirnexxi hu fula f'qargħa. Dan hu ferm 'il bogħod mir-realtà tal-fatti. Imqar fis-soċjetà, hekk imsejħa "post-moderna", in-nisa u l-irġiel kuntenti fiż-żwieġ tagħhom huma l-maġġoranza. Dawn huma dawk li jaraw fiż-żwieġ impenn dejjiemi, jaħdmu kuljum biex isostnu r-relazzjoni ta' bejniethom, jagħtu ħin u attenzjoni lil xulxin u lill-familja. Lesti li jagħdru u ma jġibuhiex bi tqila biex jaħfru lil xulxin. Fuq kollox ma tonqosx fihom il-fiduċja f'Alla. Għal dawn, il-familja saret l-ankra ta' ħajjithom, għaliex l-inbid taż-żgħożija għalihom inbidel fl-ilma tal-ħajja.***

*Hemm ukoll, naturalment, miżżewġin imdejqa fl-istat tagħhom li għażlu li jibqgħu flimkien minħabba t-twemmin tagħhom, it-tradizzjoni familjari jew minħabba uliedhom. Lil dawn ukoll il-familja tista' tissorprendihom b'waqtiet ta' hena liema bħalha – hena li tiġgarrab biss fl-ambjent familjari. Wara kollox, x'uħud minn dawn tal-aħħar x'aktarx jifhmu aħjar kliem il-Mulej lid-dixxipli meta qalulu li jekk wieħed ma jistax "itellaq lil martu, ma jaqbilx tiżżewweġ." Għal dan, il-Mulej wieġeb : "Mhux kulħadd jifhem din il-kelma, imma dawk li hu mogħti lilhom." (Mat.19:11).*


**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

miġbura minn Gabriel Gauci u Charles Spiteri



*Għal kull stazzjon familja minn kull Parroċċa Għawdxija imxiet ma' Mons Isqof billi ġarret il-fjakkoli.*

### Via Sagra Djoċesana

Nhar il-Ħadd 10 t'April, bħala parti mill-mixja tar-Randan li d-djoċesi t'Għawdex kienet qed tagħmel, saret iċ-ċelebrazzjoni tal-*Via Sagra* Djoċesana fuq l-għolja t'Għammar, fejn it-triq tas-salib hija mmarkata b'14-il statwa mnaqqxin fl-irħam. Din is-sena t-tema tal-*Via Sagra* kienet dwar l-istat tal-familja Maltija. Il-kummentarji u t-talb għal kull stazzjon ġew miktuba minn Mons. Isqof Mario Grech. Tul it-triq, fil-preżenza ta' Mons. Isqof, il-kulleġġ tal-kappillani u diversi saċerdoti u reliġjużi oħra, koppja minn kull parroċċa ġarret is-salib u l-fjakkoli fil-mixja bejn stazzjon u ieħor, filwaqt li għadd ġmielu ta' għaqdiet reliġjużi u lajċi ħadu sehem fit-talb u l-kant. Wara li ntemmet il-*Via Sagra*, il-ġemgħa nġabret fl-anfiteatru li hemm fuq l-għolja sabiex tingħata l-barka sagramentali mill-Isqof. Qabel il-barka, Mons. Grech qara talba għall-familja Maltija, bl-interċessjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II (li ġie ddikjarat beatu fl-1 ta' Mejju) miktuba minn Dun Renato Borg u bbażata fuq l-omelija li kien għamel l-istess Papa quddiem is-Santwarju ta' Pinu fl-1990. Ir-riflessjonijiet u t-talb ta' din il-*Via Sagra* saru mbagħad f'diversi parroċċi u postijiet oħra f'Malta u f'Għawdex tul il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa.

### Attivitajiet tal-KDŻ tul ir-Randan

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tul iż-żmien tar-Randan ressqet diversi proposti ta' talb u riflessjoni għaż-żgħażagħ Għawdxin. Fost dawn kien hemm l-eżerċizzi għall-istudenti u l-ħaddiema żgħażagħ Għawdxin li joqogħdu Malta. Dawn saru mit-Tnejn 4 sal-Ġimgħa 8 t'April fil-kappella tal-Università ta' Malta u tmexxew mill-Isqof Mario Grech. Ta' min jgħid li kien hemm attendenza tajba ħafna. Saret ukoll *Via Sagra* djoċesana għad-diversi gruppi taż-żgħażagħ li jiltaqgħu fil-parroċċi jew ċentri oħra. Din saret fuq l-Għolja t'Għammar, nhar is-Sibt 16 t'April, fejn kien preżenti wkoll Mons. Isqof. Barra minn hekk, tul wieħed mill-*weekends* tar-Randan, Dun Joseph Bajada, kappillan tal-Fontana, mexxa tlett ijiem ta' talb u riflessjoni fuq il-Kelma t'Alla għal numru ta' żgħażagħ ġewwa d-dar tal-irtiri Manresa.

### Il-Parroċċa tal-Fontana tagħlaq 100 sena!



Il-Ħadd 27 ta' Marzu kien jum speċjali għall-parroċċa tal-Fontana għaliex propju mitt sena qabel, l-Isqof Ġwanni Marija Camilleri kien waqqaf il-knisja tal-Qalb ta' Ġesù bħala knisja parrokkjali. L-Isqof Mario Grech, flimkien mal-kappillan Dun Joseph Bajada, il-kleru u l-parruċċani, iċċelebra quddiesa sollenni ta' radd il-ħajr lil Alla għal dawn il-mitt sena tal-parroċċa. Ħa sehem il-*Chorus Urbanus* taħt it-tmexxija ta' Mro. John Galea. Wara l-quddiesa l-Isqof kixef lapida tal-okkażjoni u qasam kejk li ntbagħtet parti minnu f'kull dar fil-parroċċa.

### L-Għid il-Kbir

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid il-Kbir laħqu l-qofol tagħhom il-Ħadd 24 t'April, b'purċissjonijiet bil-vara ta' Kristu Rxoxt f'ħafna mill-Parroċċi tad-Djoċesi Għawdxija, bis-sehem tal-Baned kif ukoll bl-għoti tal-figolli lit-tfal.

Il-manifestazzjonijiet li saru filgħodu, kienu jinkludu dawk maħruġa mill-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Banda La Stella; mill-Knisja Bażilika tan-Nadur, bis-sehem tal-Banda Mnarja; mill-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem, bis-sehem tal-Banda San Girgor; mill-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra,



*L-istatwa ta' Kristu Rxoxt tidher ħierġa mill-Knisja Bażilika tan-Nadur. Manifestazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet, Mons. Jimmy Xerri.*

bis-sehem tal-Banda *Victory*; mir-Rotunda tax-Xewkija, bis-sehem tal-Banda Prekursur u mill-Knisja Katidrali, bis-sehem tal-Banda *Leone*.

Filgħaxija saru manifestazzjonijiet fiż-Żebbuġ bis-sehem tal-Banda Santa Marija; fil-Qala bis-sehem tal-Banda *Ite ad Joseph* u fil-Fontana bis-sehem tal-Banda *La Stella*. Saret ukoll manifestazzjoni simili li ħarġet mill-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, bis-sehem tal-*Jacksons Pipe Band*.

### *Magħmudija ta' żewġ adulti f'Sibt il-Għid*

Din is-sena, il-velja tal-Għid fil-Katidral kienet waħda ftit differenti mis-soltu għaliex din kienet tinkludi fiha il-magħmudija ta' żewġ adulti. Dawn huma żewġ nisa barranin: Nastasia Moodley u Princess Christine Ayopele, li wara xi żmien igħixu f'Għawdex talbu sabiex jirċievu l-magħmudija u hekk isiru Nsara. Kif inhu mitlub anki mill-liġi tal-Knisja, dan ir-rit sar mill-Isqof Mario Grech, li wara li għammidhom, għamlilhom ukoll il-Griżma tal-Isqof u qarbinhom għall-ewwel darba. Waqt il-velja kien hemm ukoll il-magħmudija ta' żewġ trabi. Intant, fil-Katidral saru wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet l-oħra kollha tat-tridu tal-Għid immexxija mill-Isqof, u l-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħodu li fiha ħa sehem il-parti l-kbira tal-kleru djoċesan. Il-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet imxandra fuq One Tv.

### *Wirja dwar Ġwanni Pawlu II fis-Seminarju*

Fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li saret nhar il-Ħadd 1 ta' Mejju ġewwa Pjazza San Pietru, l-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju ħadu ħsieb itellgħu wirja fis-sala tas-Seminarju biex ifakkru r-rabta bejn dan il-Papa u Għawdex. L-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju huma grupp ta' familji li taħt id-direzzjoni tar-Rettur Dun Daniel Xerri jorganizzaw laqgħat ta' talb għall-vokazzjonijiet u s-seminaristi, kif ukoll attivitajiet ta' ġbir ta' fondi b'riżq is-seminarju. Din il-wirja li organizzaw kienet tinkludi diversi oġġetti marbutin maż-żjara ta' Ġwanni Pawlu II f'Għawdex f'Mejju 1990. Fost affarijiet oħra kien hemm il-paramenti sagri li libes waqt il-konċelebrazzjoni f'Ta' Pinu, is-sedja li qagħad bilqiegħda fuqha, xi affarijiet li uża meta żar is-seminarju, għadd ġmielu ta' ritratti ta' din iż-żjara, kif ukoll numru ta' pitturi u affarijiet marbuta miegħu miġbura minn artisti u kollezzjonisti Għawdxin. Waqt il-wirja kien hemm ukoll għaddej b'mod kontinwu filmat li jfakkar iż-żjara ta' Ġwanni Pawlu II f'Għawdex. Din il-wirja ġiet miftuħa mill-Isqof Mario Grech nhar il-Ħadd 17 t'April fil-preżenża ta' wħud fost l-ogħla awtoritajiet ċivili Għawdxin.

Għaċ-ċerimonja tal-ftuħ kienu preżenti wkoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, l-eks-*speaker* Anton Tabone u mistednin speċjali oħra, flimkien ma' għadd ta' ħbieb u benefatturi tas-Seminarju.

### *Ġwanni Pawlu II: il-Papa li seraq il-qlub*

Fid-diskors tiegħu tal-okkażjoni Mons Isqof tkellem fuq l-imħabba li l-Papa Ġwanni Pawlu II kellu lejn il-familja. Huwa fakkar dak li kien qal dan il-Papa meta żar lil Għawdex fis-26 ta' Mejju 1990, waqt l-Ewkaristija li kien iċċelebra quddiem is-Santwarju tal-Madonna Ta'



Pinu: "*Today, Malta's families must still rely upon Mary's motherly protection and care, as they face new challenges to the fulfilment of their vital mission to individuals and all society! In God's plan, the family is where children learn what it means to be responsible individuals and members of a larger community, where they first encounter the virtues of unselfish love and self-sacrifice, and where they first come to understand the mystery of God's love as it is expressed in the love of their parents. Since the family is the 'first and vital cell of society', the spiritual health of its families will always be the fundamental measure of a society's strength. May the families of Malta and Gozo never hesitate to look to Mary, the Mother of the Holy Family of Nazareth and the Mother of all mankind in the order of grace, as a sure guide amid life's challenges and trials!*"

Il-Wirja, li ġiet organizzata mill-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju baqgħet miftuħa sal-Ħadd 24 ta' April.



*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Il-ġid komuni u l-ħarsien ta' żwieġ dejjiemi"

***Sintesi tal-omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt il-quddiesa li ċċelebra fi Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, Għawdex, fl-okkażjoni tat-tifkira tad-Duluri tal-Verġni Marija, il-Ġimgħa 15 ta' April 2011.***



Id-Duluri ta' Marija bdew dakinhar meta s-Sinedriju ta l-kundanna tal-mewt lil Kristu fuq il-pretest li għamel Kajfa: li aħjar imut bniedem wieħed għall-poplu u mhux jinqered il-ġens kollu. Kieku llum Kajfa kien jikkundanna lil Kristu f'isem il-"ġid komuni"!

**Huwa fatt li waħda mill-isfidi li qed ikollha tħabbat wiċċha magħha s-soċjetà tagħna llum hija x'inhu l-ġid komuni. Dan huwa rifless fid-diskussjoni li għaddejja dwar jekk iż-żwieġ għandux ikun dejjiemi jew le.**

Miżura legali li tmur kontra l-permanenza taż-żwieġ hija azzjoni kontra l-ġid komuni. Soċjetà li tassew trid iġġib 'il quddiem il-ġid komuni ma tistax tittraskura d-dmir etiku li tħares il-familja li sserraħ fuq iż-żwieġ. Għaliex iż-żwieġ u l-familja jagħmlu parti mill-ġid komuni.

Il-ġid komuni ma jfissirx ġabra ta' ħwejjeġ tajba flimkien; anqas ifisser is-somma tal-ġid individwali. Il-ġid komuni mhuwiex il-ġid tal-individwi kkunsidrati fihom infushom, imma l-ġid tal-individwu li jinsab f'nisġa ta' relazzjonijiet. Il-ġid komuni huwa magħmul minn dawk il-kundizzjonijiet soċjali li jgħinu biex kemm il-gruppi soċjali kif ukoll l-individwi li jiffurmaw dawn il-gruppi, jirnexxilhom jilħqu l-għanijiet veri tagħhom. Hija verament ħasra li f'isem il-ġid komuni hemm min jistenna li s-soċjetà għandha torganizza ruħha b'mod li kull xewqa jew aptit tal-individwu għandhom isibu l-protezzjoni tagħhom.

**Il-veru ġid komuni jitlob rispett lejn kull persuna li għandu jkollha dik il-libertà biex twettaq is-sejħa naturali tagħha. Min-natura tiegħu l-bniedem huwa magħmul biex jidħol f'relazzjoni ma' persuna tas-sess divers li huwa jħobb. Aktar ma din ir-relazzjoni tkun stabbli u permanenti aktar tkun relazzjoni awtentika, sinifikattiva u effettiva. L-aqwa espressjoni ta' din ir-relazzjoni hija l-familja mibnija fuq iż-żwieġ. Ma jkunx pass li jġib 'il quddiem il-ġid komuni meta l-persuna ma tkunx mgħejjuna twettaq dan il-bżonn. Il-ġid tal-persuna jintlaħaq jekk ikun imħares il-ġid tar-relazzjoni fil-ħajja tal-familja.**

Il-ġid komuni jitlob li fis-soċjetà jkun hemm qagħda soċjali tajba li tiffavorixxi li ċ-ċittadin jagħraf u jwettaq dawn l-aspirazzjonijiet tiegħu. Ma jkunx kontribut għall-ġid komuni jekk il-qafas soċjali tagħna, flok ma jimbotta u jsostni liċ-ċittadin jilħaq dawn il-valuri, jfixklu u jagħmlu aktar dgħajjef. Hekk leġiżlazzjoni favur id-divorzju, flok ma tgħin liċ-ċittadin jistinka biex jibqa' jikkura ż-żwieġ u l-familja, tagħtih il-possibbiltà biex imur kontra l-istess ġid komuni.

Il-ġid komuni jitlob li jkun hemm ordni soċjali ġust billi jkunu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuna. Mhux kull xewqa tal-bniedem hija dritt. Billi l-bniedem jgħix f'soċjetà f'relazzjoni mal-oħrajn, l-istess eżerċizzju tad-drittijiet personali tiegħu mhux assolut imma huwa għandu jagħti kas tad-drittijiet tal-oħrajn. **Wieħed għandu dritt li jagħmel l-għażliet tiegħu, imma jekk dan ikun miżżewweġ u għandu l-familja, id-drittijiet tiegħu jitqiesu f'konfront mad-dmirijiet tiegħu lejn il-familja u s-soċjetà.**



**Il-ġid komuni jinkludi "ġid" li qatt ma jista' jiġi nnegozjat, lanqas f'isem il-maġġoranza! Fost dawn hemm id-dritt għall-ħajja f'kull ċirkostanza, ir-rispett lejn id-dinjità tal-persuna, il-libertà reliġjuża – li tinkludi d-dritt li wieħed ikun jista' jesprimi b'kull mezz it-twemmin tiegħu sakemm dan ma jkunx ta' periklu għall-ordni pubbliku – , il-familja mibnija fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara. Meta dan il-pedament jitqiegħed fis-sod, is-soċjetà jkollha l-garanzija li valuri oħra importanti jibqgħu mħarsa.**

Huwa dmir tal-Istat li jħares u jġib 'il quddiem il-ġid komuni tas-soċjetà ċivili, taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet fi ħdanu, inkluża l-istituzzjoni taż-żwieġ u l-familja. Fuq kollox huwa dmir taċ-ċittadini li jagħtu s-sehem tagħhom biex joktor u jkun imħares il-ġid komuni.

L-imħabba lejn in-nazzjon hija ċentrali għalina ċ-ċittadini Nsara. Ma nistgħux ma ninteressawx ruħna fil-ġrajjiet ta' ġensna. Anzi s-sens tagħna ta' nazzjon għandu jsuqna biex, imdawlin mit-tagħlim ta' Kristu u konvinti mill-verità li jgħallimna Kristu, bħalma hija l-verità dwar iż-żwieġ u l-famija, **huwa dmir tan-Nisrani li ma jagħżilx li jkun assenti fid-dibattitu u fid-deċiżjonijiet li tagħmel is-soċjetà, imma jwieġeb għas-sejħa li qed issirlu biex jagħti sehmu ħalli pajjiżna jibni fis-sod u jġib 'il quddiem il-ġid komuni, ukoll billi ma jagħmilx għażliet li jistgħu jimminaw l-istess ġid komuni.**

*Kummentarju (1)*

# *Familja jew Divorzju?*

## *"Għal min jemmen Alla ħalaq iż-żwieġ u l-familja mhux id-divorzju"*



*kitba ta'* **DUN ANTON DIMECH**

**Epidemija gravi attakkat lis-soċjetà tagħna: il-mentalità divorzista. Kulħadd jitkellem dwar id-divorzju kif jaf u jifhem hu jew kif jaqbillu. Għall-inqas kulħadd jammetti li għandna problemi serji fl-iktar istituzzjoni qaddisa u fundamentali tas-soċjetà – il-familja. Imma d-divorzju huwa l-mediċina għal din il-marda?**

Id-diskussjonijiet tmexxew minn żewġ ambjenti ewlenin – l-Istat u l-Knisja. Dan bir-raġun għaliex l-Istat huwa responsabbli mill-poplu bħala soċjetà li trid tkun imħarsa mit-taħsir soċjali – u hawn għandu problemi kbar x'jieħu ħsieb. Allura jara l-familja marida bħala biċċa ksir ir-ras għall-ordni soċjali li bħala konsegwenzi jkollha taħsir ta' kull xorta. F'dan il-kwadru saru ħafna diskussjonijiet u ħarġu ideat kultant xejn inkuraġġanti. Jidher li hawn ħafna rjus li jqisu lill-bniedem, individwu jew kollettiv, bħal magna ta' produzzjoni u numru f'kollettività. Qisek għandek merħla nagħaġ tqis kull waħda x'tiswa għalik jew għall-merħla. Mingħajr ma jindunaw ibaxxu lilna ċ-ċittadini u jagħtuna valur skont kif jaqbel lilhom, kemm nikkontribwixxu għall-pajjiż fl-ekonomija, kultura, edukazzjoni, saħħa, sigurtà... Din il-linja ta' ħsieb twassal biex 'il quddiem il-mentalità popolari taċċetta l-abort, l-ewtanasja u anki r-razziżmu. (*Van Gestel*) Il-pajjiżi ewropej jagħtuna xhieda biżżejjed.

Min-naħa l-oħra l-Knisja żammet leali lejn il-missjoni tagħha li tara fil-bniedem ix-xbieha t'Alla. Kull individwu, aktar u aktar familja għandha ruħ li telqet minn u hija indirizzata lejn Alla. Dan juri kemm huwa importanti li kull individwu jsib fil-familja d-dinjità li tassew tixraqlu minkejja d-diffikultajiet u l-problemi li jkollu jħabbat wiċċu magħhom fil-ħajja. La tista' tittratta lill-bniedem bħala annimal soċjali biss u lanqas bħala xi anġlu bla ġisem u relazzjonijiet soċjali. Trid tqisu sħiħ kif inhu.

Wara dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet xotti xotti, nixtieq inkun prattiku u nistaqsi : "X'ser nagħmlu?"

Smajt jitkellem fil-ftuħ tas-sena pastorali f'Palermo f'Ottubru li għadda lill-Prof. Giuseppe Savagna dwar il-problemi li għandha l-Knisja llum fi Sqallija. Huwa ammetta li l-ġlieda kontra d-divorzju hija ġlieda kontra marda soċjali u morali u huwa ferm diffiċli llum tirbaħha. Irsista li jekk irridu nirbħu jeħtieġ nibdew minn isfel. Tipprova tgħin u tfejjaq il-ħsara li tkun saret, iżda hemm bżonn nifformaw l-imħuħ taż-żgħar. Huwa rsista biex tingħata formazzjoni tajba u titkabbar il-mentalità fit-tfal u ż-żgħażagħ dwar xi jfisser iż-żwieġ, kemm hi sabiħa l-familja ħienja, x'jeħtieġ biex ikollok familja kuntenta, il-valuri fil-ħajja biex meta jikbru ma joħolmux b'divorzju.



Anzi dan lanqas għandu jissemma' bla bżonn qisu kien xi ħaġa assoċjata maż-żwieġ. **Għal min jemmen Alla ħalaq iż-żwieġ u l-familja mhux id-divorzju.** B'din is-sistema nkunu qegħdin nifformaw xitel li ma jimradx bil-virus, mhux inbixxu u nikkuraw il-marid.

Jien naqbel ħafna ma' din l-idea u nixtieq li xi darba naraw lill-ikbar istituzzjonijiet ta' pajjiżna, jiġifieri l-Istat u l-Knisja, jaħdmu flimkien bil-mezzi kollha li għandhom biex jagħtu lil Malta żgħażagħ li jemmnu fihom infushom u fil-familja tajba. Nafu li dan huwa fl-interess ta' kulħadd. Għandna skejjel sekondarji fejn insibu x-xitel tas-soċjetà. Bi sforz ġenwin – mhux hafif – flimkien jista' jsir hafna f'dan il-kamp. Nistgħu ngawdu mill-ħidma formattiva tas-Soċjetà tal-Museum li, għall-grazzja t'Alla għandha rabtiet kbar mat-tfal tagħna li jattendu bl-eluf għal-lezzjonijiet regolarment. Għalhekk nittama li xi darba naraw lil dawn it-tliet istituzzjonijiet kbar jaħdmu flimkien u bl-għajnuna ta' organiżmi laterali nneħħu mill-imħuħ il-kelma 'divorzju' u ndaħħlu l-aspetti sbieħ tal-familja Maltija. Ix-xandir għandu responsabbiltà enormi x'jerfa' quddiem is-soċjetà Maltija u quddiem Alla.

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Jum l-Ewropa*



Fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa, nhar is-Sibt 30 t'April, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, ittellgħet attività li kienet iddominata mill-parteċipazzjoni ta' studenti Għawdxin li jattendu l-iskejjel tad-drama u tal-mużika f'Għawdex li taw wirja mżewqa ta' teatru, żfin u mużika b'bixra Ungeriża. Dan minħabba li din is-sena l-Ungerija għandha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea. Barraminhekk, parteċipanti żgħar li jattendu ċ-Ċentru Għawdxi tal-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri f'Għajnsielem, ippreżentaw tpinġijiet u karikaturi tat-tfal li kienu qed jipparteċipaw fl-attività li għamlu dak il-ħin huma stess. Kienu esebiti wkoll tpinġijiet li kienu għamlu qabel dwar xi jfisser għalihom Jum l-Ewropa.



Il-programm kien jinkludi wkoll żfin mill-gruppi folkloristiċi Astra u Aurora, żfin mic-*Central Academy of Dance* u attivitajiet mill-*Victoria Scouts Group* li fost l-oħrajn bnew torri, sajru u għamlu dimostrazzjonijiet ta' ħiliet li jitgħallmu waqt it-taħriġ.

Għal din l-okkażjoni kien hemm ukoll il-Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta William Martin u l-Kap tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta Julian Vassallo. Apparti l-Kummissarju Ewropew John Dalli, l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u l-Assistent Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex Frederick Azzopardi.

## *Żjara ta' korteżija mill-Ambaxxatur Amerikan*



*Mix-xellug għal-lemin Swor Stella Spiteri, Swor. Rose Oliveri, l-Ambaxxatur Amerikan, Swor Elsa Gretter u Swor Antoinette Pace*

Prof. Douglas W. Kmiec, Ambaxxatur għall-Istati Uniti tal-Amerika fil-gżejjer Maltin, għamel żjara ta' korteżija lill-komunità tas-Sorijiet Sależjani, fid-dar tagħhom fir-Rabat, Għawdex, nhar is-Sibt 30 t'April.

L-Ambaxxatur Douglas iltaqa' ma' Swor Rose Oliveri li hi ukoll mill-Istati Uniti tal-Amerika u li issa ilha tgħix mal-komunità tas-sorijiet għal dawn l-aħħar 48 sena, jiġifieri sa mill-bidu tat-twaqqif tal-komunità Sależjana f'Għawdex.

Il-Professur Douglas żar ukoll ir-*Respite Centre* f'Għajnsielem fejn ġie milqugħ u mdawwar mad-dar mid-Direttur Mons Emanuel Curmi u l-Assistent tiegħu Dun Michael Galea.

## Maltin jattendu attività tal-Ġimgħa Mqaddsa



Maltin iżuru ċ-Ċena li kien hemm fil-MUSEUM tas-Subien tan-Nadur.

Bosta Maltin laqgħu l-istedina li saret mill-Uffiċċju tal-Kultura u attendew għall-attivitajiet li ġew organizzati partikolarment biex gruppi ta' Maltin iżuru l-gżira ta' Għawdex matul il-ġimgħa li wasslet għal festa tal-Għid il-Kbir. Saru żjajjar f'diversi postijiet fejn kien hemm wirjiet sagri kif ukoll knejjes fejn kienu esposti settijiet ta' statwi li jintużaw f'purċissjonijiet matul dan iż-żmien tas-sena.

Waħda mill-attrazzjonijiet partikolari kienet serata ta' drawwiet tradizzjonali antiki relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa. Din bdiet permezz ta' rikostruzzjoni taċ-ċerimonja li kienet issir l-Erbgħa tat-Tniebri ġewwa l-Kappella ta' San Ġużepp fiċ-Ċittadella. Wara ħarġet purċissjoni li għaddiet mis-sqaqien dojoq taċ-Ċittadella li kienu illuminati minn fjakkoli u li fiha ħadu sehem nisa lebsin għonienel u faldetti suwed, tfal lebsin żimarri li ġarrew slaleb żgħar u xemgħat kif ukoll irġiel iġorru ktajjen penitenzjali. Din li bdiet bħala sinjal ta' penitenza minn Għawdxin li rnexxielhom jeħilsu mill-iskjavitù hija drawwa li nżammet maż-żmien u għadha tagħmel parti mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li jsiru f'Għawdex.



Purċissjoni fiċ-Ċittadella

L-attività ntemmet ġewwa ċ-Ċentru tal-Kultura u l-Arti fiċ-Ċittadella fejn Anton F. Attard tkellem dwar drawwiet u tradizzjonijiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex. Dan kien jinkludi tagħrif dwar riti u prattiċi reliġjużi flimkien ma' oħrajn popolari fosthom ikel u ħelu tradizzjonali. Dawk preżenti setgħu jduqu tipi ta' ikel bħal ma huma qassatat u torot tal-ful kif ukoll il-qagħqa tal-appostli u l-figolla. Ġie servut ukoll kafè bit-taċċi tal-qronfol li hu wkoll speċjalità tradizzjonali.

Sadanittant numru ieħor ta' Maltin u Għawdxin kisbu biljetti biex jipparteċipaw fit-tieni attività li saret nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu. Il-wirjiet u knejjes magħżula f'din it-tieni rotta kienu n-Nadur, ix-Xagħra, ix-Xewkija, iż-Żebbuġ, San Lawrenz u ġewwa l-Belt Victoria.

## Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa



Ġesù marbut mal-kolonna. Xogħol ta' Michael J. Cutajar Zahra, li kien esebit f'waħda mis-swali tal-wirjiet, fi Pjazza San Franġisk.

L-Għaqda Għawdxija Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira fi żmien tant għażiż għalina l-insara, żmien tar-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir, organizzat Wirja dwar il-Ġimgħa l-Kbira f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex.

F'din il-wirja li nfetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, nhar is-Sibt 19 ta' Marzu, ħadu sehem numru t'artisti Għawdxin li esebixxew statwi li jirrakkontaw il-Passjoni ta' Kristu kif ukoll xi pitturi u oġġetti oħra sagri marbutin ma' dan iż-żmien għażiż tas-sena.

Wieħed seta' jara gandlieri tat-tubru mislufa għall-okkażjoni mill-Patrijiet tal-Knisja ta' San Franġisk, tar-Rabat, Għawdex; pittura ta' Manwel Farrugia; purċissjoni tad-duluri, xogħol maħdum minn Paul Muscat; artal minjatura armat għall-Ġimgħa l-Kbira tal-Kanonku Joe Cardona min-Nadur; statwetti li jirrappreżentaw is-seba' duluri ta' Ommna Marija ta' Anthony Said; statwi ta' Joe Cutajar Zahra u ta' Michael J. Cutajar Zahra; il-ġrajja tas-salvazzjoni, pasturi minn La Bottega di Melchiorre, bini tas-sett minn Jamie Camilleri li joqgħod Marsalforn; Kurċifiss maħdum ġewwa l-belt ta' Lecce, l-Italja, aktarx fil-bidu tas-seklu 20. Il-materjal użat hu kartapesta u terrakotta.

Din is-sena wkoll l-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira, ipproduċiet kartolina filatelika, f'edizzjoni limitata ta' 100. Din il-kartolina ġġib it-timbru tal-Posta tal-Belt Victoria u tiġi ttimbrata f'Ras ir-Randan. Kull sena l-kartolina tiġi ddisinjata minn George Vella mir-Rabat, Għawdex. L-artisti illi x-xogħol tagħhom deher fuq dawn il-kartolini



*Mejda tal-appostli mtellgħa mill-abbatini tal-Parroċċa fil-kmamar li hemm taħt il-Knisja Parrokkjali tal-Munxar.*

huma Joseph Cauchi, Joe Cutajar Zahra, Joe Camilleri, Frank Cassar, Charlie Camilleri, Manwel Farrugia u Michael J. Cutajar Zahra.

Uħud minn dawn l-istatwetti huma replika tal-istatwi u l-vari li joħorġu mill-knejjes fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn l-istatwetti ħafna drabi, iktar tard, wara l-għeluq tal-Wirja, kienu jiffurmaw parti minn wirjiet privati fid-djar, fit-twieqi, f'garaxxijiet u ħwienet u li minnhom issa nibtu numru tajjeb ħafna.

Żorna diversi minnhom. Fosthom dawk ta' Joe Cutajar Zahra, mtella' minn Salvinu Cremona f'garaxx fi Pjazzetta fuq it-Tomba, ir-Rabat. Statwi żgħar xogħol fit-tafal; dik fil-Munxar, imtella' mill-Kanonku Karm Curmi, fejn rajna Ċena maħduma minn zokk taż-żebbuġ f'Ġerusalemm, mibgħuta lilu minn oħtu s-Soru Franġiskana Josephine Curmi, li għal diversi snin kienet mal-komunità Franġiskana fis-Santu Sepulkru. Għamilna żjara ukoll fil-kmamar ta' taħt il-Knisja Parrokkjali tal-Munxar, fejn kien hemm ukoll għall-wiri mejda tal-appostli mtellgħa mill-abbatini tal-Parroċċa flimkien ma' numru ta' vari ta' Paul Curmi u pitturi tal-abbatini Glenn Curmi u Goran Vella.

Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll il-Mejda tal-Appostli bi stil oriġinali Lhudi u statwa *life size* ta' Kristu fl-Aħħar Ċena, mill-aħwa Marlon u Ray Cassar, f'garaxx fi Triq id-Dejqa, ir-Rabat; wirja ta' oġġetti relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa fl-*annex* tal-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ; Mejda tal-Appostli u wirja ta' oġġetti sagri fil-Każin tal-Banda Santa Marija, fi Triq il-Knisja, Żebbuġ; Il-Golgota, rappreżentazzjoni figurattiva tal-Għolja tal-Kalvarju li kienet għall-wiri fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, wara l-Bażilika tax-Xagħra; il-Golgota, rappreżentazzjoni figurattiva tal-Għolja tal-Kalvarju bi statwetti tal-passjoni, fl-*annex* tal-Knisja ta' San Franġisk, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat; wirja oħra tal-Ġimgħa Mqaddsa, b'numru ta' statwetti tal-passjoni, f'Dar Leħen il-Belt Victoria, Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat; wirja oħra din id-darba fil-Każin tal-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem; iċ-Ċena tas-Sinjur fil-Qasam tal-MUSEUM Subien, in-Nadur u oħra mtella' mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13. Rajna wkoll mejda tal-appostli mtella' mill-grupp tal-Vokazzjonijiet u Abbatini tal-Katidral, fil-Kappella ta' Santa Barbara, fi Triq Bieb l-Imdina, iċ-Ċittadella u Gan Ahaba (Ġnien l-Imħabba), rappreżentazzjoni tal-Ġnien tal-Ġetsemani permezz ta' pjanti u arranġamenti ta' fjuri minn Noel Formosa, fil-*Banca Giuratale*, fir-Rabat; il-Golgota b'rappreżentazzjoni figurattiva tal-Għolja tal-Kalvarju bi statwetti tal-passjoni, fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, wara l-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz u l-Aħħar Ċena, Mejda tal-Appostli fl-Oratorju fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija.

## *Kunċert u tiżjin ta' monument*





Fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Fondazzjoni JP2, nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju, tellgħet Kunċert ta' Mużika Sagra, fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur, fl-Għasri, bis-sehem tat-Tenur Aldo Busuttil akkumpanjat mill-Orkestra taż-Żgħażagħ *University Junior College Orchestra*, taħt id-direzzjoni ta' Mro Manuel Pirotta.

Sadattant nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, Mons Isqof Mario Grech, mexxa ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr għall-Beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-Monument li jfakkar iż-żjara pastorali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II f'Għawdex nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1990, nhar il-Ħadd li għadda, l-1 ta' Mejju, ġie mżejjen b'għadd ta' fjuri u b'xemgħa min-nies devoti. Il-Monument li jinsab fi triq imsemmija għall-istess papa, ġie inawgurat nhar is-26 ta' Mejju, 1991.

## Kamp tal-Għid





Il-*Victoria Scout Group* għamlu l-kamp tal-Għid tagħhom mis-Sibt 23 sat-Tlieta 26 ta' April fid-Dwejra. Madwar 90 *Cub*, *Scout*, *Venture Scout* u *leaders* attendew dan il-kamp. Mistieden speċjali għal dan il-kamp kien Dave Clements, lider tal-*Medehamstede Explorer Scouts*, Peterborough, l-Ingilterra. Fi tmiem il-kamp is-Sur Clements li hu ħabib antik tal-grupp Għawdxi ġie maħtur membru onorarju tal-*Victoria Scout Group*. Din hija l-ewwel darba li ngħatat din il-ħatra.

Matul il-kamp ta' erbat ijiem saru żjarat miċ-*Chief Scout* u ċ-*Chief Commissioner* tal-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts* ta' Malta, Kenneth De Martino u Leslie Bonnici rispettivament kif ukoll mill-kappillan tal-Assoċjazzjoni, Dun Anton Briffa, OFM. Grupp ta' *Scouts* Ġermaniżi li kienu qed joqogħdu fil-kwartieri tal-i*Scouts* fir-Rabat ukoll qattgħu xi ħin il-kamp.

## Puttinu Mixja



Il-*Fun Walk for Puttinu*, inizjattiva li ħadu l-impjegati tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Kumitat ta' *Puttinu Cares* f'Għawdex, il-Ħadd 1 ta' Mejju, wara nofsinhar, wasslet biex komplew jinġabru fondi b'risq *Puttinu Cares*, l-organizzazzjoni li tgħin u tappoġġja lil dawk morda bil-kanċer u l-familjari tagħhom.

Giovanna Debono Ministru għal Ghawdex u Frederick Azzopardi, Assistent Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ingħaqdu mal-parteċipanti għal din il-mixja li bdiet mill-entratura prinċipali tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dawn kienu jinkludu numru ta' ħaddiema li jaħdmu f'kull qasam tal-isptar.

## Apprezzament u Awguri

Nhar it-Tlieta 12 t'April, sar riċeviment ta' apprezzament u awgurju ad unur tal-Maġistrat Anthony Ellul. It-trattament ġie organizzat mill-amministrazzjoni tal-Qorti t'Għawdex. Riċentement il-Maġistrat Ellul ġie promoss għas-sedja ta' Imħallef fil-Qrati Superjuri ta' Malta wara li kien ilu għal erba' snin Maġistrat fil-Qrati ta' Għawdex sa minn meta ingħata din il-kariga. Waqt l-attività sar diskors tal-okkażjoni minn avukat anzjan, Dr. Grazio Mercieca, filwaqt li l-Maġistrat wieġeb għalih. Lejn it-tmiem, Dr. Joseph Ellis, f'isem il-korp legali t'Għawdex, ta rigal ta' tifkira lill-Maġistrat. Għal din l-attività kien hemm preżenti membri tal-istaff tal-Qorti mmexxija mid-Direttur, Dr. Mary Debono-Borġ, kif ukoll il-parti l-kbira tal-avukati prattikanti Għawdxin.



*Uħud minn dawk preżenti għal-laqgħa ta' apprezzament lill-Maġistrat Anthony Ellul.*

## 25 karozza Porsche misjuqa minn ġurnalisti u chefs Taljani

Minn nhar is-Sibt 30 ta' April sa nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju, 19–il karozza tal-marka Porsche misjuqa minn ġurnalisti promettenti Taljani kienu qed jiskopru t-territorju Għawdxi. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex flimkien mat-Teatru Arena del Sole ta' Bologna daħal għal dan il-proġett fejn grupp ta' ġurnalisti u *chefs* promettenti mir-Reġjun tal-Emilia Romagna telqu minn Bologna isuqu dawn il-karozzi lussużi fil-vjaġġ tagħhom lejn Malta u Għawdex.


*Uħud mill-karozzi Porsche f'Għawdex*

L-iskop ta' dan il-vjaġġ kien li dawn il-ġurnalisti u *chefs* Taljani jiskopru t-territorju Għawdxi kemm permezz tal-kultura u kemm permezz ta' ikel misjur minn prodotti tipiċi Għawdxin. Dan għamluh billi żaru uħud mir-restoranti ewlenin ġewwa Għawdex, kif ukoll għamlu żjajjar f'postijiet bħal *Magro Foods*, *David's Bakery* fejn ingħataw dimostrazzjoni ta' kif tinħema l-ħobża Maltija u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi fejn ix-*chefs* Taljani għamlu dimostrazzjoni lill-istudenti.

Din kienet okażjoni wkoll għal dawk kollha dilettanti tal-karozzi fejn dawn servew ta' spettaklu għar-residenti Għawdxin f'diversi lokalitajiet.

Ix-*chefs* Taljani għażlu l-prodotti Għawdxin sabiex dawn jiġu esportati lejn Bologna fejn imbagħad dawn ix-*chefs* ser isajru bil-prodotti Għawdxin flimkien ma' prodotti ġejjin minn Emilia Romagna f'dik li tissejjaħ *Serata di Gola* u *Dopo Teatru degli Chef.* Żewġ studenti Għawdxin ser ikunu preżenti fis-*Serata di Gola* ġewwa Bologna fejn ser ikunu qed jassistu lil *chefs* Taljani.

## 100 sena mit-twelid tal-Professur Ġużè Aquilina



Nhar is-7 t'April 1911, twieled fir-raħal ċkejken tal-Munxar, Għawdex, Ġużè Aquilina. Hu ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja Ta' Sannat. Il-Professur Aquilina kien il-bniedem li ħadem bis-sħiħ u stinka biex l-ilsien Malti jikseb il-ġieħ u r-rikonoxximent li jixraqlu meta f'Malta kien hawn il-Kwistjoni tal-Lingwa. Hu għamel isem lil din il-gżira ċkejkna t'Għawdex fejn ħalla partrimonju rikk ta' xogħlijiet u studji letterarji u lingwistiċi. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill tal-Istudenti fl-iskola Primarja Ta' Sannat fil-Kulleġġ t'Għawdex ħa l-inizjattiva biex flimkien mal-istaff tal-iskola jittella' programm f'ġieħu nhar il-Ġimgħa 8 t'April 2011.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm bint Ġużè Aquilina, is-Sinjura Helen Galea Bonavia u r-raġel tagħha, qraba oħra fosthom il-Kanċillier Mons. Salv Debrincat, is-Sindku tal-Munxar is-Sur Joseph Sultana, is-Sindku ta' Sannat is-Sur Philip Vella, l-Arċipriet mill-Parroċċa ta' Sannat Dun Tarcisio Camilleri, il-Kappillan mill-Parroċċa tal-Munxar Dun Michael Said, Mr Carmel Cachia, Kavallier Joe M. Attard, Ex kapijiet tal-iskola ta' Sannat fosthom Michael Camilleri u Francis Mercieca, il-Kap tal-iskola s-Sur Saviour Portelli, l-Assistenti Kapijiet Dame MaryAnne Zammit u S-Sinjura Victoria Cassar, il-Kunsill tal-Istudenti, Staff flimkien mal-klassijiet tat-Tielet, ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Klassi u studenti mill-i*Special Unit.*



Għal din l-okkażjoni tqassmu *bookmarks* bħala tifkira bil-għajnuna ta' EkoGħawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, speċjalment is-Sur Tony Zammit u s-Sinjorina Silvana Sultana. Il-kor tal-iskola kanta l-Innu tal-Iskola u "Inti Djamant" taħt id-direzzjoni tal-għalliema tal-mużika. Wara ttellgħet *play* qasira "Laqgħa mal-Professur" minn xi tfal tas-Sitt Sena u bl-għajnuna tal-istaff. Intweriet Preżentazzjoni b'ritratti u intervisti li saru ma' żewġ anzjani mill-Munxar, Carmel Bajada u Salvinu Mercieca, u li għadhom jgħożżu fil-memorja tagħhom xi tifkiriet ta' Ġużè Aquilina. Din il-Preżentazzjoni kienet mħejjija minn xi membri tal-Kunsill tal-Istudenti flimkien mal-għalliema tal-PSD u l-għalliem tal-ICT. Il-Kav. Joe M.Attard qara Sunett li kiteb hu stess dwar il-Professur Aquilina. Tkellem ukoll is-Sur Carmel Cachia, koordinatur tas-suġġett u għalliem tal-Malti li qanqal interess fost l-istudenti u staff. Kif spiċċa d-diskors

intweriet preżentazzjoni b'ritratti antiki minn ħajjet Ġuże Aquilina. Fl-aħħar u mhux l-inqas il-Kunsill tal-Istudenti ħaseb ukoll biex itella' esebizzjoni bix-xogħlijiet u ritratti tal-Professur, kif ukoll xogħlijiet ta' riċerka mill-istudenti tar-Raba', il-Ħames u s-Sitt Sena.

## *Ħarġa Edukattiva għall-Istudenti*



Il-Programm *Hands On Farming*, fi ħdan il-Kulleġġ Edukattiv t'Għawdex, nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju, organizza ħarġa edukattiva għall-istudenti tal-Iskejjel Primarji fil-Wied ta' Daħlet Qorrot, fin-Nadur li huwa wied mill-isbaħ fejn ix-xogħol tal-bidwi Għawdxi jintegra tajjeb ħafna mal-ambjent naturali ta' dan il-post. Din il-mixja kellha l-għan li teduka l-istudenti u tgħinhom jifhmu aktar il-kunċett Eco-Għawdex jiġifieri kif l-iżvilupp sostenibbli jista' jimxi id f'id man-natura u l-ambjent. Ix-xogħol tal-bdiewa f'dan il-wied tista' tgħid ma ħassar xejn mis-sbuħija naturali tiegħu.

Waqt il-mixja l-istudenti setgħu jidentifikaw u jaraw mill-qrib pjanti u siġar indiġeni bħas-siġar tal- Ħarrub (*Carob*), il-Bruka (*Tamarisk*), siġar taċ-Ċipress, u pjanti bħas-Sagħtar, iz-ziju (*Lesser buckthorn*), Erika (*Med. Heath*) u ħafna oħrajn. F'dan il-wied barra milli hemm ħafna raba saqwi li jissaqqa permezz tal-imtieħen tar-riħ, hemm ukoll numru ta' għelieqi bis-siġar taċ-ċitru mdawra bil-qnieneċ tradizzjonali tal-qasab li jservu ta' ilqugħ kontra ir-riħ.

Il-mixja bdiet mil-bidu tal-wied u baqgħet sejra sal-bajja ta' Daħlet Qorrot. Waqt li kienu neżlin l-istudenti twaqqfu kemm-il darba biex jingħataw tagħrif, ikunu jistgħu jieħdu notamenti u ritratti ta' dawn il-pjanti u siġar Maltin.

## *F'Santa Luċija*

Bħala parti mill-programm tan-*Net Working* tal- EDEN, nhar il-Erbgħa 6 ta' April, il-Komunità ta' Santa Luċija flimkien mal-Fundazzjoni Ta' Klula laqgħu lir-rappreżentanti ta' destinazzjonijiet minn madwar l-Ewropa li f'dawn l-aħħar snin ġew dikjarati mill-Unjoni Ewropea bħala *European Destinations of Exellence*. Mal-wasla tagħhom f'Għawdex huma ttieħdu ġewwa l-lokalità tan-Nadur u wara għaċ-ċena fil-Pjazza ta' Santa Luċija. Din l-attività kienet mżewqa minn kant u għana offrut mill-*Astra Folk Group*.



Il-lokalitajiet li rebħu dan l-*award* huma n-Nadur u Santa Luċija f'Għawdex u l-Mellieħa u l-Isla f'Malta.

## *Open Day fil-Qala*



L-Istitut għall-Istudji Turistiċi fil-Qala fetaħ għal pubbliku bejn in-nofs siegħa ta' wara nofsinhar u s-sitta ta' filgħaxija, il-Ħadd 17 t'April. Dawk li żaru dan il-post ipparteċipaw fi żjajjar madwar l-Istitut filwaqt li ngħataw ukoll informazzjoni fuq korsijiet li għaddejjin bħalissa u oħrajn li ser jibdew minn Ottubru li ġej. Ir-restorant tal-istitut intuża bħala kafetterija fejn l-istudenti attwali servew ikel li ppreparaw huma stess

PMC
PAUL M. CASSAR
TOURS

**ĠITA FL-ITALJA TA' FUQ**
**20 -27 ta' Lulju**
**Inżuru:VENEZIA-PADOVA-RIMINI-URBINO**
**FAENZA-S.MARINO-RAVENNA-BOLOGNA**
**BL-UŻU TA' HOTEL WAĦDA 4 STAR**
**Bi Breakfast, Pranzu u Ċena Buffet**
**Flimkien max-xorb ma' kull ikla**
***
**PELLEGRINAĠĠ FL-ART IMQADDSA**
**7-15 ta' Settembru**
**B'Animatur Spiritwali Patri Frangiskan**
**Inżuru:BETLEHEM-GERIKO-KANA-BETANJA**
**TABOR – NAZARET-KAFARNAHUM ecc.**
**Bi Breakfast, Pranzu u Ċena Kuljum**
***
**Iktar Tagħrif m'għand l-Organizzatur**
**PAUL M. CASSAR, 60 Triq Vajringa, Victoria**
**Tel.21551004-79021033**

**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*

# Jum l-Omm

**Mejju huwa x-xahar tal-Madonna; Mejju huwa wkoll ix-xahar li matulu nfakkru Jum L-Omm. Ta' kull sena aħna niddedikaw Jum lil dik il-kreatura tant għażiża u maħbuba li ġabitna fid-dinja, rabbietna bl-ikbar għożża u min jaf x'għamlet sakemm ratna mmiddu l-ewwel passi tagħna! Mhux biss, imma wara li rabbietna, baqgħet issus warajna lesta dejjem biex tgħinna nterrqu fost tant ħotob u tlajja li toffrielna l-ħajja ta' madwarna.**



Ta' dan kollu aħna nħossuna xejn grati lejha?! Ta' dan kollu aħna nirringrazzjawha xejn?! Dwar dan xtaqt nieħu spunt minn pubblikazzjoni mensili, "Il-Ħbieb Isejħu" li joħorġu l-membri tal-Museum tan-Nadur (Qasam subien). L-istorja li ser nirrakkontalkom iġġib l-isem "Kellhom minn tal-ħmir". Araw x'jidhrilkom minnha!

*Marija kienet armla li tħobb b'imħabba kbira lit-tliet uliedha subien. Tbakkar u tishar biex ma jkun jonqoshom xejn.*

*It-tfal kienu ħawtiela. L-għelieqi tagħhom dejjem mimlija ġid. Wara nofstanhar xogħol fir-raba' kienu jiġu lura d-dar, jintasbu mal-mejda u jieklu dak li ommhom tkun ħejjitilhom. U l-istess kienu jagħmlu fil-għaxija.*

*Iżda darba, meta l-ulied waslu għall-ikla ta' nofs inhar, flok ikla sħuna bħas-soltu, sabu biss ftit tiben mqiegħed f'kull platt li kien hemm fuq il-mejda!*

*"Ma, mela ħsibtna ħmir!" staqsa l-kbir b'ton iebes.*

*"Ħsibt li għandkom minn tagħhom għax dawk jieklu li tpoġġilhom quddiemhom u qatt ma jħossu li għandhom iroddu ħajr lil min iqegħidulhom quddiemhom. U billi intom qatt ma tgħiduli xejn wara li tieklu, ħsibtkom bħal ħmir...tikkuntentaw bit-tiben."*

Ħrafa....iżda b'tagħlima reali. Kemm ulied jersqu lejn il-mejda, jieklu u jitilqu 'l barra bla ma jindenjaw jgħidu *grazzi* jew *prosit* lil ommhom! Kulħadd jieħu gost b'kelma ta' radd il-ħajr. Ħlas żgħir għal tant sigħat ta' xogħol.

Għax x'jiswa li f'Jum l-Omm nagħtuha rigal sabiħ, imbagħad ma nurux apprezzament għal ħidmietha tul is-sena!

**Tassew li l-Omm iktar tapprezza xi kumment sabiħ u f'waqtu milli xi oġġett materjali li żmienu jgħaddi u jintesa ma' tant oħrajn. Kemm aħna neqsin minn dawn il-kumplimenti li ma jiswewx u la flus u lanqas tbatija biex tlissinhom imma kemm iħennu l-qalb ta' min jismagħhom!**

Żgur li mhemmx qalb ikbar minn tal-Omm. Din dejjem lesta biex tagħder, tħenn u taħfer lil uliedha. Fiha, minn naħa l-oħra, l-ulied isibu l-kenn, il-faraġ u s-serħan. F'waħda mill-poeżiji tiegħu, it-tabib Ružar Briffa jistqarr u jsaħħaħ dan il-ħsieb. Hu ma jridx ikidd lil ommu bin-niket u d-dwejjaq tiegħu, iżda għandha jrid [illegible] biex isib il-hena tiegħu. U għalhekk fl-aħħar strofa tal-poeżija tiegħu '*Lil Ommi*', nisimgħuh jgħidilha:

*Aħjar hekk, omm, aħjar taf biss li qalbi / terġa' tithenna xħin inħares lejk / u ħaġa waħda biss issaħħaħ talbi: / ħarsa ta' mħabba minn ħlewwiet għajnejk.*

**Nibżgħu għaliha din il-ħlejqa msejħa Omm jekk din għadha mimlija għomor, mimlija ħajja, u nagħmlu minn kollox biex ma ninkwetawhiex, ma nonqsuhiex; għal kuntrarju, nogħġbuha u nħobbuha. Jekk b'xorti ħażina tlifniha, (lil ommi *Lola* jien tliftha xi snin ilu) ma ninsewhiex, nitolbu għaliha biex il-Mulej jieħu ħsieb idaħħalha fit-tgawdija tas-Sema mnejn titlob għalina u tħejjilna t-triq biex għada pitgħada nkunu nistgħu ningħaqdu magħha!**

Nagħlaq din il-kitba tiegħi billi nikkwota kliem il-Primat tal-Ungerija, il-Kardinal Midzenty dwar l-Omm:

**Hija n-Nar**: it-tfal huma d-dawl. Bid-dija tad-dawl inkunu nafu kemm hu kbir in-nar.

**Hija d-Dielja**: it-tfal il-frieghi. Mill-frieghi nistgħu nqisu l-valur tad-dielja.

**Hija l-Arloġġ**: it-tfal huma l-minutieri. Flimkien dawn juru l-ħin.

**Hija l-Pinna**: it-tfal huma l-kitba. Mill-kitba tagħraf il-karattru tal-kittieb.

**Hija t-Tmun**: it-tfal huma d-dgħajsa. Id-dgħajsa tmur kulfejn ireġiha t-tmun.

**Hija r-Reġina**: it-tfal huma s-suldati. Taħt ix-xettru ta' Omm għaqlija, it-tfal ikunu sodisfatti u kuntenti.

**Bla dubju l-Omm tibqa' dan kollu sakemm tibqa' tieħu ħsieb il-familja u ma titwebbilx titlaq mid-dar biex tibda xi ħajja ġdida ma' xi ħaddieħor, xi relazzjoni ma' *partner* ġdid, għax b'hekk tkun qed toħloq niket u nkwiet għall-ulied li tħalli warajha u instabbiltà fis-soċjetà li qed ngħixu fiha. Għalhekk sewwa wieħed jara li juża l-vot tajjeb meta jasal il-ħin li jivvota fir-Referendum għax vot mitfugħ ħażin ikollu riperkussjonijiet koroh fuq dawn il-gżejjer.**

## MILL-PARLAMENT

### Trattat ta' Sħubija - fondi mill-Unjoni Ewropea

**25181. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 24507 u ċioe: B'riferenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24177, fejn il-Ministru qalet li l-ammont allokat tal-Fondi Strutturali u Fond ta' Koeżjoni tipprevedi klawżola speċifika li tgħid li mill-inqas 10% tal-allokazzjoni totali ta' dawn il-fondi Ewropej għall-perjodu 2007 – 2013 huwa allokat għal Għawdex:

· Peress illi fl-istess tweġiba hija fakkret lill-Għawdxin li l-gżira ta' Għawdex "tinkludi biss 7% tal-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer" u mhux 10% tal-popolazzjoni;

· Peress illi jidher li l-Ministru ma tafx li:

1. d-daqs ġeografiku (l-area) tal-gżira ta' Għawdex huwa 27.3% tad-daqs ta' Malta
2. t-tul tal-kosta ta' Għawdex huwa 31.2% tat-tul tal-kosta ta' Malta
3. d-daqs tal-art agrikola użata f'Għawdex huwa 27.8% tal-art agrikola użata f'Malta

· peress li dawn it-tliet fatturi tal-iżvilupp ekonomiku ta' kull reġjun, jiġifieri d-daqs tal-gżira, it-tul tal-kosta u d-daqs tal-art użata għall-agrikoltura jirrekjedu investiment qawwi biex Għawdex jiżviluppa kemm hu xieraq u mistenni mill-Għawdxin

· peress li minn meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, skont statistika maħruġa mill-Unjoni Ewropea stess, bl-10% tal-fondi Ewropej b'kollox, il-Prodott Domestiku Gross niżel minn 60% tal-medja Ewropea fl-2003 għal 58% fl-2008, tista' l-Ministru tgħid jekk hijiex kuntenta u sodisfatta li Għawdex qed jingħata 10% tal-Fondi Strutturali u Fond ta' Koeżjoni?

Jekk fl-affermattiv, x'inhuma r-raġunijiet li jikkonvinċuha li 10% tal-fondi huma biżżejjed biex Għawdex jieħu dak li hu xieraq u mistenni? Jekk fin-negattiv, x'qed tagħmel biex Għawdex jieħu dak li ħaqqu u li għandu bżonn? *06/04/2011*

**Tweġiba:** Nixtieq ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-allokazzjonijiet tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013 huma skont il-ftehim fuq il-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013, u kif inhu kkonfermat f'Artiklu 5(1) u l-Anness II (1 u 2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1083/2006.

Fil-każ tal-allokazzjoni tal-Fondi Strutturali lil reġjunijiet, din l-allokazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju tal-popolazzjoni tar-reġjun. Fil-każ tal-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni li huwa allokat lill-Istati Membri eliġibbli, il-kriterji normalment użati għal din l-allokazzjoni huma l-popolazzjoni u d-daqs tat-territorju tal-Istat Membru. Qed nispjega dan biex l-Onorevoli Interpellant jifhem li l-kriterju tat-tul tal-kosta, jew il-kriterju tad-daqs tal-art agrikola kif suġġeriti minnu m'humiex relevanti fil-kuntest tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni.

Għal dak li għandu x'jaqsam l-użu tal-kriterju tad-daqs tat-territorju (d-daqs ġeografiku) fil-formula għad-distribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni bejn l-Istati Membri, nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Onorevoli Interpellant li meta tapplika dan il-kriterju, fil-każ ta' Malta li għandha *'extremely high population density'* dan jirriżulta f'telf sostanzjali mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni lil Malta ta' madwar 60 miljun ewro.

Kieku l-Gvern fin-negozjati fuq il-Perspettivi Finanzjarji



2007-2013 mexa fuq is-suġġeriment tal-Onorevoli Interpellant u aċċetta l-użu tal-kriterju tad-daqs tat-territorju fl-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni, dan kien iwassal għal telf qawwi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea, kemm għal Malta bħala Stat Membru kif ukoll għal Għawdex.

Għalhekk il-Gvern kien għaqli li fin-negozjati fuq il-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013 u għamel l-argument li l-kriterju tad-daqs tat-territorju m'għandux ikun applikat għat-tqassim tal-Fond ta' Koeżjoni. Ta' min isemmi li kien hemm bżonn ta' negozjati twal u diskussjonijiet estensivi sabiex dan l-argument fil-fatt ġie aċċettat mill-Presidenza Lussemburgiża mbagħad dik tar-Renju Unit flimkien mal-pajjiżi membri l-oħra. Dan il-ftehim imbagħad wassal biex tkun modifikata l-formula għad-distribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni u fil-każ ta' Malta l-allokazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni saret unikament abbażi tal-kriterju tal-popolazzjoni.

Għalhekk Malta u Għawdex abbażi tal-istess kriterju tal-popolazzjoni ġew allokati 556 miljun ewro ta' Fondi Strutturali u 284 miljun ewro mill-Fond ta' Koeżjoni għall-ammont globali ta' 840 miljun ewro. Il-Gvern meta ġie biex iqassam dawn il-fondi allokati bejn Malta u Għawdex, b'mod konsistenti uża bħala bażi l-kriterju tal-popolazzjoni, u f'dan ir-rigward, billi Għawdex dejjem kien prijorità għall-Gvern Nazzjonalista u hekk se jibqa', il-Gvern ħass il-ħtieġa li jmur oltre s-7 fil-mija li huwa l-persentaġġ tal-popolazzjoni li jirresjedi f'Għawdex u impenja ruħu li jinvesti f'Għawdex fil-perjodu 2007-2013 mill-inqas 10 fil-mija tal-Fondi biex jissaħħaħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Għawdex, jiġifieri 84 miljun ewro. Barra minn hekk, waqt li dawn l-84 miljun ewro se jintefqu speċifikament għall-proġetti f'Għawdex, il-bqija tal-fondi allokati huma miftuħin għall-proġetti kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Tajjeb li wieħed jinnota li kieku l-Gvern mexa mas-suġġeriment tal-Onorevoli Interpellant, Għawdex kien jirċievi 38.92 miljun ewro mill-Fondi Strutturali abbażi ta' 7% tal-popolazzjoni, waqt li kien jirċievi 39.76 miljun ewro mill-Fond ta' Koeżjoni abbażi ta' proporzjon ta' 14% li huwa medja ta' 7% tal-popolazzjoni u 21% tad-daqs tat-territorju. Dan ifisser li Għawdex kien jirċievi total ta' 78.68 miljun ewro, jiġifieri 5.3 miljun ewro anqas minn kemm ġie fil-fatt allokat lil Għawdex minn dan il-Gvern. Ta' min isemmi wkoll li l-Gvern Nazzjonalista mhux biss alloka lill-Għawdex 5.3 miljun ewro iktar minn dak propost mill-Onor. Interpellant imma, bis-sistema preżenti, Għawdex jista' wkoll jibbenefika minn fondi oħrajn li ma jkunx il-każ fi tqassim ibbażat fuq formula stretta kif jidher li jrid l-Onorevoli Interpellant. *13/04/2011*

Anniversarju (1)




# Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex 50 sena Wara (2)



kitba ta' ANTON TABONE

**Nhar il-Hamis 14 ta' April 2011, inżammet it-tieni attività ta' tifkira tal-Ħamsin Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku. L-attività kienet tikkonsisti fil-kxif ta' plakka kommemorattiva mal-ħajt ta' l-entratura fis-sala fejn kienu jsiru is-seduti tal-Kunsill fil-Banca Giuratale fir-Rabat. Il-plakka nkixfet mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Chris Said, responsabbli mill-Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin u tbierket mill-Monsinjur Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Il-kelliema waqt l-okkażjoni kienu s-Sindku tar-Rabat; jien bħala *Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv; l-istess Segretarju Parlamentari; l-Onorevoli Frederick Azzopardi, l-Assistent Parlamentari fl-assenza tal-Ministru għal Għawdex li kienet imsiefra fuq xogħol parlamentari u waqt it-tberik l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Grech ta messaġġ f'waqtu tal-okkażjoni. Hawn taħt qiegħed inressaq l-erba' kelmiet li għamilt fl-għodwa msemmija:**

"Ninsabu hawn dalgħodu biex infakkru li 50 sena ilu fl-14 t'April 1961 ħarġet b'liġi Ordinanza Nru XI tal-1961 biex tipprovdi gvern lokali f'Għawdex u għal finijiet li għandhom x'jaqsmu miegħu.

Ninsabu hawn ukoll għaliex is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex ħa l-inizjattiva f'isem il-Gvern, biex dan l-avveniment storiku jitfakkar kif inhu xieraq. Għalhekk waqqaf kumitat apposta biex jieħu ħsieb iħejji programm t'attivitajiet b'rabta ma' dan l-anniversarju. Jien nagħmel parti minn dan il-kumitat, magħmul mis-Sindku tar-Rabat Dr Samuel Azzopardi, jirrappreżenta lis-Sindki Għawdxin, minn John Cremona, jirrappreżnta lill-Ministeru għal Għawdex, Johann Attard u Anton Said, jirrappreżentaw lis-Segretarjat Parlamentari u s-Segretarju tal-Kumitat Aldo Formosa.

Il-Kunsill Ċiviku twaqqaf b'liġi 50 sena ilu, iżda qablu kien hemm il-Kumitat Ċiviku li ħadem u stinka m'Għawdex kollu biex jgħaqqad lill-Għawdxin wara l-ħsieb tal-formazzjoni tiegħu.Dan il-Kumitat kien jikkonsisti minn Għawdxin ġejjin mil-lokalitajiet kollha t'Għawdex u li kienu rappreżentattivi denji tas-soċjetà ċivili. Ta' min jinnota ukoll li l-Knisja ukoll tat sehem, anzi ħadet sehem, fit-twaqqif ta' dan il-Kunsill u kienet rappreżentata fil-Kumitat li kien qiegħed iħejji it-triq għall- formazzjoni u għar-rikonoxximent eventwali tiegħu mill-Awtoritajiet Ċivili. Effettivament l-Isqof ta' dak iż-żmien kellu rappreżentant tiegħu fil-persuna ta' Dun Nikol Cauchi, iżjed tard Isqof t'Għawdex, kif ukoll rappreżentant tal-Kulleġġ tal-Kappillani Għawdxin. Qed ngħid dan biex nuri kif is-Soċjetà Ċivili u l-Knisja f'Għawdex kienu jinsabu magħqudin wara l-ħtieġa li Għawdex kien jeħtieġlu statura istituzzjonali li tixraqlu fl-għamla ta' Kunsill, li tagħtih miżura t'awtonomija u t'awtorità fl-Arċipelagu Malti.

Meta, aħna tal-kumitat organizzattiv, bdejna niflu kif jista' jkun l-aħjar mod sabiex nikkommemoraw dan l-anniversarju, bdejna niltaqgħu mad-diversi aspetti li ħolqu lil dan il-Kunsill. Aspett ewlieni kien li dan il-Kunsill daħħal il-kunċett importanti ta' gvern lokali u allura ta' devoluzzjoni tal-poter minn wieħed ċentrali u assolut għal wieħed ta' sussidarjetà, jiġifieri li dak li jista' jiġi deċiż u attwat mill-bażi għandu jseħħ f'dak il-livell. Daħħal ukoll il-kunċett tar-reġjonalità; għax il-Kunsill kien jirrappreżenta lill-lokalitajiet tal-gżira kollha f'daqqa, u b'hekk ħareġ fil-beraħ id-dimensjoni tal-gżira kollha. Għaldaqstant waqt il-*post mortem* li għamilna fuqu, skoprejna li quddiemna m'għandniex kadavru, imma minflok għandna korp ħaj li meta tniggżu joqmos.

Jiġifieri dak li qegħdin infakkru illum mhux xi monument ta' żminijiet oħra li għadda, għax għalaq żmienu, imma pjuttost għarafna li l-kunċett u l-esperjenza ta' l-istituzzjoni tal-Kunsill Civiku għadha potenzjalment ħajja, attwali, u valida. Anzi bdejna resqin għall-konklużjoni li dan il-Kunsill Ċiviku jew ġie ħamsin sena qabel iż-żmien, jew li aħna ninsabu quddiem l-istorja ħamsin sena wara ż-żmien! Infatti għall-Konferenza li għandha tinżamm f'Ġunju li ġej, qegħdin naħsbu biex nipproponu t-tema taħt it-titlu ta' "Il-Kunsill Ċiviku-Esperjenza tal-Passat jew Esperjenza għall-Futur." Ċertament mhux għall-esklużjoni tal-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, jew għall-esklużjoni tal-Ministeru, li l-ħolqien tiegħu kien żvilupp maġġuri għal Għawdex, imma għax jeżisti l-ispazju għal dan it-tip ta' Kunsill li jikkomplimenta u jikkonverġi magħhom għall-aħjar amministrazzjoni tal-gżira fuq livell lokali,reġjonali u nazzjonali.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas, nixtieq minn hawn insellem lill-Kunsillieri, Membri tal-Kumitati Distrettwali fil-lokalitajiet u membri ta' l-Istaff li servew fil-Kunsill Ċiviku tul it-tnax-il sena li opera fil-gżira t'Għawdex 1961-1973."

Wara sar riċeviment żgħir. Fost in-nies li attendew din l-attività kien hemm is-Sur Salvu Portelli li kien Kunsillier jirrappreżenta lill-lokalità ta' l-Għarb fl-ewwel Kunsill tal-1961 u l-Kanoniku Dun Ġużepp Zammit li kien Kunsillier ta' l-Għasri kif ukoll l-aħħar President tal-Kunsill Ċiviku sa tmiemu fil-1973.

*Kummentarju (2)*

# *Ferment? Jaffettwa l-Eko-Għawdex?*



*kitba ta'* **MONS. SALV GRIMA**

**Meta ftit ġimgħat ilu xi ħadd esprima l-biża' tiegħu għax qisu "qam ferment sħiħ", fil-ġrajjiet ta' madwarna, mill-ewwel il-ħsieb dar fuq is-sitwazzjoni fil-Libja kif bdiet tisħon sewwa bl-interventi militari miż-żewġ naħiet. Fl-istess ġranet aħbar oħra ħasdet id-dinja meta terremot qawwi fil-baħar ħoloq tsunami li għarraq bliet sħaħ fil-Ġappun b'tant imwiet, ħsarat u effetti oħra marbuta ukoll mal-livelli għolja tar-radjuattività li ħarġu mir-reatturi nukleari b'konsegwenzi diżastrużi fl-arja, fl-ilma u fil-ħajja marittima. Dawn biex insemmu xi eżempji.**

It-tifsira ta' ferment tħassbek ħafna. Hija 'aġitazzjoni', 'eċċitament', 'għagħa', 'inkwiet, 'taqlib', 'taħwid'. Xejn m'huma kliem sbieħ li tista' tassoċjahom mal- proġett ta' eko-Għawdex, ladarba qed ngħixu hawn. Kollha jistonaw ħafna meta qed tant jingħad kif irridu nifhmuh bħala gżira ekoloġika rigward l-ambjent, l-ordni, sbuħija, indafa, manjieri u mġiba, rispett u onestà u tant affarijiet oħra. Imma hemm xi periklu li l-eżempji msemmija joħolqu xi ferment għal artna?

Inkomplu naraw li fejn hemm il-bidu ta' ferment hemm ukoll it-tendenza qawwija li jkompli jeskala, iżid jallarma, jikber u jogħla. U dan xejn ma jkun qed jawgura li l-affarijiet ser jerġgħu lura għan-normal, għallinqas hekk malajr. Infatti l-mewġiet għoljin tal-baħar mill-epiċentru tar-terremot tferrxu lejn artijiet oħra li setgħu nħakmu minn biżgħat u allarm serju. Imma setgħu dawn jaslu sa xtutna?

L-inġustizzji u l-konflitti vjolenti fil-Libja wkoll żiedu mewġiet iktar qliel, did-darba ta' refuġjati u ċittadini maħruba lejn kull naħa biex isibu post aħjar, anki lejn xtutna. Xejn inqas ġara minn pajjiżi oħra mill-Afrika ta' Fuq li huma wkoll żiedu l-ferment imsemmi. Jista' Għawdex jibqa' bla mittiefes meta qed nitkellmu minn baħar wieħed?




## *Ferment Iktar Serju*

**Iżda min esprima dan il-biża' ried jifhem li hemm ferment ieħor li huwa ta' għamla oħra u li għandu bidu minn ġo darna stess. Infatti dawn il-ġimgħat żdied id-diskors u d-dibattitu dwar mewġ ieħor li qed jaħbat bis-saħħa kontra l-ambjent tal-familja, is-sbuħija taż-żwieġ, l-armonija tas-soċjetà tagħna, il-ħarsien tal-ulied, u s-sħuħija tal-ġenerazzjonijiet futuri. Possibbli dawn m'għandhomx jitqiesu bħala parti essenzjali mill-ekoloġija Għawdxija?**

Hawn qed jintmessu bnedmin u mhux xi rqajja' ta' art, strutturi ta' bini, veduti panoramiċi, siti arkeoloġiċi, ippjanar rurali jew xi tibdil ġeografiku. Anki l-proposta li reġgħet tqajmet dwar kif tista' tkun eliminata l-insularità ta' Għawdex hija xi ħaġa ta' natura serja minħabba l-aspett ekoloġiku ta' gżiritna. Imma x'valur kien ikollu dan li qed ngħidu kieku mhux għax hemm fin-nofs il-bniedem li jibqa' b'post ċentrali fejn jidħol eko-Għawdex? Imbagħad **fejn tidħol il-familja m'għandhiex tkun xi ħaġa wisq iktar serja għall-andament seren u aċċettabbli f'dik li hija ħajja Għawdxija?**

## *Ferment Pożittiv?*

Ladarba ninsabu f'din is-siegħa partikulari li bilfors tmiss lill-familja Għawdxija wkoll, nistgħu niffissaw biss fuq il-mewġa qalila u qerrieda li għandna quddiemna u madwarna? F'mument bħal dan huwa interessanti li wieħed jiskopri u jsib x'jista' jgħin għal ambjent familjari iktar san, u allura anki favur eko-Għawdex. Dan nistgħu nsibuh f'waqtu minn dak li qalulna l-Isqfijiet fil-Pastorali tagħhom għar-Randan 2011 u li jservi ta' kontribut pożittiv. Infatti "din is-sena l-Mulej fetħilna għajnejna fuq xi ħaġa li kienet hemm, iżda ħassejna lilna nfusna qisna bla qawwa quddiemha". Anki eko-Għawdex mhux eżentat mill-ħtieġa li qabel xejn jagħraf x'għandu u jieħu ħsiebu aħjar biex jissawru suriet ġodda u li jagħmlulu ġieħ.

**Iktar minn hekk ikomplu jgħidulna wkoll li din il-mewġa li qed tqajjem ferment "hija sfida sabiħa" tant li "din is-sena rridu neħduha bħala grazzja mill-Mulej għax lilna l-Insara fetħitilna missjoni kbira. Ma nistgħux nibqgħu b'rasna mistrieħa dwar il-kultura taż-żwieġ: għandna l-missjoni li nibnu kultura ġdida dwar iż-żwieġ".** Tista' timmaġina li għal eko-Għawdex, anki f'aspetti oħra, m'hemm xejn ġdid x'tagħmel? Pjuttost il-kuntrarju: hemm ħafna x'jista' jsir u għandu jsir, u anki x'jiġi kkonservat u għandu jiġi kkonservat bil-għaqal u ma jitħalliex li jiġi rovinat. Dan japplika xejn inqas għall-familja u jitlob impenn serju u kontinwu bis-sehem ta' kulħadd u li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd. Mhux impenn ħafif li għandna nħalluh għaddej qisu xejn. Anki dan jista' jitqies bħala għamla ta' ferment serju.

*Kummentarju (3)*

# *"Fil-bidu ma kienx hekk..."* (Mt 19:8)
## *Riflessjoni fuq il-kuxjenza Nisranija*



*kitba tal-*KAN. GEORGE J. FRENDO

**In-Nisrani kif għandu jiddeċiedi? X'għandu jkun il-kriterju li fuqu għandu jimxi biex id-deċiżjonijiet li jieħu jkunu jixirqu lilu u l-isem li jġib, jiġifieri "*Christianus sum*": "Jien ta' Kristu"?**

Din il-mistoqsija, li għandha tixhed għal atteġġament kostanti u fundamentali, in-Nisrani għandu jagħmilha qabel kull azzjoni personali li jieħu. In-nuqqas tagħha jixhed għal bżonn ta' integrazzjoni iktar sħiħa tal-fidi li jistqarr mal-ħajja li jgħix. Ħadd mhu qed jassumi, jew jgħid, li dan il-proċess ta' integrazzjoni tal-fidi mal-ħajja hu xi ħaġa awtomatika, jew mingħajr diffikultà. Il-Knisja propjament għalhekk qiegħda: sabiex tgħin lil uliedha jimxu 'l quddiem f'din it-triq ta' l-integrazzjoni aktar sħiħa tal-fidi mal-ħajja li twassal għall-konformazzjoni kemm jista' jkun profonda mal-mudell ewlieni, li hu Ġesù Kristu mogħti għalina fuq is-salib u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna.

Tgħiduli: Imma dan x'għandu x'jaqsam mas-suġġett tagħna? Għandu x'jaqsam u kif! Nibda nwieġeb għal din il-mistoqsija billi nagħmel mistoqsija oħra: X'inhuma l-kriterji li jistgħu jintużaw biex wieħed jasal għal deċiżjoni? Huma bażikament tnejn:

1. in-natura jew essenza ta' l-affarijiet,
2. l-effetti jew konsegwenzi ta' l-affarijiet.

Ħa niġu għall-ewwel kriterju, jiġifieri *min-natura jew essenza ta' l-affarijiet.* Dan ifisser li qabel ma wieħed jiddeċiedi, jagħmel din il-mistoqsija: **X'inhi n-natura tal-ħaġa fiha nfisha: tajba jew ħażina fiha nfisha? Mela jekk il-ħaġa hija tajba fiha nfisha, allura nagħmilha, iżda jekk hi ħażina fiha nfisha, allura nwarrabha.** Dan il-mod ta' raġunament u aġir jassumi li t-tajjeb u l-ħażin jeżistu indipendentement mir-rieda tiegħi. Dan ifisser li:

- Mhux jien niddeċiedi x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, iżda jien nagħraf bl-għajnuna tar-raġuni u – fil-każ tan-Nisrani – bl-għajnuna miżjuda tal-fidi, x'inhu t-tajjeb u l-ħażin ta' l-oġġett, u allura naġixxi b'konsegwenza ta' hekk. F'dan il-każ jien inkun qed nasserixxi wkoll li jien m'iniex magħluq fija nnifsi u qisni dinja għalija.
- Din it-tip ta' etika u ta' morali tissejjaħ etika u morali oġġettiva jew essenzjali: jiġifieri ma tagħmilx lill-individwu l-kriterju tal-verità u tas-sewwa.
- **Din it-tip ta' etika u ta' morali tasserixxi li t-tajjeb u l-ħażin, ladarba ma jiddependux mill-individwu, lanqas ma jiddependu mill-individwi flimkien, jew mill-kollettività jew maġġoranzi kontra minoranzi** li huma normalment deċiżi u stabbiliti permezz ta' votazzjonijiet. It-tajjeb u l-ħażin għaldaqstant joħorġu 'l barra mill-kapaċità u mill-ambitu ta' l-individwu/i, hu/huma min hu/huma, u hi x'inhi l-pożizzjoni li jokkupa/jokkupaw temporanjament. **It-tajjeb hu tajjeb fih innifsu u l-ħażin hu ħażin fih innifsu.**
- Skont din l-etika u morali, allura, il-bniedem hu msejjaħ u għandu l-mezz (ir-raġuni li hi komuni għall-umanità kollha ta' kullimkien u ta' kull żmien) biex jagħraf it-tajjeb u l-ħażin ta' l-oġġett u jidderieġi d-deċiżjoni tiegħu skont dan il-kriterju oġġettiv.
- Din it-tip ta' etika jew morali tfisser li t-tajjeb hu tajjeb mhux għax għandu effetti jew riżultati tajbin, u l-ħażin hu ħażin mhux għax għandu effetti jew riżultati ħżiena, **iżda l-effetti jew riżultati huma tajbin għax il-ħaġa hija tajba fiha nfisha, u l-effetti jew riżultati huma ħżiena għax il-ħaġa hija ħażina fiha nfisha. Mit-tajjeb tajjeb joħroġ, u mill-ħażin ħażin joħroġ. Dan ifisser li d-deċiżjoni mhix iggwidata mill-effetti jew riżultati ta' l-oġġett li jkun.**
- F'din it-tip ta' etika u morali jien ma ngħidx: "Ħa nara u nikkunsidra x'inhuma l-effetti jew ir-riżultati ta' l-oġġett li jkun, imbagħad niddeċiedi skont ma jidhirli jien". Dan għaliex din it-tip ta' etika jew morali mhix meqjusa mill-effetti iżda mill-kawża, mill-essenza ta' l-affarijiet. **La ħaġa hija tajba hi tajba, u la ħaġa hija ħażina hi ħażina. Din hi etika u morali mibnija fuq il-prinċipji li jgħajtu lill-valuri, li mhux biss huma 'l fuq mill-bniedem iżda jiggarantixxu l-integrità u d-dinjità tal-bniedem ta' kullimkien u ta' kull żmien.**

Niġu issa għat-tieni mod jew kriterju ta' kif wieħed jista' jasal biex jiddeċiedi fuq għemil. Dan huwa l-hekk imsejjaħ kriterju utilitaristiku jew ta' konvenjenza, jew, b'mod sempliċi, ta' *dak li jaqbilli f'dan il-mument.* Dak li jaqbilli hu tajjeb għalija, u dak li ma jaqbillix hu ħażin għalija. F'dan il-kuntest, allura, jien li jinteressani hu mhux l-oġġett fih innifsu hux tajjeb jew ħażin, iżda x'ħa jkunu l-konsegwenzi jew riżultati fuqi jekk jien nagħmlu jew ma nagħmlux. Din hi norma ta' aġir mill-konsegwenzi, bil-maqlub għal ta' fuq. *Per se*, ma tidħolx fi kwistjoni ta' prinċipji u valuri jew, jekk tidħol, tafferma l-prijorità assoluta ta' l-individwu li jiddetermina hu x'inhu li jaqbillu jew ma jaqbillux. Dan ifisser li l-individwu, jew ma jinteressahx x'inhu t-tajjeb jew ħażin fih innifsu, jew ma jammettix li t-tajjeb u l-ħażin

jeżistu fihom infushom, jew għalih it-tajjeb u l-ħażin huma determinati mill-effetti jew riżultati li sa jħallu fuqu.

- Bil-maqlub għall-ewwel tip ta' etika u morali, f'dan il-kuntest wieħed jirraġuna li ħaġa hi tajba għax għandha effett tajjeb għalija, u ħaġa hi ħażina għax għandha effett ħażin għalija. Mela l-bniedem jagħmel lilu nnifsu l-kriterju ta' x'inhu t-tajjeb u l-ħażin.
- Ladarba t-tajjeb huwa ddeterminat mill-individwu, jista' jiġi ddeterminat mill-individwi flimkien: permezz ta' maġġoranza kkalkulata minn votazzjoni. Hekk ukoll il-ħażin, ladarba hu ddeterminat minn individwu, jista' jiġi ddeterminat minn individwi flimkien, permezz ta' maġġoranza kkalkulata minn votazzjoni.
- Dan ifisser ukoll li dak li ġie kkalkulat bħala tajjeb il-lum, jista' jiġi kkalkulat bħala ħażin għada, għax il-bażi tal-kalkolu hi l-wieħed/ħafna u mhux l-oġġett fih innifsu. Din l-etika tissejjaħ ukoll l-etika tas-sitwazzjoni, li fl-aħħar manifestazzjoni tagħha hi etika bla etika, ladarba m'għandhiex punt fiss jew punti fissi ta' riferiment, ta' valutazzjoni u ta' ġudizzju.

Imma barra minn dawn iż-żewġ modi jew tipi ta' kif wieħed jasal biex jieħu deċiżjoni, u li aħna kkuntestajna bħala etika jew morali oġġettiva/essenzjali u etika jew morali suġġettiva/utilitaristika, hemm mod ieħor. X'inhu dan il-mod? Inwieġeb billi nagħmel mistoqsija oħra: **Imma Ġesù kif kien jiddeċiedi? Fl-aħħar mill-aħħar għan-Nisrani, il-bniedem ta' fidi, li skont San Pawl għadda mill-fażi tad-dixxipulat, jiġifieri wieħed li jimxi wara Ġesù... għal wieħed li *qed jgħix f'Ġesù* b'mod tali li *Ġesù qed jgħix fih*, li għandu jimpurtah hu dan: Ġesù kif kien jiddeċiedi?** X'kien il-kriterju li ggwida d-deċiżjonijiet kollha tiegħu, "Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla" (Fil 2:6)? It-tweġiba hi sempliċi, bħalma sempliċi huwa Alla. **Għal Ġesù l-kriterju għad-deċiżjonijiet u għall-aġir tiegħu kien ir-rieda tal-Missier.** Il-Vanġelu huwa miżgħud b'xhieda għal dan. Biżżejjed insemmu test wieħed: "Jien ma ġejtx biex nagħmel ir-rieda tiegħi, iżda r-rieda ta' min bagħatni" (Ġw 6:38).



**F'dan il-kuntest għandna naraw u nifhmu għaliex Ġesù, meta għamlulu dik il-mistoqsija fuq il-leġittimità ta' l-att tar-ripudju tal-mara li kien jawtorizza żwieġ mill-ġdid, jew, kif inhu legalment imsejjaħ, id-divorzju, hu wieġeb mhux billi qagħad jargumenta fuq in-natura ta' l-oġġett fih innifsu, jiġifieri jekk hux tajjeb jew ħażin, jew inkella billi qagħad jikkalkula jekk jaqbel jew ma jaqbilx għall-individwu, iżda wieġeb billi rreferihom għar-rieda oriġinali u oriġinanti tal-Missier: "Fil-bidu ma kienx hekk...".**

- Hawn ta' min jgħid li dan strettament mhux it-tagħlim ta' Kristu, iżda ġej mir-rieda tal-Missier innifsu; jiġifieri m'hemmx fejn tasal iżjed, kif is-soltu ngħidu. Anki Ġesù stess baxxa rasu għar-rieda tal-Missier. **Għaldaqstant min jeħodha kontra dan it-tagħlim mhux biss qed jeħodha kontra t-tagħlim tal-Knisja jew kontra t-tagħlim ta' Ġesù. Dan diġà fih innifsu hu xi ħaġa gravi u serja immens, aħseb u ara meta wieħed qed ipoġġi lilu nnifsu f'kontradizzjoni diretta u espliċita mar-rieda ta' Alla l-Missier. Nerġà ngħid, m'hemmx fejn tasal iżjed!**
- Ta' min jgħid ukoll li ladarba din hi r-rieda oriġinali u oriġinanti u allura kreattiva tal-Missier, allura kull tentattiv kontriha hu att ta' qerda tal-ħolqien tal-bniedem, intiż fit-totalità u fl-unità tiegħu ta' raġel u mara. **Jekk l-għaqda ta' bejn ir-raġel u l-mara hi kostitutiva ta' l-istess umanità, mela d-disgregazzjoni tagħha hi l-qerda ta' l-istess umanità. Hu propju għalhekk li din l-għaqda oriġinali u oriġinanti hi mħarsa mir-rieda eterna tal-Missier u ma tistax tinbidel. Dan biex jiġu mħarsa mill-qerda tagħhom infushom l-istess bniedem u l-istess umanità.**
- Ta' min jinnota wkoll li meta Ġesù jirreferi għal dak li kien mill-bidu, allura qed ipoġġih bħala kriterju inappellabbli darba għal dejjem. Fil-bidu la kien hemm Kristjani, la kien hemm Musulmani u lanqas ma kien hemm Induisti, Buddisti, atej jew indifferenti, iżda kien hemm il-bniedem: raġel u mara. Xi jfisser dan? Dan ifisser li min jgħid "Intom l-Insara għandkom it-tagħlim tagħkom li jipprojbixxi d-divorzju u m'għandkomx timponu t-tagħlim u l-istil ta' ħajja tagħkom fuq ħaddieħor, li jew m'għandux l-istess tagħlim tagħkom jew ma jimpurtah assolutament xejn minnu. Ħallu 'l kulħadd jaġixxi skont il-kuxjenza li għandu jew m'għandux", ma jafx x'inhu jgħid! Dan għaliex Ġesù ma qalx "Mil-lum 'il quddiem m'hemmx divorzju" jew "Min jiżżewweġ biż-żwieġ sagrament fil-Knisja ma jistax jiddivorzja", iżda qal ċar u tond u b'mod li fehmu kulħadd li **wieħed ma jistax jibgħat 'il martu 'l barra u jagħtiha l-kitba tad-divorzju, għax dan hu direttament kontra r-rieda oriġinali u orġinanti tal-Missier Ħallieq u għaldaqstant ma jixraqx lill-bniedem. Id-divorzju hu ħażin għal kulħadd u ma tistax tagħmlu/taċċettah daqskemm li toqtol, li tisraq, li tigdeb huma ħżiena għal kulħadd u ma tistax tagħmilhom/taċċettahom.**

Tiswa ħafna t-twissija li San Pawl kien għamel lit-Tessalonkin meta qalilhom: "Min iwarrab dan it-tagħlim, ikun iwarrab mhux lill-bniedem, imma lil Alla li takom l-Ispirtu Qaddis tiegħu" (1 Tess 4:8).

---

*Il-Kanonku George J. Frendo, assistent maestro di cappella tal-Bażilika ta' San Ġorġ u direttur tal-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri, jgħallem it-Teoloġija Morali fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.*

*Riflessjoni Biblika*

# *Minn fuq is-Salib u fil-Qawmien Ġesù jagħti l-Ispirtu Tiegħu lilna*



*kitba ta'* MONS. LAWRENZ SCIBBERAS

L-aħħar ġrajjiet ta' Ġesù fuq il-kalvarju, dejjem kif jgħaddihomlna Ġwanni x-xhud okulari, jiġbru fihom ħames xeni minsuġin u mxebilkin ma' xulxin, u f'kull waħda hemm xena ta' rivelazzjoni (1) (Ġw 19, 7-22), (2) (Ġw19, 23-24), (3) (Ġw19, 25-27), (4) (Ġw19, 28-30), (5) Ġw19, 31-37). Issa x-xena tal-mewt ta' Ġesù hija mmarkata b'sollennità kbira u din tilħaq il-mument kruċjali ta' ħajjet Ġesù bil-għotja ta' l-Ispirtu: "Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu" (Ġw 19,30). Dik is-siegħa li minnha jitkellem Ġwanni (Ġw 13,1) hawn fuq il-kalvarju issib il-qofol tagħha.

***Is-siegħa tal-Kalvarju***

Sa dan il-waqt is-"siegħa" kienet għada ma waslitx, (Ġw 2,4); 7, 30; 8,20). Issa però fuq il-Kalvarju iva, siegħat Ġesù waslet tassew u fil-milja tagħha. Ġesù bata, Ġesù qiegħed merfugħ fuq is-salib, Ġesù wera li huwa tassew sultan kif tikkonferma l-kitba li kellu fuq rasu, u fl-aħħar Ġesù radd l-Ispirtu tiegħu fuq id-dinja.

L-espressjoni bil-Grieg fejn juri l-mewt ta' Ġesù bħala għotja ta' l-Ispirtu hija παρεδωκεν το πνευμα, jiġifieri radd l-Ispirtu (Ġw 19,30). Issa kif jaf jagħmel Ġwanni, din l-espressjoni għandha tifsira doppja. Dan is-sens doppju jdur dejjem mal-mewt ta' Ġesù: fuq livell STORIKU dan idur madwar l-aħħar nifs ta' qabel ma miet Ġesù hemm fuq is-salib. Filwaqt li fuq livell TEOLOĠIKU hemm l-għotja tad-don ta' l-Ispirtu ta' Ġesù nnifsu. Għal



Ġwanni d-dehra ta' Kristu qed imut tibqa' titwal; l-aħħar nifs tal-ħajja li jagħti Ġesù jsir in-nifs ta' dak l-Ispirtu li joħloq u janima ħolqien ġdid. Dan kollu jseħħ aktar tard fi Ġw 20,22, il-ġrajja tal-qawmien ta' Ġesù : "Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: Ħudu l-Ispirtu s-Santu". Dan il-kuntest issa huwa dak tal-qawmien glorjuż ta' Ġesù, li ġara fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

Meta jikteb dwar il-għotja tal-Ispirtu ta' Ġesù stess, l-evanġelista Ġwanni jikteb il-verb παραδιδωμι "paradidomi" li jfisser "tgħaddi lil xi ħaddieħor dak li huwa jirċivieh bir-rieda proprja tiegħu". Lil dawk li jemmnu mela Ġesù tahom l-Ispirtu dak li huwa stess irċieva mill-Missier u Ġesù fl-aħħar mument ta' ħajtu jgħaddi u jagħti dan l-Ispirtu tiegħu lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Bir-raġun għalhekk li l-mewt ta' Ġesù u t-tiswib ta' l-Ispirtu tiegħu huwa l-ewwel parti tal-Pentekoste ta' Ġwanni.

***Ir-rigal ta' l-Irxoxtat (Ġw 20,19-23)***

Biex wieħed ikun jista' jifhem aktar il-qawwa ta' kliem Ġesù f'din l-ewwel dehra tiegħu wara li qam mill-mewt, hemm bżonn li wieħed jifli sew it-tifsira sħiħa ta' din ix-xena glorjuża.

L-ewwel element li għandu marka qawwija huwa l-kliem meta seħħet din il-ġrajja jiġifieri "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" (Ġw 20,19), mela fil-bidu ta' ġimgħa ġdida, ġimgħa inawgurata mill-irxoxt. Issa M.E. Boismard jinnota li Ġwanni jqiegħed il-ġrajjiet ta' 1,19-2,12 fir-ritmu ta' Ġimgħa. U hawn ukoll niltaqgħu mal-ġimgħa tal-Ġenesi. Hekk mela Ġesù jibda' l-ħajja pubblika tiegħu f'dinja ġdida ta' ħolqien ġdid. Mela Ġesù wkoll, bil-qawmien tiegħu jibda ġimgħa ġdida, ġimgħa ta' rebħa assoluta u ta' ħarsa lejn il-ġejjien issiġillat mill-qawmien tiegħu. U dan il-ħolqien ġdid jiġi ssiġillat bil-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu (Ġw 20,22).

Fl-ewwel ġimgħa l-opra tal-fidwa ta' Kristu ġiet inawgurata, f'din it-tieni ġimgħa, ġimgħa li issa se tibda taħt il-ħarsien u t-tmexxija ta' l-Ispirtu din l-opra ġiet realizzata tassew.



### *Id-daqqa ta' lanza*

Madankollu wieħed irid iżid ukoll it-tifsira sħiħa tad-daqqa ta' lanza, li jiktibha BISS Ġwanni x-xhud okulari. Mingħajr dubju Ġwanni jrid jagħmel riferenza għall-għajn tal-Ispirtu liema għajn huwa l-kustat issa miftuħ beraħ ta' Kristu mejjet.

B'dawn ir-riflessjonijiet f'moħħna issa wieħed jista' jifhem aktar il-qawwa tal-kliem u l-ġrajjiet li seħħew wara l-qawmien; mela, Ġesù jibgħat l-appostli għall-missjoni speċifika (Ġw 20,21); id-don tal-Ispirtu (Ġw 20,22), il-qawwa tal-maħfra tad-dnubiet (Ġw 20,23).

L-ewwel att missjunarju ta' Ġesù rxoxt huwa l-mandat missjunarju lill-Ħdax (Ġw 20,21). Wieħed għalhekk iħares lejn dan il-mandat minn żewġ angoli differenti. Fi (Ġw 17,18) Ġesù juri x-xewqa ċara li jibgħat id-dixxipli fid-dinja, liema dixxipli kien Ġesù li għażilhom. Meta Ġesù qed jibgħat id-dixxipli kif il-Missier bagħat lilu, il-kelma "kif" hawn tfisser li Ġesù stess se jieħu sehem f'din il-missjoni. Mela l-appostolat ta' dawn id-dixxipli għandu ċerta saħħa, għandu enerġija divina marbuta bejn Kristu, l-Missier u l-Ispirtu s-Santu.

Dan il-mandat ikompli jiġi speċifikat kemm mill-kliem ta' Ġesù kif ukoll mill-att simboliku ta' Ġesù meta "**jonfoħ**" fuq l-appostli. Dan il-verb *enphysân* huwa rari ħafna fil-Grieg tas-Sebgħin (LXX). Fost it-testi hemm dak ta' Ġen 2,7. Il-Mulej "**nefaħlu**" fi mnifsejh nifs il-ħajja". Il-profeta Elija **jonfoħ** fuq it-tifel u jagħtih mill-ġdid il-ħajja (1 Slat 17,21). L-istess dwar il-kas ta' Eżekjel. Meta jiġi r-ruħ u **jonfoħ** "fuq dawn il-mejtin, ħa jerġgħu jieħdu l–ħajja" (Eżk 37,9). Issa wara l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, dan ukoll **jonfoħ** u jagħti l-qawwa tal-Ispirtu lill-Ħdax, li jwellidhom twelid ġdid (Ġw 3,15). Ġesù jagħtihom mill-Ispirtu tiegħu biex jagħmel minnhom ħlejjaq ġodda. "Kif qal hekk, **nefaħ fuqhom** u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw 20,23).

### *Matul iż-żmien*

Il-funzjoni kreattriċi ta' dan l-Ispirtu tidher matul iż-żmien tal-Knisja permezz ta' dik l-azzjoni li tnaddaf fil-maħfra tad-dnubiet (Ġw 20,23). Hekk wieħed ikun qed iħassar dik is-sitwazzjoni negattiva li tant timmortifika u tkerraħ il-ħajja tal-bniedem għax ma jkunx f'għaqda sħiħa ma' Alla. Il-Papa Benedittu XVI fil-ktieb: "Ġesù ta' Nazaret (2)",meta jitkellem u jfisser il-ġest tal-ħasil ta' riġlejn l-appostli bil-qawwa kollha filwaqt li jagħmel riferenza għas-sagrament tal-qrar, jikkonkludi hekk dwar il-bniedem li jgħix fil-ħtija tad-dnub: "Dan ma jistax ikompli jgħix u jaħbi l-pjaga fir-ruħ li din tkun tnixxi l-materja u hekk tivvelena l-intern kollu (pġ 88). Issa dan il-fejqan jiġri kemm bl-amministrazzjoni tas-sagrament tal-magħmudija kif ukoll fil-prattika tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni" (1 Ġw 5,16; Ġak 5,16.20).

Hekk mela titkompla l-funzjoni salvifika ta' Kristu Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja (Ġw 1,29). Minn issa 'l quddiem din il-missjoni tal-maħfra tkompli ssir permezz tad-dixxipli li Kristu jagħżel għalih, u li huma mżejnin bil-qawwa ta' l-Ispirtu, li Kristu raddilhom meta kien fuq is-Salib hemm fuq il-Kalvarju.

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074



*Kummentarju (4)*

# *Premju Qalb tad-Deheb 2010*
# *IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA FIS-SOĊJETÀ MALTIJA*



*kitba tan-*NUTAR PAUL Ġ. PISANI

**Għal dawn l-aħħar 41 sena, il-MOVIMENT ta' KANA f'Għawdex jippremja lil dik il-familja li tkun għaddiet minn xi tribulazzjoni u baqgħet iżżomm sħiħa u magħquda minkejja d-diffikultajiet li tkun għaddiet minnhom. Dan il-premju għandu l-għan li jqiegħed fil-'*limelight*' l-aġir nobbli tal-familja magħżula sabiex isservi ta' mudell għas-soċjetà tagħna. Il-Moviment ta' Kana f'Għawdex, kull sena jirċievi nominazzjonijiet minn entitajiet ċivili u ekkleżjastiċi kif ukoll minn individwi privati. Bord ta' l-għażla jagħrbel dawn in-nominazzjonijiet u jagħżel dik il-familja li jidhirlu li tkun l-aktar tisthoqq dan il-premju.**

In-Nutar Paul Ġ. Pisani li ppresieda l-kumitat tal-għażla "Familja Qalb tad-Deheb 2010" ħa l-okkażjoni tal-għoti ta' dan il-Premju biex jikkummenta dwar it-titlu tiegħu u jirrifletti dwar "il-familja" fiż-żmien li għaddejjin minnu.

**"Il-Familja hi l-'*unit*' bażiku tas-soċjetà. Il-familja titwieled biż-żwieġ, għalina l-insara, elevat għall-grad ta' sagrament, fejn raġel wieħed u mara waħda jagħtu kelmithom lil xulxin li jiffurmaw ġisem wieħed għal matul il-ħajja naturali tagħhom. Il-wegħda taż-żwieġ hija trijangolari għaliex iddaħħal lil Alla bħala xhud ta'din il-wegħda. Hija perpetwa u mhux temporanja. Hija għażla ta' ħajja u mhux staġjonali jew perjodika; hija wegħda sollenni li quddiem il-liġi għandha il-vinkolu ta' kuntratt u mhux ftehim kwalunkwe. Il-Kodiċi Ċivili tagħna jistqarr bla tlaqliq li l-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbiltà tal-familja.**

F'pajjiżna fil-preżent għaddejja diskussjoni pubblika dwar l-introduzzjoni tad-divorzju fl-ordinament ġuridiku ta' pajjiżna. Filwaqt li d-diskussjoni dwar il-problemi tal-familja Maltija fiha nfisha ma' fiha xejn ħażin, speċjalment jekk tistimola diskussjoni dwar l-għajnuna li kemm Stat kif ukoll Knisja għandhom jagħtu lill-koppji li għaddejjin minn diffikultajiet fir-relazzjoni personali ta' bejniethom, irridu noqgħodu attenti li ma naslux għal konklużjonijiet affrettati li jistgħu jagħmlu aktar ħsara milli ġid. Nistgħu inġibu quddiem għajnejna l-metafora tal-bennej li peress li ma' tantx kien tas-sengħa safa' mirdum wara li pprova jaqla' ġebla mmelħa minn ħajt, sabiex jibdilha, mingħajr ma' għamel l-irfid neċessarju.



Is-soċjetà Maltija sa' issa dejjem għożżet il-mudell nisrani taż-żwieġ u dana minħabba l-għeruq insara tagħha li jmorru lura sal-wasla fostna ta' Missierna San Pawl. Iż-żwieġ nisrani, paragunat ma'dak strettament ċivili, għadu l-aktar żwieġ preferut mill-koppji Maltin. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, wara ż-żjara memorabbli tiegħu f'Malta, fl-udjenza ġenerali tal-21 t'April 2010 kellu dan il-kliem x'jgħid:

> *Minn dan in-nawfraġju, jew aħjar miż-żmien li Pawlu suċċessivament għadda f'Malta, twieldet komunità Kristjana ferventi u sodali li wara elfejn sena għadha fidila lejn il-Vanġelu u tagħmel ħilitha kollha biex twaħħad il-Vanġelu mal-kwistjonijiet kumplessi taż-żmien kontemporanju. Naturalment dan mhuwiex dejjem faċli, lanqas ovvju; imma* ***l-poplu Malti jaf isib fil-viżjoni kristjana tal-ħajja t-tweġibiet għall-isfidi l-ġodda. Per eżempju huwa sinjal ċar il-fatt li nżamm b'saħħtu r-rispett profond lejn il-ħajja li għadha mhix imwielda u lejn il-qdusija taż-żwieġ, filwaqt li jagħżlu li ma' jintroduċux l-abort u d-divorzju taħt il-kappa tal-Liġijiet tal-pajjiż.***[1]

Mela hija din it-tip ta' familja li l-poplu Malti huwa magħruf għaliha u li tappartjeni lilu. Hija din it-tip ta' familja li b'responsabbiltà sħiħa rridu nħallu b'wirt lil uliedna.

Il-Qalb tad-Deheb hija idjoma Maltija magħmula minn żewġ kelmiet li jiddeskrivu żewġ elementi meqjusa prezzjużi u importanti. Waħda tiddeskrivi organu




importanti tal-ġisem li dejjem kien b'mod figurattiv assoċjat mal-post fejn toriġina t-tjubija jew il-ħżunija tal-bniedem u l-ieħor huwa metall importanti, meqjus ta' valur imprezzabbli sa' minn żminijiet imbegħda. Il-kumbinazzjoni ta' dawn iż-żewġ kelmiet ħolqot idjoma Maltija li għalkemm xi wħud mill-awturi bħal Karm Fenech[2] u Gino u Anna Muscat Azzopardi[3] ma' jinkluduhiex fl-istudji tagħhom hija definita b'mod ċar fil-Miklem ta' Erin Serracino Inglott bħala: 'tingħad lil min għandu qalbu tassew tajba, taf tħenn….'[4] u mill-Profs Aquilina fid-Dizzjunarju tiegħu bħala *very generous*.[5]

Il-Bord ta' l-Għażla iħossu grat lejn ir-Rev.di Arċiprieti u Kappillani u l-Kunsilli Lokali tal-lokalitajiet Għawdxin, kif ukoll lill-korpi kostitwiti u individwi privati li kull sena jissenjalaw lill-Moviment ta' Kana f'Għawdex familji li fl-opinjoni tagħhom ikunu jimmeritaw dan il-premju.

Għan-nom tal-Bord ta' l-Għażla, huwa l-pjaċir tiegħi inħabbar li l-familja rebbieħa tal-premju Familja Qalb tad-Deheb hija l-familja Attard, mill-Għarb, Għawdex. Hija komposta mill-missier, Godfrey, minn martu Monica u mit-tliet uliedhom: John Paul, Lizanne u Darren. Fis-snin bikrija ta' ħajtu l-iben John Paul ġie dijanjostikat b'marda li kienet tinħtieġ rikoveru fi sptar fl-Ingilterra. Il-familja Attard qattgħet 5 snin l-Ingilterra bir-riżultat li l-missier tilef xogħolu hawn Malta u l-familja daħlet għal piż finanzjarju enormi. Parti mit-trattament ta'l-iben John Paul kien jinħtieġ id-donazzjoni tad-demm minn oħtu Lizanne, trattament li f'età tenera seta' kellu konsegwenzi serji. B'danakollu bl-għajnuna t'Alla jidher li l-iben John Paul irrisponda sew għat-trattament grazzi għall-altruwiżmu tal-membri kollha tal-familja tiegħu, speċjalment ta' oħtu Lizanne, u llum John Paul jgħix ħajja normali u jattendi s-Seminarju Minuri tad-Djoċesi tagħna. Dan is-soġġorn twil barra minn pajjiżna poġġa lill-familja Attard f'diffikultajiet finanzjarji kbar iżda madankollu dan il-Bord huwa sodisfatt li l-familja qatt ma' tħalliet nieqsa minn xejn u qed tagħmel l-isforzi kollha possibbli sabiex terġa' tintegra ruħha fis-soċjetà Għawdxija u terġa' tqum fuq saqajha.

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li rċieva r-rakkomandazzjonijiet pożittivi mill-Uffiċċju Parrokkjali ta' l-Għarb, u mill-Kunsill Lokali tal-lokalità, u wara għamel l-indagni kollha neċessarji u sema' x-xhieda ta' persuni li jafu lill-familja Attard personalment, il-Bord ta' l-Għażla unanimament jagħżel lill-familja Attard, bħala r-rebbieħa tal-premju Familja Qalb tad-Deheb, 2010".

[1] Benedetto XVI: *L'Amore e' Piu' Grande delle Tempeste e dei Naufragi*, Libreria Editrice Vaticana, (Citta'del Vaticano, 2010), 127.
[2] K. Fenech: *Idjomi Maltin*, (Malta,1970).
[3] G. Muscat Azzopardi et: *Kif Ngħiduha*, (Malta, 1975).
[4] E. Serracino Inglott, *Il-Miklem Malti*, II, (Malta, 1975), 36, sub voce.
[5] G. Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, II, (Malta, 1990), 1110, subvoce.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Kummentarju (5)*

# Il-Ħajja bejn Koppja - Għal Dejjem: Possibbli? (L-Ewwel Parti)



*kitba ta'* **DUN ĠORĠ BORĠ**, Direttur Moviment ta' Kana f'Għawdex

Nitkellmu ħafna u nisimgħu ħafna fuq il-familja u fuq kemm familji qegħdin jitkissru. Ħafna joqgħodu jippruvaw jaraw u jistudjaw ir-raġunijiet għaliex tant familji qed jiddgħajfu u jitkissru. Oħrajn jippruvaw isibu soluzzjoni għal dawn il-familji li jsibu ruħhom f'diffikultà u jistgħu jitkissru anki billi jaqblu mad-divorzju bħala soluzzjoni . Però naħseb li aktar jaqbel li nħarsu lejn is-sitwazzjoni tal-familji b'mod pożittiv. Inħarsu lejn dawk il-maġġoranza tal-familji Maltin u Għawdxin li għadhom tajbin u f'saħħithom, u naraw għaliex minkejja l-problemi, diffikultajiet, slaleb u tibdil fil-familji tagħhom baqgħu magħquda. Familji li kienu lesti anki juru atti ta' eroiżmu fil-ħajja familjari tagħhom. Familji bħal dawn għandhom ħafna x'jgħallmu u jkunu ta' eżempju għall-familji oħrajn.

Sfida fundamentali u komuni għall-koppji kollha li jimpenjaw lilhom infushom f'rapport għat-tul, hija dik li jirnexxielha tilqa' t-tibdil li wieħed jiltaqa' miegħu: mhux biss dak ta' kull ġurnata, ta' kuljum u dak materjali, marbuta mal-bżonn konkret, bħal tmur tgħix f'raħal jew dar ġdida jew il-preokkupazzjoni tal-finanzi tad-dar, imma l-aktar dak it-tibdil psikoloġiku, marbut ma' l-iżvilupp u t-trasformazzjoni interna li kull wieħed miż-żewġ sieħba miżżewġin jiltaqa' matul il-ħajja tiegħu.



***Domanda li wieħed jistaqsi hija din : X'Jagħmel li koppja jirnexxielha żżomm magħquda u ma' xulxin għat-tul taż-żmien***

Minn studju ta' ħafna żwiġijiet li kienu magħrufa partikolarment solidi u li damu għat-tul,(għoxrin, tletin u erbgħin sena u aktar) ir-riċerkaturi fuq il-familja rnexxielhom jagħżlu ċerti fatturi li nsibuhom frekwenti f'dawn it-tipi ta' żwiġijiet.

Ser insemmi l-fatturi prinċipali li ħarġu minn dawn ir-riċerki.

**Fl-Ewwel post** insibu, li fost dawn il-koppji hemm rapport ta' ħbiberija, li hija destinata li tikber aktar ma jgħaddi ż-żmien. Hemm dik il-fiduċja, il-kunfidenza u rispett reċiproku. L-ieħor jew l-oħra barra milli huma s-sieħeb jew is-sieħba huwa ukoll il-ħabib tiegħi, l-aqwa ħabib.

**Fit-Tieni Post** hemm dik il-fehma li ż-żwieġ huwa impenn għat-tul u allura hemm bżonn tfittex li tagħmlu jiffunzjona u meta mhux jiffunzjona, tipprova ssib is-soluzzjonijiet li tkun flessibbli, li tittollera u tissaporti l-mumenti diffiċli.

**Aspetti oħra** importanti li ħarġu mir-riżultat huma:

- Id-dispożizzjoni bħala miżżewweġ li taqsam l-istess objettivi, skopijiet eżistenzjali fil-ħajja familjari.
- Il-kapaċità li tidħaq flimkien bħala koppja.
- Li tikkonfronta l-opinjonijiet ta' kull wieħed bil-kalma u mhux li dejjem tipprova timponi l-ideat u l-opinjonijiet tiegħek fuq l-ieħor jew l-oħra.

**Ħaġa oħra** li kienet kostanti fi żwiġijiet li żammew għat-tul hija n-nuqqas ta' kalkolu ma' dak li għandek tagħti jew dak li tirċievi, jiġifieri ma teżistix l-attitudni ta' patt għal par sistematiku, mument għal mument, ħaġa għal ħaġa.

Rigward dan il-fatt insibu studju ieħor interessanti li sar mill-*London School of Economics* fuq 3500 koppja mill-Gran Brittanja u ġie ppubblikat fir-rivista *Feminist Economics* (XVI, 2, 2010) fejn instab li meta l-irġiel jipparteċipaw fix-xogħol tad-dar il-koppja ħarġet rinforzata. B'mod prattiku l-inkjesta wriet li meta r-raġel jimpenja ruħu fil-faċendi domestiċi, bħal tindif, imur jixtri u jieħu kura tat-tfal, ir-riskju tad-divorzju jitbaxxa notevolment, indipendentement mill-istatus tal-mara (mara tad-dar jew li toħrog taħdem). Wieħed



ta' min jistaqsi: forsi minħabba f'hekk ikun hemm komunikazzjoni akbar, aktar komprensjoni reċiproka, inqas stress għall-mara? L-istudju ma jsemmix dan madankollu mill-esperjenza tagħna dan tista' timmaġinah li jiġri.,

**Anki l-possibbiltà li tillitika** xi ftit, li targumenta u tesprimi liberament ir-riżentimenti tiegħek kienu preżenti f'dawn il-koppji li damu għat-tul. Il-biċċa l-kbira tal-koppji li jiffunzjonaw matul is-snin iżommu li xi argument (forsi anki ġlieda żgħira kultant) tista' sservi, tista' jgħin:

- biex tesprimi xi ambigwità, xi ħaġa li tista' tiftiehem b'żewġ manjieri differenti
- biex tesprimi xi sentimenti negattivi li xi ħadd mill-koppja jista' jkun qed iħoss
- u dik li nsejħulha n-neċessità soġġettiva, il-bżonn li tkun int, li kultant tkun traskurata mis-sieħeb l-ieħor u hekk iġġib l-armonija.

Min-naħa l-oħra, dawn il-koppji esprimew li ma jkun qatt konvenjenti, ma jaqbilx li jiġi superat ċertu grad ta' tilwim, ta' argumenti, ta' ġlied. Infatti huwa aktar utli tagħraf taffronta bil-kalma, billi tkun flessibbli u disponibbli, tilqa' it-tibdil li pass pass jitfaċċaw matul il-ħajja.

Għalhekk mela meta nirriflettu fuq ***il-Karatteristiċi*** tal-koppji li jdumu għat-tul li għadna kemm semmejna, wieħed ma jistax ma jindunax b'din il-karatteristika komuni: *Il-Kapaċità li taffronta t-tibdil*, kemm tiegħek u kemm tas-sieħeb jew is-sieħba.

Verament mhux faċli li wieħed jakkwista l-kapaċità li jaċċetta u jintegra f'moħħu l-iżvilupp tiegħu personali, u t-trasformazzjoni u t-tibdil li r-raġel jew il-mara jiltaqa' magħhom matul il-ħajja tiegħu jew tagħha.

L-istess mhux faċli li tipparteċipa fihom b'mod konvinċenti u flessibbli, u ssib ir-raġunijiet għal dan it-tibdil personali.

**Dan kollu jitlob disponibbiltà u li wieħed għandu jitgħallem jagħmel dan: Tagħlim li jibda dritt mill-ewwel mumenti tal-għaqda taż-żwieġ. Hawn ta' min jonnota li ħafna żwiġijiet ifallu mill-ewwel sena jew it-tieni sena taż-żwieġ propju għaliex iż-żewġ imsieħba ma jirnexxielhomx li jissuperaw l-adattamenti tal-bidu u l-ewwel re-aġġustamenti li titlob minnhom il-ħajja miżżewġa.**

Fil-ħarġa li jmiss nitkellmu fuq dan it-tibdil li kull koppja trid titgħallem tilqa' matul il-ħajja tagħha.

*(jissokta)*

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

*Siltiet mid-Diskorsi tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-Familja*

# *"INQUMU U NIDDIKJARAW L-INDISS*

**Meħudin mill-ktieb "The Family : Domestic Church", St Paul Publications, Eire.**

- **Meta l-istituzzjoni taż-żwieġ hija merħija f'idejn l-egoiżmu tal-bniedem, jew tiġi ridotta u ssir qisha arranġament temporanju li jista' faċilment jintemm, aħna nqumu u niddikjaraw l-indissolubbiltà tar-rabta taż-żwieġ.**
- **Meta l-familja hi mhedda, aħna nqumu u niddikjaraw mill-ġdid li l-familja mhix biss meħtieġa mill-ġid privat ta' kull individwu, iżda wkoll mill-ġid komuni ta' kull soċjetà, nazzjon u stat.**
- U għalhekk aħna nqumu u niddefendu l-ħajja kull darba li tisfa mhedda.
- Meta l-qdusija tal-ħajja qabel it-twelid tiġi attakkata, **aħna nqumu u niddefendu l-ħajja** billi nxandru li ħadd m'għandu awtorità li jeqred il-ħajja tat-tarbija li għadha ma tweldditx.

*(Diskors waqt il-Quddiesa, Capitol Mall, Washington, 7 ta' Ottubru 1979)*

## 1 INSALVAW L-UNITÀ U L-INDISSOLUBBILTÀ TAŻ-ŻWIEĠ

- **Jekk il-valuri sagri tal-familja li kienu wirt għażiż tal-antenati tagħkom ma jiġux salvati...**
- **Jekk l-unità u l-indissolubbiltà taż-żwieġ ma jiġux mħarsa**
- **Jekk il-ferħ tal-impenn dejjiemi għal għomrok kollu – li sfortunatament qed ikun tant attakkat – ma jiġix irkuprat mill-koppji**

**ma jistax ikun li l-poplu jintrefa' 'l fuq u javanza la spiritwalment u lanqas materjalment.**

*(lill-Isqfijiet tal-Basilicata u Apulia, 28 ta' Novembru 1981)*

## 2 IL-FAMILJA INSOSTITWIBBLI

**Ebda awtorità umana ma għandha tbagħbas mal-għaqda taż-żwieġ.**

*"Dak li għaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem."* (Mk 10, 9).

Dan jgħodd sew jekk inqisu ż-żwieġ mill-aspett naturali u sew mill-aspett tiegħu sagramentali.

Għal dawn ir-raġunijiet, **il-Knisja**

- **la tista' tbiddel**
- **u lanqas tillaxka t-tagħlim tagħha dwar iż-żwieġ u l-familja.**

Il-Knisja tikkundanna kull attakk li jsir

- sew kontra l-unità taż-żwieġ
- u sew kontra l-indissolubbiltà taż-żwieġ, bħal fil-każ tad-divorzju.

**Il-Familja hi insostitwibbli, u bħala tali kulħadd għandu JIDDEFENDIHA**

- bis-saħħa
- u bil-qawwa kollha.

Għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex xejn ma jieħu post il-familja.

Dan hu meħtieġ mhux biss għall-ġid privat ta' kull persuna, iżda wkoll għall-ġid-komuni

- ta' kull soċjetà
- ta' kull nazzjon
- u ta' kull stat.

*(Messaġġ lill-Istudenti u Edukaturi Taljani, 3 ta' Jannar 1979)*

## 3 IL-VALUR IMPREZZABBLI TAL-INDISSOLUBBILTÀ TAŻ-ŻWIEĠ

Skont il-pjan t'Alla sa mill-bidu,

**Iż-żwieġ huwa komunjoni (għaqda)**
**ta' imħabba indissolubbli**
**(li ma tinħall qatt).**

**Għalhekk kulma jattakka l-indissolubbiltà taż-żwieġ, billi huwa kuntrarju għall-pjan oriġinali t'Alla,**

**Huwa wkoll kuntrarju għad-dinjità u għall-verità tal-imħabba konjugali.**

Għalhekk wieħed mill-iktar impenji prezzjużi u urġenti tal-koppji miżżewġin ta' żmienna (Familiaris Consortio Nru.20) huwa

**Li jagħtu xhieda tal-valur imprezzabbli**
**tal-indissolubbiltà u tal-fedeltà taż-żwieġ.**

*(Omelija fil-Quddiesa, Madrid, Spanja, 2 ta' Novembru 1982)*

**L-Indissolubbiltà hija l-Bażi tal-Għaqda tal-Familja**
L-għaqda tal-familja, l-istabbiltà tagħha, hija waħda mill-barkiet fundamentali tal-bniedem u tas-soċjetà.

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# 'OLUBBILTÀ TAR-RABTA TAŻ-ŻWIEĠ"

*Papa Ġwanni Pawlu II, Capitol Mall, Washington, 7 / 10 / 1979*



**L-indissolubbiltà taż-żwieġ hija l-bażi tal-għaqda tal-familja.**

**Jekk il-bniedem, jekk is-soċjetà jivvintaw mezzi kif iċaħħdu liż-żwieġ mill-indissolubbiltà tiegħu u lill-familja mill-għaqda u l-istabbiltà tagħha, allura jkunu qed jeqirdu mill-qiegħ is-saħħa tal-familja.**

*(Omelija, Terni, Italja 19 ta' Marzu 1981)*

## 4 IL-FUTUR TAS-SOĊJETÀ JGĦADDI MILL-FAMILJA

**Lill-Awtoritajiet Pubbliċi u lill-irġiel u nisa ta' rieda tajba**

Jien ngħidilhom :

- għożżu t-teżor tal-familji tagħkom
- **iddefendu d-drittijiet tal-familja bil-liġijiet u l-*policies* tagħkom**
- ħallu l-leħen tal-familja jinstama' fit-tfassil tal-*policies* tagħkom.

**Il-futur tas-soċjetà, il-futur tal-umanità jgħaddi permezz tal-familja.**

*(Quddiesa għall-Familji, York, Ingilterra, 31 ta' Mejju 1982)*

## 5 KIF TKUN IL-FAMILJA, IKUN IN-NAZZJON

**Il-qawwa u s-saħħa tal-pajjiż huma kbar daqs kemm huma kbar il-qawwa u s-saħħa tal-familji li jgħammru f'dak il-pajjiż.**

Għalhekk **il-koppji miżżewġin** insara għandhom rwol insostitwibbli fid-dinja tal-lum.

L-imħabba ġeneruża u l-fedeltà tar-raġel u l-mara miżżewġa joffru **stabbiltà** u **tama** lid-dinja tal-lum mtertqa mill-mibegħda u l-firdiet.

*(Indirizz lill-Parteċipanti tal-Kungress dwar il-Familja fl-Afrika u l-Ewropa, 15 ta' Jannar 1981)*

## 6 IT-TĦASSIR TAL-FAMILJA: ĦSARA ENORMI

X'diżgrazzja tkun jekk:

- jekk l-imħabba u l-fiduċja bejn il-mara u r-raġel
- jew bejn il-ġenituri u l-ulied tiddgħajjef u titfarrak.

**Konxji mill-ħsara enormi li jġib miegħu t-tkissir tal-familji, ejjew illum nitolbu biex ma jiġri xejn li jista' jeqred l-għaqda fil-familja.**

*(lill-pellegrini f'Jasnagora, Polonja, 3 ta' Ġunju 1979)*

## 7 PAJJIŻ JITFARRAK... META TITFARRAK IL-FAMILJA

Fuq kollox

- żommu l-għożża u l-istima tagħkom lejn il-familja
- **ħarsu l-indissolubbiltà tar-rabta taż-żwieġ**
- żommu sħiħ bla mittiefes id-dritta għall-ħajja tat-tarbija li għadha ma twelditx
- iddefendu u żommu għoli l-ġieħ u d-dinjità tal-maternità
- ħarsu lit-tfal mill-influwenzi li jħassruhom
- **għożżu l-istruttura tal-ħajja tal-familja**

**Pajjiż jikkrolla meta l-integrità u l-istabbiltà tal-ħajja tal-familja jkunu fil-periklu.**

*(Indirizz lill-President u lill-poplu tal-Filippini, 17 ta' Frar 1981)*

*Kif Niftakar l-Isqof Cauchi*

# "L-Eċċellenza"...

## *Aktar tifkiriet sbieħ tal-mibki Mons. Isqof Nikol cauchi mill-aħħar segretarju personali tiegħu*



*kitba ta'* **DUN RENATO BORG**

L-Isqof Nikol Cauchi, laħaq isqof meta jien kelli seba' snin, u fl-età tiegħi ta' tnax-il sena inħatar Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex. Dakinhar missieri Wenzu ħadni nara l-"*cake*" li kien ħejjielu għall-festa ta' l-ingress tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi. Kien kejk kbir b'mitra fin-nofs u fuq il-ġnub l-arma tiegħu u l-arma t'Għawdex. Jien kont bqajt impressjonat anke għaliex il-kejk kien kbir ħafna u mżejjen sabiħ. Imbagħad bħala tifel u anke żagħżugħ, kull meta l-isqof kien iżur il-parroċċa kienet tkun okkażjoni speċjali. Meta mbagħad dħalt is-seminarju, l-Isqof ta' kull xahar kien jagħmlilna laqgħa ta' spiritwalità u ta' tagħlim konċiljari. Kien iżommna aġġornati minn dak li minnu tkun għaddejja l-Knisja u jurina dak li Kristu, l-Knisja u l-poplu t'Alla qed jistennew mis-saċerdot. Kien l-Isqof Nikol Cauchi li lili kkonsagrani l-ewwel djaknu, mbagħad saċerdot. Għaldaqstant tistgħu taħsbu meta fis-sena 1991, wara sitt snin li kont ilni saċerdot, u l-Isqof Nikol sejjaħli biex inkun segretarju tiegħu, x'biża' ħassejt. Ma kontx inħossni ppreparat għal pożizzjoni bħal dik. Sibtni qed naħdem qrib dak il-bniedem li jien bħala nisrani kelli stima kbira lejh għax kien ir-ragħaj tad-Djoċesi. Nista' ngħid li din ir-riverenza baqgħet fiha tant li lill-Isqof Nikol Cauchi, anke fil-privat dejjem sejjaħtlu "Eċċellenza". Naf li ma kienx ikun irid min joqgħod isejjaħlu hekk iżda hu dejjem fehem li jien kont inkun imbarazzat ħafna li kieku kelli nindirizzah mod ieħor. Tabilħaqq li hu kien bniedem ta' sempliċità kbira kif ukoll umli u żgur li ma kienx ifittex onorifiċenzi. Madankollu, il-personalità tiegħu kienet tiġbdek biex tammira l-pożizzjoni li hu kien iħaddan. Xi minn daqqiet meta filgħodu hekk kif kont nidħol f'kamartu kont insellimlu "Bonġu Eċċellenza" kien jagħmel ta' bir-ruħu li fehmnix u jistaqsini jekk tlabtux xi biċċa lenza!



### *Umanita' kbira*

Fiż-żmien li għamilt miegħu kienet tolqotni ħafna l-umanita' tiegħu. Umanita' ġenwina, aħjar tgħidlu l-verità u kif taħsibha verament milli toqgħod iddur mal-lewża u tipprova tinċensah. Jista' ma jaqbilx miegħek u jurik li ma jaqbilx iżda kont tista' tibqa' ċert li r-rispett tiegħu lejk la naqas u lanqas ixxellef. Kien jagħder il-bniedem li jiżbalja. Din il-mogħdrija kienet radikata fir-realiżmu teoloġiku li l-bniedem kien għadda mill-esperjenza tal-waqgħa u għalhekk ilkoll aħna midinbin. Meta kienu jgħidulu b'xi żball ta' persuna sikwit kien itenni l-kelmiet ta' San Ġwann Bosco; "nirringrazzja lil Alla li ma għaddiniex minn dik il-prova għax forsi kont nagħmel bħalu jew agħar minnu." Meta ħtieġlu jikkundanna anke fil-beraħ ċerta mġiba li ma kinitx konformi mat-tagħlim ta' Kristu kien joqgħod dejjem attent li jikkundanna id-dnub mingħajr ebda kompromess iżda mhux lill-persuna. Anke fil-problemi u n-nuqqas ta' ftehim li kienu jinqalgħu ma' xi persuni, kumitati jew istituzzjonijiet kien jgħid li "anke jekk ikollna raġun pero' qatt m'għandna nbaxxu lill-persuna, anzi għandna nagħtuha ċans biex toħroġ bid-dinjità kollha tagħha." Fir-relazzjonijiet tiegħu, kemm personali kif ukoll bħala superjur nista' ngħid li kien japplika il-prinċipju "qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfiehx" għax kien konvint li sakemm għad fadal xi rabta, anke jekk waħda dgħajfa, kien hemm possibbiltà ta' djalogu. Imbagħad fuq kollox kellu viżjoni pożittiva tal-bniedem. Kien konvint li l-bniedem bl-istudju, bir-riflessjoni u bit-tħaddim tar-raġuni u tar-rieda li biha żejnu Alla kien kapaċi jasal biex jagħraf it-tajjeb u jwarrab dak kollu li jista' jkun ta' ħsara għalih innifsu u għas-soċjetà.

Iżda fiż-żmien li għamilt miegħu ġie li kont naħseb li kien xi ftit ottimist iżżejjed. Meta xi darba kien bħal jistaqsi lilu nnifsu, "Imma kif il-bniedem ma jirnexxielux jifhem din il-ħaġa", u jien kont nikkummenta li fl-aħħar

mill-aħħar dan mhux għajr "sens komun", "Renat", kien jgħidli, "is-sens komun huwa l-iktar rari fil-bniedem."

Fuq kollox, l-Isqof Nikol kien dejjem lest li jaħfer. Mhux wieħed jew tnejn li talbuh skuża għal mod ta' kif kienu ġabu ruħom miegħu fil-passat. Hu mhux biss kien jaħfrilhom iżda kien jagħmel minn kollox biex ma jħallihomx jibqgħu jinkwetaw fuq dak li ġara. Fis-sofferenzi, il-weġgħat u t-tbatijiet li għadda minnhom ħafna drabi kien jagħżel li jsofri fis-silenzju. Ġie li kien jaqsam miegħi dawn il-mumenti għad li kien jaf li ma stajtx inkun ta' għajnuna għalih. Imbagħad xħin kien jarani ninkwieta kien jgħidli: "Jien ma jmissnix ngħabbik b'dawn il-ħsibijiet għax ommi meta lħaqt isqof kienet qaltli: "Nikol issa l-problemi tiegħek erfagħhom int u tgħabbix lil ħaddieħor bihom." Din l-istess umanità tiegħu kienet tidher ukoll fl-istil tal-ħajja spiritwali tiegħu li kienet dik li hu kien isejħilha "spiritwalita' tal-bnedmin u mhux ta' l-anġli." Fid-dawl ta' dan kollu xi wħud kienu jiġġudikaw l-operat tiegħu bħala wieħed prudenti u forsi nieqes mill-awtorita'. Hu kien konxju ta' din il-kritika u kien josserva "allura ma fehmu xejn mill-istil tiegħi," u kien ikompli jikkummenta u jgħid "*fortiter et suaviter*" huma b'riferenza għal Alla, li hu kollox.

Waħda mill-affarijiet iebsa fil-ħajja tiegħu u li kien isibha tassew diffiċli li jaċċetta kienet, meta xi persuna jew persuni joħorġu b'tagħlim jew soluzzjonijiet li huma kuntrarju għal dak li għallem jew ried Kristu. Kristu huwa Alla u aħna kreaturi maħluqa minnu. Kien jistagħġeb f'liema arroganza jista' jaqa' il-bniedem li flok joqgħod għal-liġi ta' Alla jasal biex jgħid lil Alla x'għandu jagħmel jew x'inhu sewwa.

***Bniedem li jħobb iferraħ***

L-Isqof Nikol kien bniedem li jħobb jara tbissima jekk mhux ukoll daħka fuq wiċċ dawk ta' madwaru. Minħabba l-fatt li qed nikteb f'rivista, ħalli nagħżel u nsemmi ċajta li kien sikwit jirrakkonta fil-konfront tal-ġurnali biex



isejjaħ għar-responsabbiltà lil dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam; Tifel staqsa lil missieru: "Pa għaliex jidden is-serduk?" Il-missier wieġbu li s-serduk jidden għaliex tkun intqalet xi gidba. Allura t-tifel mill-ġdid staqsa lil missieru : "U mela pa, għaliex jidden daqshekk kmieni kull filgħodu xħin in-nies ikunu għadhom reqdin.?" Il-missier kien pront wieġbu: "Ibni, dak il-ħin ikunu qegħdin jiġu stampati l-gazzetti." L-Isqof Nikol Cauchi kellu rispett kbir lejn il-ġurnaliżmu, hu nnifsu kien ġurnalista, kittieb u xandar ta' programmi fuq ir-radju, basta dan isir fil-verità u bl-imħabba.

Illum li l-Isqof m'għadux magħna, lill-Mulej ngħidlu: "Grazzi talli tajtulna u aħfrilna jekk mhux dejjem nifhmu għaliex ħadtulna."



*Magie de Beauté*

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆

**Irina Xerri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(L-Erbgħin Parti )*

## *IL-MAGNI TAT-TĦIN F'GĦAWDEX*

L-imtieħen antiki u tradizzjonali tar-riħ kienu għadhom jaħdmu sa l-ewwel snin tas-seklu 20. Ix-Xagħra minbarra ż-żewġt imtieħen tar-riħ li għadhom weqfin kien hemm ukoll żewġ postijiet oħra - żewġ imtieħen tal-miexi - fejn il-bdiewa kienu jitħnu l-qamħ u l-ġwież biex imantnu lilhom infushom u l-annimali li kienu jrabbu. Dawn il-lokalitajiet kienu attrezzati bil-bgħula jew żwiemel biex jagħmlu dan ix-xogħol. Imma sa dan it-tant bdew deħlin il-magni li jaħdmu bl-istim, li kienu aktar b'saħħithom u tħaddimhom xħin trid għax la kienu jiddependu mir-riħ u lanqas mill-bhejjem bħall-imtieħen l-antiki. Għall-ħabta ta' l-1880 Francesco Galea, magħruf bħala s-Sur Ċikk ta' l-Erbgħa, kien waqqaf 'magna tad-dqiq' kif kienet tissejjaħ fi Triq Sant' Antnin, l-Imġarr, sewwa sew fil-bidu tat-telgħa. Fl-1890 kien waqqaf oħra r-Rabat, in-naħa ta' isfel fi Triq it-Tiġrija (illum Triq Fortunatu Mizzi), f'għalqa li kienet ġnien bis-siġar tal-frott u b'siġra tal-lumi f'nofsha. Dawn l-ewwel magni kienu jaħdmu bil-faħam. Infatti fit-23 ta' April, 1907, is-Sur Ċikk, li kien joqgħod Nru. 15 Strada Corsa, Vittoria, kien applika għall-permess biex jibni żewġ imħażen ħdejn il-magna tar-Rabat "... *per depositare carbone et altri oġġetti che servono per uso della macchina, come si vede marcato in rosso nell' annessa pianta.*" Din l-applikazzjoni kienet ġiet approvata fit-22 ta' April, 1907.

Fl-istess żmien kienu ġew minn Malta tlitt irġiel, Ġanni, Spiru u Ċensu, imlaqqmin 'tal-Magna', isimhom magħhom, għax dawn kienu nies li kienu jafu jħaddmu l-magni moderni tat-tħin li jaħdmu bil-mutur.



*Il-post fejn fl-1880 kienet twaqqfet l-ewwel Magna tat-Tħin jew tad-Dqiq f'Għawdex, mis-Sur Francesco Galea (is-Sur Ċikk) ta' l-Erbgħa fi Triq Sant' Antnin, l-Imġarr (Ix-Xatt).*

Għall-ħabta tas-sena 1920 dawn kienu waqqfu magna fir-raħal tal-Għarb, billi fost l-irħula kollha ta' Għawdex dan ir-raħal, imdawwar kif inhu b'raba' tajjeb għaż-żara', dari kien ikollu l-akbar ammont ta' wċuħ tal-qamħ u tal-maħlut.

It-tlitt irġiel Maltin irmaw din il-magna għat-tħin tal-qamħ fir-raħal tal-Għarb fejn illum joqgħod Pawlinu Formosa fid-dar ta' Nru 93, Triq il-Knisja, il-Fgura. Sa dan it-tant, Ġanni Vella fis-sena 1915 beda jibni magna oħra tat-tħin quddiem il-Villa Rundle (Il-Mall), ir-Rabat, Għawdex. L-applikazzjoni għall-permess meħtieġ kienet saret fit-13 ta' Diċembru, 1920. Dan kien biex tinbena l-kamra tal-mutur "*Nello stabilimento di macinazione del grano*

*posto in Sda. Corsa di citta' Vittoria - Intende costruire in detto stabilimento la nuova camera terrana da servire per il motore come e' indicato in rosso nella annessa pianta. L'altezza di detta camera non che di detto muro B C non mai piu' di dodici filati.*" Il-permess finali fuq l-aħħar pjanta kien ħareġ fid-19 ta' Jannar, 1921. Mela din ma kinitx magna li taħdem bil-faħam, imma bil-mutur. Hawn ta' min igħid ukoll li l-ħajt indikat bl-ittri B C kien in-naħa tat-tramuntana u jagħti għal fuq ir-raba' ta' ħaddieħor. Il-perit li ħa ħsieb il-pjanti u x-xogħol ta' din il-magna kien il-Perit Joseph Refalo mir-Rabat, Għawdex, li fl-aħħar tax-xogħlijiet kien għamel din id-dikjarazzjoni:

*"26th January, 1921, 35 Sda Corsa, Vittoria, Gozo. I the undersigned do hereby declare that I assumed the direction and responsibility of the works referred to in Building Notice N. 108 of the year 1920 in terms of subclause 16 of article 79 of the Police Laws as amended by Ordinance XV of 1919. Joseph Refalo.*"

Fil-frattemp fis-sena 1929 Mikiel Portelli, il-ħaddied, bena post ieħor qrib il-magna l-qadima li kellhom fir-raħal tal-Għarb dawn it-tliet irġiel Maltin li mbagħad qatgħuha li jitilqu minn dan ir-raħal, naturalment biex imorru jaħdmu fil-magna l-ġdida li kienu bnew ir-Rabat. Għalhekk, Portelli xtara l-magna li kellhom dawn l-irġiel u ġab oħra ġdida minn Ipswich, l-Ingilterra. Dawn il-magni, mmexxija minn Ġużepp bin l-istess Mikieli u Antonju Formosa, ir-raġel ta' bint l-istess Mikieli, baqgħu jaħdmu sas-sena 1940 meta bdiet tinħass f'dawn il-gżejjer it-Tieni Gwerra Dinjija bil-għaks u l-ġuħ tagħha. Infatti fi żmien il-gwerra, l-Għarb reġgħet intramat mitħna tal-miexi antika li kienet titħaddem bil-moħbi u fejn il-bdiewa kienu jieħdu l-qamħ u l-maħlut għat-tħin bil-bhejjem tagħhom. Hawn ta' min igħid li x-Xagħra wkoll fis-snin tletin bdew jużaw il-magni għat-tħin u għall-produzzjoni tal-għaġin.

L-aħwa 'tal-Magna' kienu tassew nies tas-sengħa. Jidher li wara l-bidu tas-snin għoxrin, anki l-magna ta' l-Erbgħa qalbet biex tibda taħdem biż-żejt. Difatti jingħad li meta s-Sur Ċikk ta' l-Erbgħa ġab il-magna ġdida tar-Rabat, kien qabbad xi Maltin biex jarmawhielu, imma ma sabux tarf kif jarmawha sewwa, anzi jingħad li xi partijiet minnha rmawhom litteralment bil-maqlub. Għalhekk, kellu jaqa' fuq dawn 'tal-Magna' li b'sabar kbir żarmawha mill-ġdid u rmawha kif suppost.

Jingħad ukoll li meta l-magna ta' l-Erbgħa bdiet taħdem, kien sar ftehim biex dawk ta' l-Erbgħa jaħdmu għall-Gvern u tal-Magna jaħdmu għall-privat.

Hawn ta' min igħid li l-qmuħ u l-ġwież kienu jinġiebu minn Malta bid-dgħajjes tal-Latini, id-dgħajjes ta' Għawdex. Tal-Erbgħa kellhom ukoll id-dgħajsa tagħhom li kienet iġġib ix-xogħol minn Malta. Mix-Xatt ta' l-Imġarr ix-xogħol kien jittella' bil-karrettuni tal-burdnara, imbagħad biż-żmien ta' l-Erbgħa kellhom ukoll it-trakkijiet tagħhom.

Dawn il-magni tat-tħin kienu baqgħu jaħdmu sa ħabta ta' nofs is-snin sittin u kienu jitħnu wkoll kull xorta ta' ġwież. Ta' l-Erbgħa, minbarra li jitħnu l-qamħ u l-ġwież, kienu jbigħu wkoll kull xorta ta' ġwież ieħor, bħal qamħirrum, ċiċri, ħarrub imqatta', pressat, eċċ., u saħansitra kellhom ukoll il-marka tagħhom bl-isem ta' Ġenwina. Iżda bil-mod il-mod it-tħin tad-dqiq beda jinqata' għax beda jiġi lest minn Malta fejn hemm magni kbar jitħnu d-dqiq. Hekk ukoll il-ġwież beda jiġi lest minn Malta u għalhekk ma kienx għad fadal raġuni għall-eżistenza tagħhom.

Id-Direttorju tat-Telefon tas-sena 1950 jagħtina dan it-tagħrif: *Pax Flour Mills, 72/75 Racecourse Street, Rabat, Gozo. Tel. Gozo 109.*

Nota fid-djarju tiegħi tgħid hekk: Illum 11 ta' Ottubru, 1991, għall-ħabta ta' x'il-5 p.m. bdew iwaqqgħu l-magna ta' l-Erbgħa. Bejn is-7.10 p.m. u t-7.45 p.m. rajthom iwaqqgħu ċ-ċumnija permezz ta' *crane* twil ħafna. Inbniet 1890 - twaqqgħet 1991.

U hekk l-aktar magna tat-tħin famuża f'Għawdex - il-*Pax Flour Mills*, wara ħajja ta' 100 sena inqerdet darba għall dejjem biex qatt ma narawha aktar.

Ta' minn isemmi wkoll, bħala kurżità, li fis-sena 1965 Fakond Cauchi ta' 137, Triq Blata, Għarb, beda jaħdem b'mitħna ġdida li titmexxa bl-elettriku u bosta kienu dawk, anki barranin, li kienu jmorru għandu biex jinqdew f'dan ix-xogħol fi żmien qasir ta' ftit minuti.

***Riferenzi:***


Imħażen tan-Negozjant Fracesco Galea, ara NAG, MH, O1/20,

Magna li titħan il-qamħ ta' Ġanni Vella; Vella kien għamel dawn l-applikazzjonijiet kollha sakemm wasal biex għamel l-aħħar pjanta tal-magna tiegħu li bena quddiem il-Villa Rundle: a) No. 75 of 1915 dated 1st September, 1915; No. 93 of 1915 dated 25th November, 1915; No. 46 of 1916 dated 7th June, 1916; No. 19 of 1918 dated 15th April, 1918; No. 42 of 1918 dated 28 ta' Diċembru, 1918: No. 108 of 1920 dated 13 Diecember, 1920. Il-pjanti juruna li kien isir il-bini, iżda kull darba kienu jżidu u jirranġaw xi ħaġa. L-aħħar pjanta kienet ir-riżultat ta' dan il-proċess kollu. (Arkivju Nazzjonali, Għawdex). Ara NAH, MH, O1/34.

Kan. D. Salv Camilleri, *Ġrajjiet l-Għarb* (mhux ippubblikat).



A Whole New Look

**Sharmain's Styling Salon**

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Ftit fatti u kummenti*

# Il-Familja fid-Dinja Moderna...

## *"Aħna għandna nkunu kburin li l-familja tagħna hija l-aqwa kapital u prodott li għandna"*



*kitba ta'* **Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD**

**Dari b'familja kulħadd kien jifhem l-istess ħaġa, jiġifieri missier u omm bl-ulied li Alla tahom. Illum f'soċjetà pluralista t-tifsira hija iktar wiesgħa. Il-kunċett ta' x'inhija familja nbidel kompletament u jista' jkun hemm diversi forom u tipi ta' familji. B'danakollu l-bażi u l-aqwa element ta' kull tip ta' familja jiġifieri r-relazzjonijiet ibbażati fuq l-imħabba, ir-rispett u s-sapport reċiproku, qatt mhu ser tinbidel.**

### *X'inhi l-familja?*

Illum diffiċli li tgħid x'inhi familja. Iċ-ċarter tan-Nazzjonijiet Uniti jqis il-familja bħala "ċ-ċellula bażika tas-soċjetà u għalhekk għandha bżonn ta' attenzjoni speċjali, għajnuna u protezzjoni". Il-kunċett ta' familja minn pajjiż għal pajjiż u fl-istess pajjiż jassumi għamliet differenti.

Fil-ġeografija dinjija nsibu l-familja tradizzjonali, nukleari u l-familja b'ġenitur wieħed, familji miżżewġin b'rit reliġjuż, ċivili jew mhux miżżewġin, familji nsara, Lhud, Musulmani, Indu u ta' reliġjonijiet oħra. F'pajjiżna dan il-pluraliżmu fil-familja dieħel mhux ħażin.

**Irridu bħala nsara li nkunu kuraġġjużi, li nkunu koerenti ma' dak li aħna nemmnu li hija l-familja u minkejja t-tibdil soċjali li naraw madwarna ma ninġarrux mill-kurrenti minn barra u minn ideat li ma jaqblu xejn mat-tagħlim nisrani. Il-wirt tal-familja Maltija minkejja d-difetti tiegħu għad għandu valur u rridu nħarsuh. Iżda fl-istess ħin bħala nsara u ċittadini, kif turi l-Kostituzzjoni tagħna, hu dmir tagħna li nagħrfu d-drittijiet u l-pluraliżmu ta' forom diversi ta' familja li nistgħu niltaqgħu magħhom.**

**Fl-istess ħin għall-maġġoranza, l-ideal jibqa' ż-żwieġ nisrani u li ma jinħallx ħlief mal-mewt. Il-familja hi komunità ta' mħabba u respett bejn il-membri li jiffurmaw l-istess familja.** Din hija forma iktar wiesa' tal-familja li ma tinjorax forom oħra ta' familja. Fis-soċjetà l-familja hija l-ambjent naturali fejn il-membri jikbru u jgħixu flimkien għall-ġid tagħhom infushom u tas-soċjetà ta' madwarhom.

### *Il-Funzjonijiet tal-Familja*

Il-familja jista' jkollha ħafna funzjonijiet - fuq kollox hija post ta' mħabba u sapport reċiproku - komunjoni ta' mħabba jew sħubija limitata. Iżda min-naħa l-oħra tista' tkun post ta' "dittatura" estrema paternalistika jew maternalistika.

Il-familja hija ukoll istituzzjoni universali għalkemm il-parti li jilgħabu l-membri u l-funzjonijiet li l-familja għandha fis-soċjetà jiddependu mill-kultura u l-użanzi tal-post. Kien ippruvat li l-familja hija entità flessibbli li kapaċi tadatta u tirrispondi għat-tibdil kontinwu taċ-ċirkostanzi. Minkejja dan it-tibdil u t-taqlib soċjali, il-familja tibqa' tipprovdi l-qafas naturali għas-sapport emozzjonali, morali, finanzjarju, mentali u materjali. Din il-funzjoni ta' sapport hija speċjalment bżonnjuża u essenzjali għat-tfal, għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, iżda hija vitali ukoll għas-saħħa fiżika u morali tal-bnedmin kollha u għalhekk tas-soċjetà kollha.

### *Il-Familja x'tagħti lis-Soċjetà?*

Il-familja bħala l-iċken demokrazija ssaħħaħ is-soċjetà u tibni l-ordni internazzjonali ġdid. Il-pedamenti huma l-valuri umani u spiritwali fosthom l-imħabba, is-solidarjetà u l-ġustizzja. Dan kollu huwa kliem sabiħ li jrid jitwettaq fil-ħajja ta' kuljum bil-mod kif ngħixu.

Il-familja għadha r-riżors, l-enerġija u l-qawwa li tkun il-bennejja tas-soċjetà. Biex dan iseħħ jeħtieġ li l-familja tagħraf ir-responsabbiltà tagħha lejn is-soċjetà. Jeħtieġ li l-familji jagħtu sehemhom biex isaħħu l-etika tar-responsabbiltà u l-*well being* ta' kull individwu u tas-soċjetà. Jekk il-familja tagħraf u tgħix il-missjoni tagħha, allura tista' tkun tabilħaqq ċellula ħajja u dinamika ta' familji oħra u b'hekk tkun tagħti sehem konkret fit-tisħiħ tal-valuri morali u kulturali tal-komunità. **Dan l-iktar jekk fi ħdan il-familja jkun hemm l-imħabba, dik l-imħabba li tagħti bla ma tistenna li tieħu, li tagħder, li taħfer u li biex tagħmel dan lesta li anki ssofri. Hu għalhekk li l-familja hi t-triq għall-ġejjieni. Permezz tal-familja u fi ħdan il-familja niffurmaw l-individwu, li jsir ċittadin attiv fis-soċjetà. Dan ifisser li l-individwu u l-familja jridu jkunu miftuħin għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. L-ebda bniedem u l-ebda familja mhija gżira. Il-familja magħluqa tifga għax ma tieħux ossiġnu, tibqa' ċkejkna bħal pjanta bonsaj. Bħala individwi rridu nagħrfu d-dinjità u l-missjoni tagħna individwali fid-dinja. Hu għalhekk kull wieħed u waħda minna niswew skont kemm aħna nagħrfu lilna nfusna.**

### *Id-Drittijiet tat-Tfal*

L-ulied huma t-teżor tal-familja. Anke l-filosofu Aristotle għallem li skont il-kors tan-natura, l-imħabba taż-żwieġ għandha twassal għall-ulied. **Huwa importanti li meta nitkellmu dwar il-familja ma nitkellmux biss dwar id-drittijiet tan-nisa u ta' l-irġiel biss iżda dwar id-**

**drittijiet tal-ulied ukoll speċjalment tat-tfal fl-ewwel snin ta' ħajjithom.** Id-drittijiet tat-tfal kollha - kemm dawk li jitwieldu minn żwieġ leġittimu kif ukoll dawk li jitnisslu minn unjoni rregulari bħalma huwa l-każ tat-tfal mnissla minn omm li mhix miżżewġa u l-ulied ta' koppja li tgħix f'rabta li la tkun skont il-liġi ċivili u lanqas skont il-liġi tal-Knisja għandhom ikunu mħarsa. **Kull tarbija għandha d-dritt li tiġi rrispettata bħala persuna umana. Għandha d-dritt li jkollha min jieħu ħsiebha, min jedukaha u jwassalha għat-tagħlim reliġjuż. It-tfal ma għandhomx ipattu għall-iżball tal-ġenituri tagħhom; imma l-jeddijiet tagħhom għandhom jiġu mħarsa minn kulħadd, inkluż l-istat.**

Hemm tfal li jitwieldu f'familji normali iżda li xorta waħda huma mċaħħda minn dik it-tenerezza u l-attenzjoni li suppost jingħataw. Fost kollox it-tfal għandhom dritt biex ikollhom ħin jilagħbu u jieħdu r-rikreazzjoni tagħhom (Karta tad-Drittijiet tat-Tfal). Ilum il-valuri tagħna tant tbiddlu li mhux rari li l-ġenituri jpoġġu l-ewwel il-flus, ix-xogħol, u l-profitti qabel il-familja u t-trobbija ta' l-ulied. Anke meta l-omm tħoss il-bżonn li għandha toħroġ taħdem din għandha l-ewwel tqis l-interess ta' uliedha, speċjalment tat-trabi żgħar li s-sostituzzjoni tal-omm permezz tan-nanniet jew bejbisiters mhix biżżejjed, għax dawn jeħtieġu qabel kollox il-preżenza tal-omm fl-ewwel snin tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-missier ma jistax jittraskura d-dmirijiet tiegħu u jiddelega kollox lil martu. Illum f'dinja moderna l-irwoli tal-missier u tal-omm jidħlu f'xulxin u għandhom ikun kumplimentari.



*Id-Dinja ta' Madwarna*

Illum il-mezzi ta' komunikazzjoni jwasslu dak li jiġri lil bniedem wieħed lid-dinja kollha. Id-dinja saret qisha villaġġ wieħed. Għalhekk l-influwenza minn barra qiegħda dejjem tiżdied. **Jekk il-familja f'Malta għadha ta' valur u f'saħħitha dan huwa mertu tagħna. Imma t-tajjeb jeħtieġ li nieħdu ħsiebu għax jekk nafdaw iżżejjed, dak il-mard li jinfetta l-familji f'pajjiżi oħra, jinfetta faċilment il-familja tagħna ukoll.**

**Fl-ambjent ta' gżiritna l-funzjonijiet tal-familja huma partikulari iżda fl-istess ħin mhumiex insulari. Il-familja Maltija moderna trid taqdi funzjonijiet ġodda u trid tkun preparata għal sfidi, stili ta' ħajja u valuri ġodda. Għalkemm ngħixu ġo gżira l-effett tat-tibdil li qed isir madwarna qiegħed jinħass ukoll. Għalhekk meta l-Knisja titkellem dwar xi periklu ma tkunx qed tmur il barra mill-kompetenza tagħha.**

Fl-istess ħin r-responsabbiltajiet tagħna lejn l-oħrajn illum qed jinbidlu anke f'pajjiżna stess minħabba l-fenomenu ġdid tal-immigranti illegali li qed jaslu fostna.Għandna naraw il-bżonnijiet ta' dawn ħutna li jinsabu f'din is-sitwazzjoni diffiċli li wasslithom jaħarbu minn pajjiżhom. L-ebda individwu ma jista' jqis ruħu f'saħħtu, għani, intelliġenti jew hieni sakemm fid-dinja jibqa' biss bniedem wieħed marid, fqir, injorant jew imdejjaq, sakemm fid-dinja jibqa' tifel wieħed marid jew jitwieled tifel wieħed b'diżabbiltà (**Beatu Ġwann Pawlu II**).

*Is-Solidarjetà bejn il-Bnedmin*

Il-ġustizzja soċjali hija l-pedament tal-paċi fid-dinja. Biex dan l-ideal isir realtà jeħtieġ li nibdew fil-familja. Mhux mat-twelid, imma kif qal Napuljun mitt sena qabel - jekk aħna nippromwovu l-ġid materjali u spiritwali tal-familja, allura nkunu qed infittxu l-ġid ta' kull individwu u l-kollettività fi ħdan is-soċjetà. **Il-familja mhux biss hija l-iċken demokrazija fis-soċjetà imma anki s-sisien tas-soċjetà.**

Hemm qabża bejn il-kliem u l-prattika. Bħala nsara aħna mistennija nagħtu s-sehem tagħna skont it-tagħlim nisrani u bħala Maltin skont it-tradizzjonijiet u l-valuri tagħna. **Għandna nkunu kburin li l-familja tagħna hija l-aqwa kapital u prodott li għandna. Ħafna mhux biss jammiraw, imma anki jgħiru għar-rabta, l-għaqda u s-solidarjetà tal-familji tagħna.** Dan minkejja li nagħrfu l-bidla li għaddejja u d-diffikultajiet materjali, psikoloġiċi u soċjali li magħhom ħafna mill-familji tagħna jħabbtu wiċċhom.

Il-familja għandna nibqgħu nqisuha bħala skola tal-ħajja fejn il-miżżewġin fir-relazzjonijiet ta' bejniethom u ma' uliedhom jikbru, jgħixu u jitgħallmu l-valuri materjali u spiritwali tal-ħajja f'dinja li qed tinbidel. B'dan il-mod il-familja ssir riżors u tiġġenera l-enerġija lill-familji oħra.

*Konklużjoni*

**Dan huwa kollu possibbli jekk aħna nħobbu u nippromwovu l-familja bħala Komunità ta' mħabba. Fl-istampa jagħmlu ħafna ħoss il-familji fi kriżi, iżda ħafna huma l-familji li llum qed jagħrfu, jgħixu u jgħinu lilhom infushom biex jikbru fl-imħabba. Imma b'daqshekk ma rridux inserrħu rasna għax anke fil-gżira ċkejkna tagħna qed jidħru xquq ta' tħassib. Dan għax illum kif kien igħid il-Beatu Ġwanni Pawlu II, hawn kultura kontra l-familja, kontra l-ħajja u kontra l-imħabba.**

*Kummentarju (6)*

# Ambjent Ostili jġedded il-Knisja



*kitba ta'* JOE RAPA

**Ninsabu qed ngħixu mumenti importanti u dawn il-mumenti jġibu tensjoni u tħassib. 'L isfel minna, fl-Afrika ta' Fuq, dak li donnu kien ilu jinġema' sploda f'daqqa. Tuneżin iddisprat. Gradwat bla xogħol jikkuntenta ruħu jbigħ ftit ħaxix fuq karretta. Pulizija jaqliblu kollox fl-art għax bla permess. Imur fil-pjazza tal-belt u jagħti n-nar lilu nnifsu. Dak is-sufarin traġiku ta n-nar lil pajjiż kollu, u oħrajn ukoll.**

Dan, u t-tsunami tal-Ġappun, poġġa xi ftit għad-dell id-dibattitu tad-divorzju fostna. Id-divorzju hu suġġett li tista', jekk trid, tħares lejh minn angoli differenti u tasal għal konklużjonijiet differenti. In-Nisrani jrid iħares lejh kif tħares lejh il-Kelma t'Alla li torbot lill-Knisja. Kulħadd jaf x'tgħid il-Kelma t'Alla u x'tgħid il-Knisja. Ftit li xejn qegħda tħaqqaqha l-Knisja. Minflok qed tħalli lil kull bniedem jiddeċiedi skont il-kuxjenza tiegħu. Deċiżjoni perikoluża, imma forsi mibnija fuq fiduċja f'Alla.

Din tal-kuxjenza naraha deċiżjoni perikoluża għax kif se tkun taf il-Knisja sa liema punt hi ffurmata l-kuxjenza tan-nies? Ngħiduha kif inhi, is-sistema li għandha l-Knisja fil-preżent biex tifforma l-kuxjenza tan-nies hi difettuża. Mhux għax mhux qed isiru sforzi, anzi jsiru ħafna; f'pajjiżna almenu jsiru ħafna, ħafna. Imma s-swar li qed nibnu kontra l-imwieġ tas-sekularizzazzjoni jidhru tar-ramel. L-opinjoni tiegħi (li forsi m'għandhiex valur, wara kollox jien min jien?), hija: kemm se ndumu nserrħu rasna b'liturġiji u sagramenti għaddejjin il-ħin kollu mingħajr ma nagħtu kas biżżejjed ta' evanġelizzazzjoni progressiva u permanenti li tagħti l-Fidi adulta li minnha jiddependu dawn il-liturġiji u s-sagramenti? Jew qed ngħid xi ħmerija? Jiena, lajk; nista' nitkellem fuq dawn l-affarijiet, jew qed nara biss il-qoxra għax ma nifhimx?



*Kristu ġie għal xi bewsa biss? Kliemu qed nistmawh?*

**Inżeffnu l-quddiesa bħala s-soluzzjoni ta' kollox u int Nisrani tajjeb jekk tisma' l-quddies kuljum. Tassew li ma jeżisti l-ebda Nisrani veru li ma jgħix bl-Ewkaristija, bis-sagramenti u bil-liturġiji tal-Knisja, imma hemm ħafna, ħafna nies li jattendu għal dan kollu u dan mhux garanzija li huma Nsara veri. Reliġjużi ħafna jista' jkun, imma tkun Kristjan hi xi ħaġa oħra.**

**Fuq id-divorzju, per eżempju, naf nies li huma tal-Knisja imma għandhom opinjonijiet għal kollox differenti minn tagħha. Forsi huma qrib it-tbatija ta' żwieġ imfarrak, tagħhom jew ta' xi ħadd fil-familja. It-tbatija malajr tiffurmalek kuxjenza hi jekk il-valuri ma jkunux mibnija fuq il-blat ta' Fidi adulta. U minn fejn se nġibuha din jekk mhux minn iktar predikazzjoni, ħafna iktar milli l-għaxar minuti omelija tista' toffri?!**

**Storikament iffokajna fuq evanġelizzazzjoni fost it-tfal. Din trid tkun. X'naqbad ngħid? Fl-imgħoddi dan serva. Illum ma nafx. Nistagħġeb kemm żgħażagħ jinbarmu mill-ewwel, qishom qatt ma semgħu xejn, donnhom qatt ma ltaqgħu mal-Kelma, mal-Aħbar it-Tajba ta' Kristu. X'qed ngħallmuhom it-tfal? Morali u etika biss? Fejn hi l-Aħbar it-Tajba li trid tiġi qabel kollox? Qed innisslu fiż żgħażagħ imħabba lejn l-Iskrittura, familjarità magħha, anke jekk possibbli, intimità magħha? Qed jiġi pproklamat b'qawwa Ġesù Kristu bħala l-Uniku Salvatur li ħallas b'Demmu id-dejn kollu tiegħek u tiegħi? Qed inpoġġu lil Ġesù fiċ-ċentru bħala l-uniku li jagħti sens lill-ħajja?**

Nerġa' ngħid, dawn huma opinjonijiet personali tiegħi li jistgħu ikunu żbaljati, imma għalija l-kriżijiet, waħda wara l-oħra li magħhom ikollha tħabbat wiċċha l-Knisja, (bħalissa d-divorzju, għada ħaġa oħra), m'huma xejn ħlief

Kelma t'Alla lill-Knisja li ssejħilha għal riforma fil-mentalità. Alla dejjem inqeda biċ-ċirkostanzi biex jgħin lill-Knisja tirriforma ruħha, għax ngħiduha kif inhi, il-bniedem qatt mhu se jbiddel xejn jekk l-affarijiet ikunu sejrin kif jixtieq hu!

Bħalissa, l-ambjent li qed jinħolqilha madwarha l-Knisja, ħafna iktar barra milli hawn, qed jgħidilha li ż-żmien ta' Knisja trijonfalista tal-massa għadda. **Għadda ż-żmien meta inti Nisrani Kattoliku għax għammduk u mniżżel fuq reġistru. Wasal iż-żmien li jekk int Nisrani dan irid jidher.** L-istorja tgħidilna li mal-konverżjoni ta' Kostantinu il-miljuni daħlu fil-Knisja li bilmod ilmod kellha tabbanduna s-sistema tal-għaġeb li kellha biex tħejji l-kandidati għall-Magħmudija. Aqraw il-katekeżijiet tas-Santi Padri li kienu jsiru lill-katekumeni u tkunu tafu x'jien ngħid. Infetaħ 'bracket' fejn kulħadd kien jitħalla jidħol fil-Knisja bit-tama li b'xi mod jikber fil-Fidi wara. Dan il-'bracket' storiku issa qiegħed jingħalaq, bil-ġnus, almenu fl-Ewropa, ħerġin 'il barra, lura lejn il-paganiżmu. Kibret l-antipatija kontra kull tip ta' reliġjon fost in-nies komuni Ewropej li huma konvinti li ħafna gwerer u nkwiet fid-dinja jeżistu għax hawn ir-reliġjon!



*Int "Nisrani" għax ġejt mgħammed? Qed tgħix ta' Nisrani?*

**Ħelu, ħelu, qed niżżersqu lura lejn ambjent jixbah lil dak li kellha l-Knisja Primittiva, ambjent ostili, mimli gideb u preġudizzji li jġibu persekuzzjoni. Irene Wiens, omm ta' erbat ulied fil-Ġermanja, intbagħtet erba' xhur ħabs, l-aħħar waħda minn 35 kas. Ir-reat tagħha kien li rrifjutat li tibgħat lil uliedha għal-lezzjonijiet fuq l-edukazzjoni sesswali li l-Gvern jipprovdi ta' bilfors fl-iskejjel kollha. L-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel Ewropej hija kkontrollata minn nies sekularizzati u liberalisti li fl-Ingilterra bdew jgħallmu kif isir l-att sesswali lil tfal ta' erba' snin! Ġenituri Nsara bħal Irene Wiens qed jeħduha kontra din il-mentalità dominanti tal-lum fejn mhux il-ġenituri huma responsabbli għall-edukazzjoni ta' wliedhom iżda l-awtoritajiet. Hawn twasslek id-demokrazija li biha niftaħru. Ma naħsibx li hawn min irid jilgħab xi mħatra dwar jekk dawn l-affarijiet għadx jibdew deħlin bilmod ilmod hawn ukoll.**

Nerġa' ndur lura u nistaqsi: imma possibbli, f'dan l-ambjent, li l-enerġija kważi kollha tal-Knisja għandha tinħela fir-riti u fil-liturġija? Quddies kemm trid! Kull siegħa ddoqq waħda! Ma rridx niftiehem ħażin!! Diġà għidt li l-Ewkaristija, is-sagramenti, il-laqgħa tal-Ġemgħa Qaddisa li tfaħħar 'l Alla, dawn huma l-ħajja tal Knisja! Huma l-quċċata. Imma konvint, anke mill-esperjenza personali tiegħi, li dawn, kif ukoll il-ħajja morali u etika, il-valuri, l-għażliet li nagħmlu, kollox jiddependi mill-Fidi li, skont l-Iskrittura, tiġi mis-smigħ tal-predikazzjoni (il-Grieg oriġinali ma jgħidx predikazzjoni imma l-*Kerygma*, l-Aħbar it-Tajba).

Spiċċa għal kollox iż-żmien li Parroċċa tikkuntenta ruħha b'evanġelizzazzjoni sa meta wieħed isir adolexxenti, imbagħad tibagħtu jgħum fil-baħar ta' 'brainwashing' li hi l-midja kollha llum. Personalment għandi d-dubji tiegħi kemm wieħed jista' jibda dieħel bis-serjetà' fil-Fidi Nisranija qabel jagħlaq it-tlettax, qabel ma jkun għadda minn ċerti esperjenzi tal-ħajja. **Reliġjożità iva. Sentimenti sbieħ iva. Imma laqgħa serja ma' Ġesù Kristu… Jien immarkat minn esperjenza personali.** Ta' 30 sena indunajt li kont totalment ingannat fuqi nnifsi, fuq il-Fidi li kont naħseb li kelli, fuq l-ideat dwar Alla u l-Knisja. Kont xortija tajba għax il-Mulej laqqagħni ma' sistema serja ta' riskoperta tal-Magħmudija, ta' daħla katekumenali fil-Fidi. Dak li gawdejt minnu jien ma nistax ma nixtiqux lil ħaddieħor.

Naf li d-djoċesi tagħna dan qegħda tagħrfu. Qed isiru sforzi qalbiena biex inwelldu ġenerazzjoni nisranja ġdida. L-aħħar eżempju hu l-proġett ambizzjuż ta' tħejjija għaż-żwieġ għall-għarajjes. Imma dik hi parti mill-battalja. Xorta nibqa' bl-impressjoni li l-Parroċċi tagħna (il-Kappillani?) iserrħu moħħhom jekk fil-knisja tagħhom hemm kumdità ta' quddies u qrar, jekk il-festi jkunux organizzati tajjeb, jekk jiġux nies għall-eżerċizzi (li għalija huma sintomu li jindika kemm għandna bżonn iktar katekeżi matul is-sena kollha!) jekk għandhomx min iqassmilhom il-bullettin u jiġbrilhom…

**Nerġa' ngħid li nammira l-isforzi li qed isiru minn ħafna. Il-kappillani kollha qed jerfgħu ir-responsabbiltà tagħhom u jagħmlu li jistgħu. Bħal dejjem, jiddependu ħafna mill-koperazzjoni tan-nies u din se jirċevuha biss minn minoranza mhux mill-massa. Qed isir ċaqliq ta' bidla fil-mentalità ta' kif għandha tkun iffurmata l-Parroċċa. Qed jidhru sinjali ta' 'tqala' li kapaċi twassal għat-twelid ta' Parroċċa ġdida fejn l-enfasi tkun fuq il-prinċipju tal-komunità ċkejkna, ħafna komunitajiet ċkejknin f'mixja kontinwa u progressiva ta' konverżjoni serja. Il-konverżjoni mhix għal żmien ir-Randan. Il-konverżjoni takkompanja n-Nisrani tul ħajtu kollha, sal-mewt.**

Immaġina Parroċċa li mingħajr ma tisforza lil ħadd tħalli li taqa' fl-għalqa tagħha ż-żerriegħa ta' komunità ċkejkna ta' għoxrin, tletin aħwa, li wara ftit, huma stess jibdew jevanġelizzaw biex minn komunità waħda jitwieldu oħrajn sakemm titwieled dik li l-Papiet sejħulha Parroċċa Atomika, Parroċċa magħmula minn ħafna komunitajiet,



*X'jagħmilna tassew "parroċċa"? Il-Festa Titulari biss?*

gruppi żgħar, lajċi mogħtija b'ruħhom u ġisimhom għall-evanġelizzazzjoni ġdida! Din l-esperjenza twelled kultura ġdida, kultura nisranija, kultura msejsa fuq il-Kelma. Jibdew jitwieldu jew jiġu skoperti kariżmi ġodda u l-Parroċċa tieħu l-ħajja tassew. Dan hu ambjent fejn jimmultiplikaw il-vokazzjonijiet għax iċ-ċentru ta' dan l-ambjent hu t-tħabbira ta' Kristu bħala grazzja, aħbar tajba għal ħajtek, xi ħadd li se jagħtik u mhux jeħodlok. Kristu ma jibqax iktar Xi Ħadd impossibbli li timita, imma Teżor Moħbi, avventura ta' tfittxija li iktar ma ssib iktar jaqbdek għatx biex issib iktar.

**Fuq kollox il-Parroċċa jrid ikollha l-mentalità li l-ħajja Nisranija hija mixja, proċess. Il-Magħmudija hi biss bieb li jinfetaħ, il-bidu tat-triq. Mhux kwistjoni ta' kemm jiġu nies il-knisja biss imma jekk humiex fi proċess ta' daħla fil-Fidi. Meta jibda jitħaddem dan il-proċess bis-serjetà, imbagħad tista' l-Knisja sserraħ moħħha fuq il-kuxjenza tal-aħwa dwar divorzju, żwieġ omosesswali, eċċ.**

Jien inħoss għall-bniedem li jħobb il-Knisja u l-valuri tagħha u li hu frustrat u mħasseb għax qed jara d-dinja tiegħu tikkrolla biċċa biċċa madwaru; illum titnaqqar ħaġa, għada oħra. Huwa frustrat għax ftit jista' jagħmel. Iħoss li xejn ma jista' jwaqqaf l-Istorja, li kollox jidħol bilmod ilmod, li l-Knisja qed tirtira fil-pajjiżi kollha 'progressivi'.

**Ir-realtà hi oħra! Nistrieħu fuq il-Fidi! Huwa l-Qawmien ta' Kristu li jimmarka l-Istorja. Kristu hu Sid l-Istorja! F'dan id-dawl, kulma jiġri għandu sens, sens pożittiv għall-Knisja. Il-Knisja daqqet l-irtirata mitt darba f'dawn l-aħħar elfejn sena, biex mill-ġdid terġa' lura mġedda, iktar żagħżugħa, mżejna b'qaddisin ġodda f'kull ġenerazzjoni. Dan, għax nerġa' ngħid, Kristu hu Sid l-Istorja u mhux il-filosofi, l-għorrief jew in-nies tal-poter tad-dinja. Kemm-il darba xxettlet ġdida l-Knisja, imqajma mill-mewt, mgħejuna mill-istess ambjent ostili li għena tinbidel! Il-maħbub Papa Pawlu VI darba qal: "Irridu nħawlu u nxettlu l-Knisja mill-ġdid f'kull ġenerazzjoni bħallikieku qatt ma eżistiet!" Kliem qalbieni u profetiku.**

Bla ma ninsew jew ninqatgħu mill-patrimonju ta' għerf u tradizzjoni li l-Knisja bniet matul is-sekli, ejjew nittamaw li qegħdin ngħixu f'era ta' sfida u theddid imma ta' stennija, opportunità u qawmien Nisrani f'pajjiżna u kullimkien.






*Għext il-Mandraġġ (8)*

# *Filantropi tan-Naħa Tagħna*



*kitba ta'* **ANTON SPITERI**

**In-naħa tagħna kellna żewġ anġli kustodji li kienu dejjem lesti biex jagħtu l parir siewi tagħhom u jaħdmu biex iseddqu l-għaqda fost il-ġirien. Dawn kienu Marija Grech ta' Fissa għax nannitha kien jisimha Kurċifissa u Ġorġa Mintoff li għexet ħajjitha għall-Missjoni.**

Marija kienet xebba u kienet tieħu ħsieb ħutha subien. Hi kienet tagħti l-pariri tagħha bil-ħlewwa u konna nisimgħu minnha. Kull ħaġa li kienet tagħmel kienet tagħmilha biex ittaffi n-nar tal-Purgatorju. Minflok "Jekk jogħġbok" u "Grazzi" kienet tgħid "Għall-Erwieħ" u nirrispondu "Ammien".

Fi żmien il-kriżi ta' Kuba kienet tgħidilna biex nitolbu għax id-dinja tinsab f'xifer ta' gwerra. Toni, ħu Marija, kien jurina xi kwiekeb jimxu fis-sema. Hu kien jgħidilna li dawk kienu satelliti u minn hemm fuq kienu jarawna. Aħna ma konniex niftakru l-gwerra u l-kbar kienu jgħidulna li mietu bosta nies u batew il-ġuħ. Għalina kienet avventura li konna nixxennqu għaliha. F'dawk is-snin kienu nħadmu bosta films fuq il-gwerra. Fl-inħawi Ta' Xkora konna nsibu bottijiet bit-toqob fil-qiegħ u dawn kienu tal-maskri tal-gass li kienu tqassmu lil kulħadd. Missieri kien xtara tużżana landi kbar tal-biskotti kwadri ta' żmien il-gwerra. Xi ftit minnhom kienu kważi tajbin biex tikolhom. Fix-xitwa kellna kutri tas-suf griżi u kellna sodda tal-ħadid li kienet tingħalaq. Missieri kien jixtri ħwejjeġ tal-militar mingħand Mallia tax-Xewkija li kien ikun armat mal-*Banca Giuratale* tat-Tokk. Fi Pjazza Savina konna naraw toqba fil-ħajt tas-sagristija tal-knisja u din kienet saret meta sar attakk mill-Ġermaniżi fuq xarabank u kien inqatel sidha. Dik il-ħabta bdew inaddfu x-xelters u kienu jdoqqu s-sirena. Aħna t-tfal konna nogħxew b'dawn l-affarijiet, biss niftakar li Marija u ommi kienu jkunu ħosbiena l-aktar x'ħin jisimgħu s-sirena. Min kien jiftakar il-Gwerra sar iħobb il-paċi. Marija ta' Fissa kienet tħobb il-paċi l-aktar bejn il-ġirien. Hi kienet ħabiba ma' Ġorġa Mintoff tal-Ġidri u kienu jħobbu jitkellmu fuq ħwejjeġ tar-ruħ.

Niftakar lil omm Ġorġa li mietet ta' età kbira. Ommha kienet tkun fil-bitħa tilqa' lil kull min imur għandhom. Wara li mietet ommha, kif tidħol kont tara kaxxa kbira dejjem lesta biex timtela' bil-ħwejjeġ u oġġetti oħra utli għall-missjoni. Hi kienet titkellem b'fervur dwar il-missjoni u aħna konna nħossuna sinjuri meta nisimgħu dwar il-faqar tat-tfal tal-Missjoni. Hi kienet tgħidilna dwar Dun Karm tan-Nadur, is-Sależjan li għex u miet l-Indja. Hu kien iżommna ssummati nisimgħu l-avventuri tiegħu fosthom li darba attakkatu tigra. Lil Ġorġa kien jgħidilha li hu ross jiekol imma biex ma toqgħodx tagħmillu ross il-forn għax meta jmur l-Indja ross abjad biss kien jiekol. Meta konna naraw lil Dun Karm aħna t-tfal kollha konna noħorġu biex nifirħu bih. In-nies tan-naħa tagħna kienu jagħtu lill-missjoni mill-aħjar li setgħu.



*In-nisa tal-Mandraġġ: nisa tad-dar u dejjem ferħanin*

Ġorġa kienet taf kif tmur magħna t-tfal għax kienet għalliema. Meta staqsejtha fuq l-iskola ta' tfulitha, kienet qaltli li meta jmorru l-iskola kienu jieħdu l-bizzilla magħhom ħalli filgħaxija joqogħdu jaħdmu l-bizzilla. Hekk il-ġenituri kienu jaċċettaw li jibagħtu lil uliedhom l-iskola. Is-subien kienu jmorru jitgħallmu s-sengħa ta' mastrudaxxa. Jien niftakar li kont immur f'dar f'salib it-tiġrija u kien ikun hemm xi nies jitgħallmu xi snajja speċjalment il-bizzilla. Ix-xogħol tal-bizzilla kien isir l-aktar wara nofsinhar. In-nisa kienu jafu jaħdmu bl-amment u għalhekk kien ikollhom ċans jgħidu kelma. Id-diskors bħaċ-ċirasa u miskin hu min kien jeħel magħhom. Jekk kien ikun hemm Ġorġa, d-diskors fil-vojt kien jieqaf għax kienet tibda ħames posti Rużarju. Jekk xi ħadd jibda jitkellem f'nofs il-posta, Ġorġa kienet terġa' tibda l posta mill bidu. Hi kienet devota kbira tal-Madonna speċjalment tal-Madonna Ta' Pinu. Fl-Erbgħat kienet tħajjarna nimxuha sas-Santwarju tal-Madonna. Meta Frenċ tal-Għarb beda devozzjoni lejn il-Kurċifiss u l-Madonna fuq l-Għolja t'Għammar, Ġorġa kienet waħda mill-promoturi. Fuq in-*National Geographic* kien deher ritratt ta' pellegrinaġġ u fuq quddiem tidher Ġorġa.

Is-sehem ta' dawn it-tnejn min-nies kien importanti biex in-naħa tagħna jsaltan l-ispirtu ta' għaqda u għajnuna lil min ikun fil-bżonn.

*Passiġġata Biblika - 64*

*"Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu." (Mark 16:15)*

# Il-Kelma ta' Alla u l-Kultura

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***Introduzzjoni***

It-tema tal-Kelma ta' Alla u l-kultura hija konsiderazzjoni ta' dawn l-aħħar żewġ sekli, għalkemm il-kultura kienet dejjem il-medjum għall-katekeżi. Fl-aħħar snin rajna iżda l-attenzjoni li tat il-katekeżi nisranija lil diversi żviluppi li nibtu fil-kultura minn żmien għall-ieħor. Is-suġġett tagħna jpoġġi quddiemna ukoll diversi problemi u sfidi tas-soċjetà tagħna. Fost dawn insibu l-problema tal-fidi u l-inseriment tagħha fil-kultura, speċjalment l-indifferenza reliġjuża, niltaqgħu ma' problemi soċjoloġiċi, u xjentifiċi. Ser nagħmlu għalhekk riferiment partikulari għall-kultura oċċidentali kontemporanja. Fuq kollox wieħed ma jridx jinsa tema oħra importanti f'dan ir-rigward, l-inkulturazzjoni jiġifieri l-adattament tal-katekeżi għal diversi drawwiet u kulturi ta' nies f'postijiet differenti fid-dinja.

***Il-Katekeżi***

Fid-Dikjarazzjoni dwar l-Edukazzjoni Nisranija tal-Konċilju Vatikan II, *Gravissimum Educationis* fin-numru 4 insibu: "Fil-qadi tad-dmir tagħha li teduka l-Knisja, ħerqana li tuża l-mezzi kollha li jwasslu għall-iskop, tfittex fuq kollox li tuża l-għodda li huma proprji tagħha. L-ewwel fost dawn huwa t-tagħlim katekistiku li jdawwal u jsaħħaħ il-fidi, igħajjex il-ħajja skont l-ispirtu ta' Kristu, iwassal l-insara għal parteċipazzjoni aktar konxja u attiva fil-misteru liturġiku u jqanqalhom għall-ħidma appostolika." Minn hawnhekk wieħed jista' jinduna bil-prijorità tal-katekeżi fil-Knisja kif tixhed tajjeb il-Liġi Kanonika tal-Knisja permezz tal-kanoni 785 paragrafu wieħed dwar l-importanza tal-katekeżi fil-ħidma missjunarja u permezz ta' kanoni 773 dwar l-istruzzjoni tal-katekiżmu sabiex tqajjem u ssaħħaħ il-fidi.

Fl-Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* tal-1979 fin-numru 18, il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna li: "Il-katekeżi hi trawwim fil-fidi tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-kbar u b'mod speċjali tħaddan it-tagħlim tad-dutrina nisranija mogħti b'mod organiku u sistematiku, bil-għan li jwassal għall-milja tal-ħajja nisranija." L-għan tal-katekeżi huwa li: "tixxierek ma' Ġesù Kristu; hu biss jista' jitwassal għall-imħabba tal-Missier fl-Ispirtu s-Santu u jagħtina sehem mill-ħajja tat-Trinità Qaddisa."

Fuq kollox il-katekeżi hija waħda mid-diversi ministeri tal-Knisja fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni u tħejjija għal-liturġija. Isservi sabiex fejn hu meħtieġ tnissel il-fidi (predikazzjoni kerigmatika) u ssaħħaħha permezz tal-ħidma tagħha.

***Il-Kultura***

Il-kultura tirriferi għar-realtà totali magħmula u trasformata mill-bniedem fis-sitwazzjoni konkreta tiegħu tal-umanità. Kien filfatt S. Pufendorf fl-1686 li għamel użu għall-ewwel darba tal-kelma 'cultura' f'sens assolut bħala tibdil fl-istat naturali ta' ħaġa. Il-Kostituzzjoni pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum tal-Konċilju Vatikan II, *Gaudium et spes* li tittratta ħafna l-katekeżi u l-kultura, tgħidilna fin-numru 53: Li l-kelma 'kultura' f'sens ġenerali tindika dawk il-mezzi kollha li bihom il-bniedem isebbaħ u jħaddem il-ħafna doti tar-ruħ u tal-ġisem; ifittex li bl-għerf u bix-xogħol jieħu setgħa fuq l-istess dinja; jagħmel aktar xieraq lill-bniedem il-ħajja soċjali kemm fil-familja, kemm fis-soċjetà ċivili kollha, permezz tal-progress fil-kostumi u fl-istituzzjonijiet; ... l-kultura umana għandha dejjem aspett storiku u soċjali u li l-kelma 'kultura' spiss tieħu tifsir soċjoloġiku u etnoloġiku.

Ħafna drabi però it-terminu ta' kultura jiġi użat sabiex jindika diversi dimensjonijiet partikulari tal-kultura soċjali per eżempju l-kultura umanistika li tinkludi l-ħsieb filosofiku, l-arti, il-letteratura, eċċ; kif ukoll dik xjentifika rigward xjenza empirika u t-teknoloġija, speċjalment l-iżvilupp fil-mezzi tal-komunikazzjoni. Għalhekk kif għedna diġà d-diskors ta' katekeżi u l-kultura jolqot diversi żviluppi u problemi.

***L-Inseriment tal-Fidi***

Huwa fatt reali li l-kultura oċċidentali, dik kontemporanja poġġiet għal diversi mħuħ, il-fidi kristjana f'baħar ta' dubji u nsikurezza. L-għerq ta' din il-kriżi jmiss punt fundamentali tal-fidi tal-bniedem, dik tal-eżistenza tiegħu u fuq kollox tal-eżistenza tal-Ħallieq tiegħu. Din il-problema ta' fidi hija waħda akuta ħafna għax kapaċi tkisser u tħott il-prinċipji kollha morali li permezz tagħhom wieħed jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin. Żgur li l-problemi ta' ateiżmu prattikanti, indifferenza reliġjuża, sekularizzazzjoni u nuqqas tas-sens tal-għemil moralment ħażin, jiġifieri tad-dnub, huma sfidi notevoli għall-katekeżi nisranija.

Għalhekk l-ewwel għan tal-katekeżi hija li ssaħħaħ il-fidi u tilqa' għal din il-gidba soċjali ta' nuqqas ta' twemmin f'Alla u turi l-verità mad-dinja kollha. Turi fuq kollox li kultura li tinnega lil Alla hija kultura ta' mewt u ta' disperazzjoni u li tbiegħed lill-bniedem mill-għan veru tiegħu, li huwa ordnat lejn l-Assolut. Għalhekk l-istrateġija kateketika għandha taħdem u tiskopri mill-ġdid fejn spiċċa t-twemmin ta' Alla, billi toffri antropoloġija vera u kristjana ħalli b'hekk jgħaddi l-eklissi u jerġa' jitwieled mill-ġdid id-dawl tal-verità. Hu għalhekk quddiem din il-kultura, li l-katekeżi għandha bżonn terġa' tnissel il-fidi permezz tal-Kelma ta' Alla, trid terġa' tmur għall-ħidma kerigmatika tagħha eżatt bħall-ewwel żminijiet tal-Knisja. Fuq kollox għandha taħdem u tibda mill-familja stess li hija l-ewwel soċjetà u tiffoka fuq il-valuri tal-familja nisranija.

***Messaġġ effikaċi tal-Evanġelju***

Il-*Gaudium et spes* fin-numru 58 tgħidilna: "il-Knisja li tgħix f'kondizzjonijiet diversi matul iż-żminijiet, inqdiet b'dak li kienu sabu l-kulturi diversi biex fil-predikazzjoni tagħha lill-ġnus kollha xxerred u tfisser il-messaġġ ta' Kristu biex tistudjah u tifhmu aħjar, biex tfissru aħjar fil-ħajja liturġika u fil-ħajja tal-komunità ta' l-insara li tista' tkun ta' bixriet differenti." Huwa kompitu importanti tal-katekeżi mela li tirrappreżenta lill-poplu l-vanġelu ta' Kristu b'lingwaġġ applikabbli għaż-żminijiet tal-lum. Hu hawnhekk jidħol b'mod speċjali x-xogħol tas-saċerdot li joffri omeliji (li huma katekeżi) li tassew in-nies ikunu jistgħu jsegwu u jifhmu l-messaġġ tagħhom. Fuq kollox ukoll il katekisti għandhom jagħrfu bir-responsabbiltà sabiex jippreżentaw b'mod effikaċi l-vanġelu lill-kategoriji differenti tal-poplu ta' Alla miż-żgħar sal-kbar.

Għalhekk mela l-katekeżi għandha toħloq lingwaġġ li jippermetti li l-Vanġelu jkun aċċettat u b'konvinzjoni li jiġi mgħix fil-ħajja ta' kuljum. Dan jinkludi għalhekk edukazzjoni kontinwa, katekeżi li toffri edukazzjoni nisranija kontinwata miż-żgħar sal-kbar iżda fuq kollox katekeżi marbuta ma' xhieda tassew nisranija. Edukazzjoni nisranija li tissensibbilizza verament id-diversi problemi tal-kultura li magħha jiltaqa' l-bniedem tal-lum u fuq kollox tippreżenta kristjaneżmu f'linwaġġ konkret, essenzjali, sempliċi u b'xhieda awtentika ta' appostolat u djakonija. Il-Papa Pawlu VI fl-*Evangelii Nuntiandi* fin-numru 20, jisħaq ħafna fuq l-armonija li għandu jkun hemm bejn il-Vanġelu u l-kultura. Meta l-kultura tinfired minn mal-vanġelu, din tkun għamlet pass traġiku ħafna.

***Il-Katekeżi u l-Inkulturazzjoni***

L-Inkulturazzjoni kellu l-bidu tiegħu mill-Papa Benedittu XV permezz tal-Ittra Appostolika *Maximum Illud* tal-1919 fejn il-Knisja għarfet fuq kollox bl-importanza li tadatta ruħha għas-sitwazzjoni u l-kultura tal-knejjes partikulari speċjalment fil-missjoni. Il-Kardinal Yves Congar fil-ktieb tiegħu '*Cristianesimo come fede e come cultura*' jiddeskrivi l-inkulturazzjoni bħala: "*piantare il germe della fede in una cultura e farlo sviluppare, esprimersi secondo le risorse e il genio di quella cultura.*" Hija għalhekk l-inkarnazzjoni tal-ħajja u tal-messaġġ evanġeliku f'żona konkreta kulturali u b'hekk isir parti minnha. Għalhekk bħala prinċipju ta' inkulturazzjoni, l-kristjaniżmu li jinserixxi ruħu ovvjament bil-katekeżi, għandu jinża l-libsa tiegħu per eżempju dik oċċidentali-ewropea u jilbes libsa oħra f'okkażjoni ta' esperjenza kulturali differenti.

Għalhekk il-katekeżi għandha tagħti każ tad-diversi espressjonijiet reliġjużi li tiltaqa' magħhom, fil-modi ta' talb, liturġiji u riti u anke l-lingwaġġ reliġjuż li ssib. Huwa meħtieġ li jkun hemm impenn għal djakonija kulturali fl-inkulturazzjoni. Il-kultura hija dak il-medjum universali li fiha jixxandar il-vanġelu lill-bnedmin kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni. Fid-Digriet dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja tal-Konċilju Vatikan II, *Ad gentes divinitus* fin-numru 20, insibu li t-tixrid tal-vanġelu jasal għand kulħadd minkejja sitwazzjonijiet u kulturi differenti. Din il-ħidma ta' inkulturazzjoni tibqa' ħidma impenjattiva u diffiċli fil-Knisja.

L-inkulturazzjoni hija mela l-espressjoni tal-kristjaniżmu fid-diversi kulturi. Iżda f'dan l-adattament il-katekeżi ma tistgħax tkun waħedha, għandha għalhekk il-bżonn tal-elementi kollha tal-Knisja. Minn naħa l-oħra l-proċess ta' inkulturazzjoni jitlob żmien fit-tul u ta' tagħlim. Mhux faċli per eżempju tispjega l-valur tal-familja u taċ-ċelibat saċerdotali f'kulturi ta' familji poligamiċi bħalma nsibu fl-Afrika u fl-Indja.

Il-katekeżi għandha responsabbiltà kbira fl inkulturazzjoni. Il-messaġġ tal-vanġelu jrid jitwassal bl-iktar mod li jirrispetta l-valuri u d-drawwiet tal-kultura tal-post mingħajr ma jitlef l-awtentiċità tiegħu. Għalhekk il-katekista meta jgħallem f'dawn il-postijiet irid ikollu tagħrif adekwat dwar l-ideat antropoloġiċi tan-nies fejn qiegħed. Dan fuq kollox jitlob sens ta' djalogu speċjalment ma' dawk ir-reliġjonijiet mhumiex insara fejn qegħda titwassal il-katekeżi. Il-messaġġ tal-vanġelu jrid jitwassal f'terminoloġija kumplimentari mal-aspetti ta' dawn ir-reliġjonijiet li ħafna drabi jikkostitwixxu l-maġġoranza ta' twemmin tal-post.

Hemm imbagħad ix-xogħol tal-katekeżi rigward il-lingwaġġ użat, dan huwa numeruż u impenjattiv ħafna. Wieħed irid ikollu tagħrif dwar it-teoloġiji differenti bħal dik Afrikana, Indjana, Orjentali, Latinamerikana u oħrajn li jirriflettu l-messaġġ kristjan f'kategoriji lokali. Dan għalhekk huwa xogħol delikat u diffiċli sabiex il-katekeżi tinfiltra f'kultura determinanti.

***Konklużjoni***

Ovvjament il-katekeżi mhijiex studji ta' dawn il-problemi kulturali li rajna imma hija l-Bxara t-Tajba għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Imma l-katekeżi trid ukoll tagħraf is-sinjali taż-żminijiet, sinjali li huma tajbin u oħrajn li jmorru kontra l-verità. Filfatt kull katekeżi tinserixxi ruħha f'kultura, hekk kienet l-ewwel katekeżi nisranija mgħallma minn Kristu li saret fil-kultura Lhudija ġewwa l-Palestina.

Importanti għalhekk li l-katekeżi toffri identità ċara kristjana fil-kultura li tkun, ixxandar l-aħbar it-tajba u l-uniċità ta' Kristu, tkun xhieda qawwija u ta' tama nisranija u fuq kollox tuża lingwaġġ adattat, komuni, bibliku, teoloġiku u linwaġġ inkulturat. Sabiex b'hekk l-aħbar it-tajba tal-Mulej Ġesù li tawwal idejh fuq is-salib kemm lejn il-lvant u kemm lejn il-punent, permezz tiegħu aħna nxandruH kemm lejn il-lvant u kemm lejn il-punent, lill-ġnus kollha tad-dinja.

***Biblijografija***


ARRUPE P., "*Catechesi e inculturazione*", Aggiornamenti sociali 28 (1977).

*The Christian Faith in the Doctrinal documents of the Catholic Church,* edited by J. Neuner - J. Dupuis, New York 1982.

CONGAR Y., "Cristianesimo come fede e come cultura", *Regno-Documenti* 21 (1976).

CONGREGATION OF DIVINE CULT AND SACRAMENTAL DISCIPLINE, *Instructio De liturgia romana et inculturatione* (25 January 1995): AAS 87 (1995) 288-314.

*Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II,* edittjat mill-Edizzjoni Studia, Valletta 1982.

GEVAERT J., *Catechesi e Cultura Contemporanea,* Torino 1993.

HUELS J.M., *The Faithful of Christ. The New Canon Law for the Laity,* Chicago 1983.

JOHN PAUL II, *Apostolic Exhortation Catechesi Ttradendae* (16 October 1979).

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (35)* *minn* **JOHN CREMONA**

# *Finanzi Għawdxin*




Żgur li ħafna mill-qarrejja, bħali, jiftakru diversi tipi ta' flus li nqdejna bihom matul ħajjitna. Niftakar ftit is-soldi u x-xelini, imbagħad bdejna bis-sistema deċimali fl-1972, wara fl-1986 kellna muniti ġodda deċimali sakemm fl-2008 bħal ħafna pajjiżi fl-Ewropa qlibna għall-Ewro. Mill-1972 'l hawn inqdejna bi flus ta' Malta imma qabel dan iż-żmien dejjem użajna l-flus tan-nazzjonijiet li kienu jaħkmu u jiggvernaw lil pajjiżna. Hekk insibu li sa minn żmien il-Feniċi sa żmien l-Ingliżi dejjem kważi użajna flus barranin ħlief għall-perijodu ta' żmien il-Kavallieri meta l-flus kienu jsiru f'Malta stess.

Imma forsi ftit jafu li għal żmien qasir fi żmien ir-Rumani, Għawdex kellu l-muniti tiegħu, muniti ta' denominazzjoni żgħira ħafna imma li tixhed li Għawdex f'dak iż-żmien kien igawdi ċertu awtonomija kemm amministrattiva kif ukoll finanzjarja minn Malta. Dan narawh billi skrizzjonijiet Rumani jirreferu għal Għawdex bħala muniċipju filwaqt li l-flus li għadni kif semmejt iġibu fuqhom l-iskrizzjoni ΓΑΥΛΙΤΩΝ li tfisser Ta' Għawdex.

Il-munita ta' Għawdex kienet tintuża ħabta tas-sena 40 qabel Kristu u damet tintuża sa l-ewwel seklu qabel Kristu. Hija munita żgħira ħafna tal-bronż b'denominazzjoni ta' Quincunx jew 1/5 ta' As, waħda mill-iżgħar denominazzjonijiet tal-flus Rumani. Fuq quddiem tidher ras profil ta' mara bl-elmu f'rasha li x'aktarx hija Ġunone b'nofs qamar taħt. Fil-ġenb jidher in-numru Ruman V li jfisser 5. Fuq wara jidher suldat b'lanza f'idu u tarka tonda u għelm b'sitt ponot filwaqt li l-kelma Ta' Għawdex tinsab miktuba fil-ġenb bil-Grieg. Jeżistu wkoll varjazzjonijiet ta' din il-munita li jintgħarfu minn differenzi żgħar fosthom waħda li flok bl-elmu, ir-ras tal-mara tidher bix-xagħar miġbur. Il-munita għandha dijametru ta' bejn wieħed u ieħor ta' 17-il millimetru u tiżen bejn 4.82 u 3.46 gramma.

L-ewwel li jikteb dwar din il-munita huwa De Soldanis fil-manuskritt tiegħu *'Il Gozo Antico e Moderno e Sacro Profano'* fl-1746. Huwa bagħat minn dawn il-muniti lill-Konti Giovann Antonio Ciantar li min-naħa tiegħu bagħtlu informazzjoni dwar din il-munita f'ittra li De Soldanis irriproduċa sħiħa fil-manuskritt tiegħu. Insibu din il-munita tissemma wkoll fid-diskussjonijiet tas-Soċjetà Filosofika ta' Londra fl-1768 permezz ta' diversi ittri ta' John Swinton li kien il-kustodju ta' l-arkivju tal-Universita' ta' Oxford. Swinton jgħid li dawn il-muniti rari ferm jinstabu ma' l-akbar kollezzjonijiet u ma' l-aktar muniti kurjużi tad-dinja. Huwa kien tal-fehma li muniti oħra ta' l-istess żmien b'ittri Feniċji fuqhom li nstabu f'Għawdex kienu wkoll jappartjienu għall-gżira tagħna, teorija li ġiet rifjutata fil-bidu tas-seklu għoxrin.

L-inċiżjoni li qiegħed inġib ma' dan l-artiklu ġiet ippubblikata mill-Abbati Jean-Claude Richard de Saint-Non (1727 – 1791) fil-ktieb tiegħu *'Voyage Pittoresque ou Description des Royames de Naples et de Sicilie'* li ppubblika f'ħames volumi bejn is-sena 1781 u s-sena 1876. L-inċiżjoni turi għadd ta' muniti rari ta' Gela fi Sqallija, ta' Malta u ta' Għawdex. Il-muniti ta'Għawdex huma dawk li jidhru fuq isfel nett fil-ġnub u taħthom hemm miktuba il-kelma Gavlos l-isem bil-Latin għal Għawdex.

L-inċiżjoni li ġiet ippubblikata fit-taqsima fuq Malta u Għawdex flimkien ma' veduti oħra ta' Malta għandha qisien ta' 250mm x 195mm.

# Erbgħin modd qamħ għal Għawdex

**Id-dokument numru mija u tlieta u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi konferma ġuramentata tad-dħul ta' erbgħin salma qamħ fl-imħażen tal-Università fiċ-Ċittadella f'Mejju ta' erba' mit sena ilu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 30r (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 30r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ewwel silta tad-dokument:

> *Thomatio Santa Aghata magazinero presente, dice con iuramento haver havuto e recevuto dalli Signori Iurati presenti, salmi quaranta di frumento a' misura di Malta; e così furono...*

L-Università kienet tagħżel bħala maħżnier lil dik il-persuna li kienet titlob l-inqas kummissjoni fuq l-amministrazzjoni tal-imħażen u l-bejgħ tal-qamħ. Il-kummissjoni kienet titħallas fuq kull *salma* qmuħ li tinbiegħ. Nafu minn dokumenti oħra li, erba' mit sena ilu, l-imħażen tal-qamħ kienu fl-inħawi ta' Triq Bieb l-Imdina, taħt ir-riħ tal-Kavallier ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella.

Il-maħnżier tal-Università erba' mit sena ilu kien Thomatio Santa Aghata, persuna b'kunjom tipikament Sqalli. Nhar il-10 ta' Mejju 1611, hu deher quddiem il-ġurati tal- Università u għamel dikjarazzjoni ġuramentata li fl-imħażen li kienu taħt il-ħarsien tiegħu kienu twasslu erbgħin salma qamħ kejl ta' Malta.

Is-*salma* ta' Malta, li bil-Malti tingħad *modd*, kien fiha 16-il tomna; kull tomna kien fiha 0.2909 metru kubi. Dan ifisser li salma kien fiha 4.65 metri kubi. Erbgħin modd kienet għalhekk kwantità kbira. Għawdex kien jitkabbar ħafna qamħ; dan kien iservi kemm għan-nies kif ukoll biex jitimgħu lill-bhejjem. Il-produzzjoni lokali mhux dejjem kienet tkun biżżejjed u, minn żmien għal żmien, kien ikellhom jimpurtaw il-qamħ minn Malta jew minn Sqallija.

L-ispiża biex tinġieb kwantità kbira ta' qamħ minn Malta kienet titla' ħafna. Wara r-reġistrazzjoni tal-ġurament, tibda l-lista tal-ispejjeż involuti. Ġewwa Malta ried jitħallas l-ewwelnett il-piżatur li kejjel il-qamħ u l-burdnara li ġarrew il-qamħ u r-*risicatura* mill-imħazen sal-Port. Ir-*risicatura* mill-Isqalli *risca* tirreferi għat-tiben, il-parti li tibqa' meta jisserraw il-biċċa ta' fuq tal-qatta tal-qamħ. Dan kien jintuża għall-imtieraħ.

Saru wkoll spejjeż biex il-qamħ u t-tiben jinġarru bid-dgħajjes minn Malta għal Għawdex. Għawdex il-piż tal-qamħ kien kontrollat mill-ġdid minn piżatur ieħor. Numru ta' burdnara tellgħuh mill-Port tal-Imġarr saċ-Ċittadella.

Riedu jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż kollha l-Għawdxin li, jridu u ma jridux, kien ikellhom jixtru l-qamħ għall-ħobż.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Patri Akkursju Xerri OFM (1915 - 1968)*

Kull meta tiġi f'idejna r-rivista *l-Ħajja f'Għawdex* ma nistgħux ma niftakrux fil-fundatur tagħha Patri Akkursju Xerri.

Twieled fis-16 ta' Ġunju 1915 fir-Rabat Għawdex bin Manwel Xerri u Ġanna mwielda Cefai. Wara li ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Gvern daħal is-Seminarju ta' Għawdex fejn dam hemm sal-kors tal-filosofija. Imbagħad daħal fl-Ordni Franġiskan u ħa l-isem ta' Akkursju. Dan kien l-isem ta' wieħed mill-ewwel martri tal-ordni Franġiskan. Is-superjuri tiegħu rawh student intelliġenti u għalhekk bagħtuh jistudja fl-Università Kattolika ta' Milan. Huwa għamel kors fil-letteratura u tħabbeb mar-Rettur tal-Università, il-Franġiskan magħruf, Patri Agostino Gemelli. Huwa għamel ħabib ukoll ma' diversi professuri fl-università. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Ġunju 1939 fl-età ta' 24 sena.

Fl-1940, Patri Akkursju kellu jerġa' lura lejn Malta minħabba l-gwerra. Intgħażel bħala Rettur u surmast tal-istudenti Franġiskani. Dam jgħallem għoxrin sena. Barra li kien jgħallem fil-provinċja Franġiskana għallem ukoll l-istorja tal-Filosofija u l-Letteratura Taljana fis-Seminarju ta' Għawdex sa mis-sena 1952. Fl-1948 waqqaf il-kulleġġ ta' Sant' Antnin fl-Imġarr, Għawdex u kien Rettur tiegħu.

Minkejja l-ħidma fit-tagħlim, ma ttraskurax l-appostolat. Kellu għal qalbu ħafna l-ministeru tal-predikazzjoni. Kien predikatur u konferenzier li kien imfittex mhux biss f'Għawdex iżda f'Malta wkoll. Tkellem ukoll f'diversi akkademji u okkażjonijiet sollenni. Jibqa' magħruf id-diskors tiegħu fl-okkażjoni ta' billejl fl-għeluq il-festi taċ-ċentinarju Pawlin tal-1960.

Minn tfulitu hu ħabb ħafna l-Azzjoni Kattolika u meta kiber sar Assistent Ekkleżjastiku. Għal 20 sena ħadem biex ikun hemm koordinament mal-Azzjoni Kattolika ta' Malta. Huwa kien favur ħafna tal-appostolat tal-lajċi u kien l-ewwel President tal-Ġunta Djoċesana ta' Għawdex.

Dan il-Franġiskan għaraf sewwa li għalkemm il-prietki u d-diskorsi huma importanti madankollu hemm appostolat ieħor li hija l-kitba. Fl-10 ta' Ġunju 1945 Patri Akkursju beda joħroġ il-ġurnal djoċesan "Għawdex" u dam għoxrin sena f'din il-ħidma. Dan il-ġurnal għadu joħroġ proprju f'din ir-rivista li għandek f'idejk. Patri Akkursju kiteb ukoll għadd ta' artikli f'*Leħen is-Sewwa*, ġurnali oħra u rivisti. Ta' min jinnota li fost tant attivitajiet kien isib il-ħin li jikteb.

Ta' min isemmi li l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace għażlu bħala eżaminatur Pro-Sinodali u Mons. Arċisqof Mikiel għażlu bħala eżaminatur tal-Kleru ta' Malta. Dawk kollha li għaddew minn taħt idejh kellhom kelma ta' tifħir u radd il-ħajr għall-mod prattiku u ġentili tiegħu. Barra minn hekk kien membru wkoll



tal-*Boards* Governattivi tal-Karità, tal-Librerija u tal-ismijiet tat-toroq. Bħala rikonoxximent ta' ħidmietu qala' l-medalja *Pro Ecclesia e Pontifice* mingħand il-Papa fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof ta' Għawdex.

Fost tant xogħol kontinwu qatt ma ttraskura d-dmirijiet tal-kunvent. Hu kien Segretarju tal-Provinċjal, Definitur, Kustodju u fl-aħħar Provinċjal. Ix-xogħol tiegħu ma kienx limitat għal Malta u Għawdex biss, għaliex kien ġie wkoll magħżul bħala viżitatur Ġenerali tal-Provinċja Franġiskana fl-Ingilterra, missjoni delikata li wettaq b'sodisfazzjon kbir.

Patri Akkursju kien fl-aqwa tiegħu. L-entużjażmu, il-ħila u d-dedikazzjoni tiegħu kienu bdew iħallu l-frott. Iżda Alla sejjaħlu għal għandu fl-14 ta' Diċembru tal-1968, fl-età ta' 53 sena.

*(Dan il-profil huwa bbażat fuq dawn il-kitbiet:*
*Kan. Nikol Vella Apap, Patri Accursio Xerri, li deher fil-Ħajja f'Għawdex, ta' Diċembru 1972.*
*Kan. John Ciarlò, Patri Akkursju Xerri, li deher f'Leħen is-Sewwa tal-5 ta' Frar, 2005).*

**Angelo Xuereb**

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Għawdex Online (29)*



# *Id-Dibattitu dwar id-Divorzju Online f'Għawdex*



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicep@go.net.mt

Ir-referendum dwar jekk għandux jidħol id-divorzju jew le f'Malta nhar it-28 ta' Mejju huwa fatt storiku ta' ċertu importanza, huma x'inhuma l-fehmiet tagħna u jkun xi jkun ir-riżultat.

Rigward Għawdex tkun idea tajba li xi ħadd jieħu interess u jiġbor flimkien kif id-dibattitu żvolġa fil-gżira tagħna u naturalment wara li joħroġ ir-riżultat, issir analiżi professjonali dwar kif ikunu vvutaw l-Għawdxin. Minn dan il-lat dak li deher u għadu jidher sal-lum *online* dwar Għawdex u d-divorzju għandu jkun kontribut siewi ħafna. Il-websajt **www.gozonews.com** żammet lill-viżitaturi tagħħa infurmati dwar il-fatti hekk kif ġraw minn mindu l-Parlament iddiskuta l-mistoqsija li ser tidher fuq il-polza tal-vot. Interessanti kienet waħda mill-edizzjonijiet tal-gazzetta *Maltatoday* tas-6 ta' Frar 2011 li ħabbret li erba' mill-ħames membri Parlamentari Għawdxin kienu kontra l-introduzzjoni tad-divorzju u l-MP Anton Refalo kien għadu ma qarax l-abbozz tal-liġi. F'ġieħ l-istorja hawn huwa l-indirizz fejn issib dan ir-rapport: **www.maltatoday.com.mt/news/national/majority-of-gozitan-mps-against-divorce-but-refalo-says-he-still-has-to-read-draft-law**.




Il-websajt tal-Leġjun ta' Maltija **www.gozolegion.org** fit-taqsima *In the News* niżżlet l-ittra pastorali li kienu ħarġu l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex u li fiha huma fakkru f'dak il-messaġġ li kien ħallielna l-Papa Benedittu XVI biex niddefendu l-indissolubbiltà taż-żwieġ. Min irid jiffriska l-memorja dwar dan jista' jidħol fil-websajt **www.maltadiocese.org** fejn isib *video* ta' filmat tal-punti saljenti ta' dik iż-żjara li Mons. Tommaso Caputo, in-Nunzju Appostoliku fl-istess paġna tal-filmat isejjaħ 'ġrajja kbira'. U f'messaġġ lill-Papa f'isem il-Maltin u l-Għawdxin kollha n-Nunzju awgura li 'Jalla l-entużjażmu (waqt iż-żjara tal-Papa) jispirana biex nagħżlu lil Ġesù Kristu u t-tagħlim tiegħu, ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi.'

Ma nistax ma nsemmix l-inizjattiva li ħa r-Radju "Leħen il-Qala" li stieden lill-Isqof tagħna fl-*istudio* tiegħu biex jagħti l-messaġġ tiegħu dwar id-divorzju f'diskussjoni li saret nhar Ħadd il-Palm. Il-websajt ta' dan ir-radju hi **www.radjulehenil-qala.com**


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



*Anniversarju*

# *Il-Protesta Soċjali fix-Xogħlijiet Letterarji ta' Ġużè Aquilina*



*kitba ta'* CARM C. CACHIA

**"It-teatru huwa arti, imma hu wkoll filosofija, filosofija tal-ħajja." Hekk kien kiteb il-Professur Ġużè Aquilina fl-ewwel versi għad-daħla tad-dramm *Il-Bniedem li Ċaħdu*. Dan qalu għax id-drammi tiegħu kollha, l-istess bħal ħafna mix-xogħlijiet letterarji l-oħra tiegħu, fihom messaġġ soċjali. Aquilina kien jemmen li f'ħajtu l-bniedem hu mmexxi minn żewġ elementi fundamentali: mir-raġuni fuq naħa u mit-twemmin fuq in-naħa l-oħra. Għaldaqstant, it-teatru tiegħu hu mibni fuq żewġ pilastri: it-twemmin u l-ideoloġija.**

### *Il-Kitbiet Riflessivi*

Dawn iż-żewġ fatturi nsibuhom jidwu f'kull ħidma filosofika, letterarja jew edukattiva li tana l-Professur Aquilina matul ħajtu. Jekk nieħdu, ngħidu aħna, il-kotba tiegħu ***Madwar il-Ħajja*** – li huma ġabriet ta' taħdidiet għax-xandir u ppubblikati fil-gazzetti lokali ta' żmienu, jew inkella l-antoloġija ta' *essays* li ġġib l-isem ***Il-Polz ta' Malta***, insibu li Aquilina dejjem ipprova jgħallem lill-injorant biex iħejjih kontra "l-ħażen tal-ħajja" – l-atteġġament tan-negozjanti rgħiba, l-apatija fi ħwejjeġ reliġjużi, politika ħażina u żbaljata, l-injoranza, l-invidja, l-inġustizzja soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiem u tant attitudnijiet negattivi oħra bħal dawn. Fl-*essay* li jġib l-istess isem tal-antoloġija, **Il-Polz ta' Malta**, Aquilina hu bħal tabib li jħoss il-polz ta' pajjiż mifni bil-mard soċjali u jikkundanna l-aspetti negattivi li ħafna drabi huma riżultat tal-egoiżmu sfrenat tal-bniedem, fosthom ir-rgħiba għall-flus u l-qerq fil-bejgħ u x-xiri. Skont kif jikteb Saydon fid-daħla għall-antoloġija, dan il-ħażen m'għadux jinħeba imma "sar ġentlom kbir li jidħol fl-aqwa djar, jitħabbeb mal-ogħla nies" u li kulħadd isellimlu u jaċċettaħ b'għajnejh magħluqa. L-idea tkompli f'*essays* simili bħal **Il-Faqar Soċjali** u **Il-Falliment ta' Malta.** Imbagħad fl-*essays* **Demokrazija u Dittatorjat** l-awtur jittratta l-aspett politiku tal-ħajja filwaqt li jurina l-aspetti pożittivi u negattivi ta' dawn iż-żewġ tipi ta' twemmin politiku. Kitbiet oħra ta' għamla politika-soċjali hemm **Il-Pulitka**, **Il-Liberaliżmu**, u **Għaliex il-Komuniżmu Qiegħed Jirbaħ**, li kollha jisħqu fuq l-importanza li wieħed jagħraf xi twemmin politiku għandu jħaddan li jkun ta' ġid għalih u għal għajru. Mil-lat spiritwali, f'**Il-Bniedem Magna**, Aquilina jikkundanna lil dawk li jxekklu r-raġuni biex ma jħalluhiex tiżviluppa spiritwalment ħalli tkun tista' titmexxa mill-filosofija tal-Materjaliżmu, b'vantaġġ ekonomiku għas-sinjur. Dan il-ħsieb ikompli jiżviluppah fl-*essay* **Is-Saltna tal-Ispritu**. *Essays* oħra mmirati biex jedukaw lill-poplu nsibu **Il-Malti u l-Maltin**, **Il-Qari Tajjeb u Il-Bibbja; Letteratura u Reliġjon**. Dawn ix-xogħlijiet kollha li fihom jispikka l-element didattiku, juru lil Aquilina bħala għalliem kuxjenzjuż li ħsiebu biss kif itejjeb il-qagħda soċjali ta' ġensu.

### *Il-Protesta Soċjali fir-Rumanz Taħt Tliet Saltniet*

L-inġustizzji soċjali, speċjalment is-serq tal-fqir mis-sinjur (in-negozjant bla skrupli), jew li hawn min hu mejjet għal qatra u min hu mejjet fis-sakra, lill-awtur dejjem tawh ġewwa u għal Aquilina huma l-aktar żewġ aspetti koroh fil-ħajja ta' madwarna. L-aħħar waħda ta' sikwit juriha fix-xogħlijiet letterarji tiegħu, tant li ma niżbaljawx jekk ngħidu li Aquilina bħala awtur jidentifika ruħu mal-protesta soċjali. Fir-rumanz ***Taħt Tliet Saltniet***, il-protagonista Alessandru Habela jagħmel dak li Aquilina jixtieq li jagħmlu s-sinjuri kollha fid-dinja – jiġifieri li jagħtu mill-ġid żejjed tagħhom lil dawk li m'għandhom xejn, il-foqra. Infatti fil-ġrajja tar-rumanz, bin il-barunessa jimxi fuq il-parir li Kristu jagħti liż-żagħżugħ għani tal-Vanġelu meta jgħidlu: Mur bigħ dak li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-sema". Habela hu ppreżentat bħala bniedem onest li dejjem jagħmel il-ġid lill-fqir, anke jekk dan ifisser li jkollu jiksirha ma' ommu stess, li meta binha jdaħħal lil waħda armla fqira d-dar, l-Armla ta'Vangu, b'disprezz tgħid: "Dari saret sptar għall-iltiema, il-foqra u r-romol". Imma Alessandru ma jiħux għaliha għax jaf li dak li hu qiegħed jagħmel hu t-tajjeb u sal-aħħar xejn ma jirnexxilu jbiddillu fehemtu. Fl-aħħar tar-rumanz dan il-karattru jirnexxilu joħroġ rebbieħ għaliex jispiċċa jgħix ħajja umli imma kuntenta ma' martu Pawlina, tfajla Maltija bint ir-raba'.

### *Id-Drammi u l-Protesta Soċjali ta' Aquilina*

Il-protesta tkompli titfaċċa fit-***Tliet Atti Uniċi*** tiegħu bħal f'**L-Inkwiet tas-Sur Martin** u **Il-Fortuna tal-Bakkaljaw**. F'dawn id-drammi qosra l-protesta u t-tagħlim soċjali ta' Aquilina jidhru taħt forma umoristika, filwaqt li t-teżi tiegħu tieħu xeħta aktar serja fid-drammi t-twal, bħal **L-Ikkundannata** u **Arbli fuq il-Bjut**. F'**L-Ikkundannata** Aquilina jikkundanna bla tlaqliq il-bigottiżmu u l-fariżejiżmu ta' ċerti Nsara tal-isem. Dawn l-individwi, rappreżentati mill-karattru ta' Ġeltrude, biex juru kemm huma qaddisin ma jagħtux kas tat-twiddib ta' Kristu u jitfgħu il-ġebla lejn il-ħati mal-ewwel okkażjoni li tippreżenta ruħha. Ġeltrude ma tqisx li Marjon, it-tfajla li

darba żbaljat, issa biddlet ħajjitha. Għaliha, la din it-tfajla kienet ħatja darba, hi ħatja dejjem.

F'**Arbli fuq il-Bjut**, Aquilina jixtieq juri t-tbatija li tinħoloq bħala riżultat tad-differenza bejn il-klassijiet soċjali, fejn il-fqir dejjem jispiċċa jsefter lis-sinjur. Fl-istess ħin, imma, Aquilina jemmen li l-bniedem bħala karattru hu dak li hu, u jekk iċ ċirkostanzi jinbidlu, dan xorta jaġixxi skont kif isib ruħu fihom. Għalhekk meta fid-dramm il-fqir/il-ħaddiem, rappreżentat minn Ġorġ u s-seftura Karmena, isib ruħu jikkmanda lis-sinjur wara rivoluzzjoni li qalbet il-qagħda soċjali tal-pajjiż, dan jibda jġib ruħu bl-istess arroganza li kien juża s-sinjur miegħu meta kellu l-poter f'idejh. F'dan id-dramm, Aquilina donnu ried juri li hemm differenza bejn l-idealiżmu u r-realtà, għaliex dak li wieħed jixtieq għall-ġid tas-soċjetà mhux dejjem ikun faċli li jintlaħaq.



Fid-dramm **Il-Bniedem li Ċaħdu**, il-protesta ta' Aquilina tkompli tieħu xejra differenti. Din id-darba l-awtur jixtieq jurina li l-ġid li l-bniedem jagħmel, id-dinja spiss tpattihulu b'deni. Dan hu ħafna 'l bogħod mill-viżjoni idealista li l-awtur juri fir-rumanz ***Taħt Tliet Saltniet***. Minn kif jidher f'dan id-dramm, Aquilina donnu beda jagħraf li fid-dinja l-idealiżmu ħafna drabi mhux hu ppremjat, anzi spiss jispiċċa mwarrab u ddisprezzat. Jidher ukoll ċertu xettiċiżmu fejn tidħol il-politika. Infatti **Il-Bniedem li Ċaħdu** jista' jitqies bħala l-aktar xogħol realistiku li tana Aquilina f'dan il-qasam. Filwaqt li jagħmel minn kollox biex xorta waħda jkompli jisħaq it-teżi soċjali tiegħu, l-awtur issa donnu rrikonoxxa l-fatt li d-dinja hi ingrata mhux biss lejn dawk li ma jaqblux magħha, imma anke lejn dawk li jixtiqulha l-ġid. Biss it-tajjeb jibqa' tajjeb u għalhekk hu xorta sostna t-teżi tiegħu, imsejsa b'mod allegoriku fuq il-ħajja ta' Kristu stess, li ta ħajtu għall-istess kotra li sallbitu. Infatti fl-introduzzjoni għad-dramm, l-awtur jagħtina l-ideat soċjali tiegħu, ibbażati kif semmejna fuq il-prinċipju evanġeliku li għandna nħobbu lil għajrna bħalma nħobbu lilna nfusna, u fuq it-tagħlim ta' Kristu li "l-ġid għandu jsir dejjem u, għall-bżonn, wieħed għandu jagħti ħajtu għall-kotra".

Dan hu preċiż dak li jagħmel il-Professur Hili, il-protagonista tad-dramm, meta jiddeċiedi li joħroġ għall-politika. Dan il-pass jagħmlu mhux għal xi skop ta' akkwist personali, imma għax jixtieq jagħmel il-ġid lil għajru. Madankollu kliem sieħbu André, "il-politika hi l-karriera tal-brikkun, karriera li taqsam il-qalb ta' dawk li ma jistennewx ħlief il-gratitudni tal-poplu li qatt ma ħabb lil min jagħmillu l-ġid." joqrob aktar lejn ir-realtà u infatti fl-aħħar tad-dramm il-professur jispiċċa ttradut mill-istess persuna li tant ħadem għaliha.

Fl-istudju tiegħu dwar id-dramm ***Il-Bniedem li Ċaħdu***, il-Professur Patri Dwardu Fenech O.S.A. iqassam il-karattri fi tliet kategoriji: l-idealisti (Hili), il-prattiċi (Andre) u l-ipokriti (Robbie Gauchi) Id-dramm kollu jikkonsisti f'konflitt dejjiemi bejn it-tajjeb (l-idealist) u l-ħażin (l-ipokrita). Bir-rebħa aħħarija tal-makkjavelljan Robbie fuq Hili, Aquilina jurina kif f'din id-dinja l-ħażin dejjem se jirbaħ lit-tajjeb. Hawn, kif semmejt aktar 'il fuq, imur kontra dak li kiteb f'Taħt Tliet Saltniet fejn l-imħabba titpatta b'imħabba. Iżda issa moħħ Aquilina hu aktar matur; jinduna u juri f'kitbietu li, avolja hu qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex jeqridhom, l-inġustizzji soċjali se jibqgħu jeżistu sa kemm il-bniedem jibqa' jgħir għal għajru.

### *Għeluq*

Għaddew aktar minn ħamsin sena minn meta Aquilna kiteb dawn ix-xogħlijiet letterarji u filosofiċi bħala protesta kontra l-inġustizzji soċjali u problemi soċjali oħra li nħabbtu wiċċna magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Pajjiżna nbidel u l-ħajja tjiebet f'dak li hu livell ta' għajxien, u għandna ħafna liġijiet ġodda li jħarsu d-drittijiet tal-ħaddiem. Madankollu l-problemi żdiedu wkoll u ħadu xejra aktar kerha u tosta. Barra l-isfruttament tal-batut (issa taħt ix-xbieha tal-extrakomunitarji), ħaġa li tant iġġieled kontrieha l-awtur, tqawwew problemi oħra bħalma huma s-serq, id-droga, l-użura u l-prostituzzjoni, u issa l-kwistjoni tad-divorzju. Jiena ċert li, kieku Aquilina għadu ħaj illum, il-ġlieda tiegħu kontra dawn in-nuqqasijiet soċjali ma kinitx tieqaf, anzi kienet titqawwa bil-bosta u kien jiġġildilhom b'ħiltu kollha kif għamel fil-passat fil-kitbiet tiegħu.


**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**



*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

*TIEQA FUQ L-AMBJENT (28)*

# Il-Barbaġann



*(Dan huwa t-tmintax-il artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA



*Ferħ ta' Barbaġann kważi lest biex iħalli l-bejta - diġà jixbah lill-adulti*

Għadni niftakar meta kont tfal, narah għaddej lill-Barbaġann jittajjar filgħaxija wara li jidlam, tajra bajda fuq l-isfond iswed tal-lejl. Konna nkunu l-familja kollha mixħutin barra fuq il-bankina, quddiem il-bieb tad-dar, tard filgħaxija, nittaffew ftit mis-sħana tal-jum sajfi. Kuljum konna narawh għaddej ifittex il-firien u l-ġrieden biex jitma' l-frieħ, u nisimgħu l-għajta tiegħu, qisha twerżieqa. Kien jasal ix-Xagħra mix-xaqliba l-oħra, mill-inħawi tal-għoljiet tal-Ħarrax u ta' Kuljat fejn kien ibejjet. Ġieli rajnieh anke meta konna mmorru f'xi festa r-Rabat, wara li jidlam, jittajjar fuq it-Tokk, u jaqbad l-Għammelin tal-Bejt li jkunu reqdin bil-mijiet qalb il-friegħi tas-siġar kbar tal-Fikus.

Il-Barbaġann huwa speċi ta' kokka, b'wiċċ ċar forma ta' qalb. Fih minn 33 sa 39 ċentimetru, b'fetħa tal-ġwienaħ li tlaħħaq minn 80 sa 93 ċentimetru. Għajnejh kbar u suwed, qegħdin fuq quddiem, mhux bħal t'għasafar oħra, fil-ġnub. Minn fuq isfar lewn id-deheb bi ftit griż 'l hawn u 'l hemm u b'tikek suwed irqaq fuq dbabar bojod żgħar. Minn taħt abjad silġ b'xi ftit tikek skuri li jvarjaw fil-kwantità minn individwu għal ieħor. Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kuluri.

Matul il-jum iżomm f'xi toqba jew xaqq fond fejn joqgħod jogħnos jistenna l-lejl. Hekk kif ikun qed jidlam joħroġ jittajjar, iħuf biex jaqbad il-firien, ġrieden u ħlejjaq oħra, anke għasafar. Il-pinen ta' ġwinħajh huma wesgħin u ħoxnin, imma rotob, bi frenża matul il-ġnub, b'hekk ma jagħmlu l-ebda ħoss meta jkun jittajjar. L-istonku tiegħu ma jkissirx u jiddiġerixxi l-għadam, il-ġlud, ix-xagħar, u r-rix tal-priża li jibla'. Dawn jeħles minnhom f'forma ta' boċċi tawwalin u suwed li jixtarr u jtella' minn ħalqu. Dawn il-fdalijiet jagħtu tagħrif fiex jikkonsisti l-ikel tiegħu kif ukoll xi ħlejjaq igħixu fl-inħawi fejn jinstab.

Ibejjet f'toqob u f'sisien, anke fi swar. In-numru tal-frieħ li jkollu jiddependi mill-kwantità ta' ikel li jista' jaqbad, u aktar ma jkun hemm ġrieden u firien fejn ibejjet, aktar ikollu frieħ. Il-mara tibda ssaħħan malli tbid l-ewwel bajda. Minħabba li jgħaddu ftit granet sa kemm tbid l-aħħar waħda, il-bajd ma jfaqqasx fl-istess ħin, u b'hekk il-frieħ fil-bejta jkunu ta' eta differenti. Meta jfaqqsu, l-frieħ ikunu miksijin b'rix abjad fin, qisu suf folt, iżda sakemm jiġu biex iħallu l-bejta dan ikunu bidluh u jsiru jixbħu lill-adulti.

L-isem xjentifiku tal-**Barbaġann** huwa ***Tyto alba***. Il-kelma ***Tyto*** ġejja mill-Grieg *tuto* li tfisser tip ta' kokka



*Wied Ħanżira - L-aħħar post f'Għawdex fejn bejjet il-Barbaġann*



*Ferħ ta Barbaġann - għadu miksi b'rix qisu suf abjad*

msemmiha f'manuskritt, lessiku bil-Grieg, miktub minn Hesychius ta' Alessandrija, li għex fir-raba' jew fil-ħames seklu. Il-kelma ***alba*** hija l-femminil ta' *albus* , bil-Latin, li tfisser abjad. Bl-Ingliż magħruf bl-isem *Barn Owl.*

Fl-imgħoddi kien ibejjet anke fis-swar ta' Chambray u taċ-Ċittadella fir-Rabat, f'xi sisien matul il-kosta jew ta' diversi għoljiet, kif ukoll f'xi widien. L-aħħar pari li kienu jbejtu fis-selvaġġ f'Għawdex kienu f'Ta' Ċenċ, f'Għajn Barrani (fix-Xagħra) u f'Wied Ħanżira (Mġarr ix-Xini).

Il-Barbaġann kien protett bil-liġi mill-1911 sa l-1934. Wara li kien tneħħa mill-lista tal-għasafar protetti fl-1936, reġa' tpoġġa fil-lista tal-għasafar protetti fl-1980 u suppost li għadu mħares sallum. Minkejja l-liġijiet, par wara l-ieħor ġew meqruda. Illum fil-kampanja m'għadux ikun hemm il-Barbaġann li kien igħin ħafna fil-kontroll tal-firien u l-ġrieden, li jagħmlu ħerba fl-uċuħ tar-raba'.


RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...
JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group
• Ġiti...
• *Cruises...*
• Titjiriet... anke tal-Low Cost
• *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
• Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra
Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

## APPREZZAMENT

# Patri Pietru Pawl Zerafa O.P.

1929 - 2011



Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2011, tħabbret il-mewt tal-Professur Patri Pietru Pawl Zerafa li ġrat fil-Kunvent tad-Dumnikani, il-Birgu, Malta, fl-età ta' 82 sena wara ħajja saċerdotali ta' 58 sena mimlija ħidma u tagħlim tal-Iskrittura.

Patri Zerafa, li l-isem mogħti lilu fil-magħmudija kien Ġwanni, twieled fin-Nadur, Għawdex fl-24 ta' Frar 1929. Hu t-tmien wild ta' Anġlu u Carmela, u t-tielet wieħed fost erba' aħwa saċerdoti.

Fis-sena 1941 daħal fis-Seminarju tad-Djoċesi, fejn ħa l-edukazzjoni sekondarja u kien hemm li beda jħoss is-sejħa li jħaddan l-Ordni Dumnikan. Fis-sena 1947, hu beda n-novizzjat, fejn ġie mogħti l-isem tal-Qaddisin Patruni tiegħu San Pietru u San Pawl. Wara l-professjoni tiegħu, Patri Pietru Pawl studja l-filosofija fil-Kulleġġ tad-Dumnikani, ir-Rabat Malta u wara kompla l-istudju tat-Teoloġija fl-Università Pontifiċja San Tumas ta' Aquino (Angelicum).

Fl-età ta' 24 sena, flimkien ma' ħuh, il-Kan. Piju Zerafa, fid-19 ta' Diċembru 1953 hu rċieva minn idejn E.T. Mons Ġużeppi Pace, l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu fil-Kolleġġjata tan-Nadur. Immedjatament wara kompla l-istudji tiegħu fl-*Università Angelicum*, u wara fl-*Ecole Biblique* ta' Ġerusalemm. F'Ruma hu kiseb żewġ dottorati, wieħed mill-*Università Angelicum* fit-Teoloġija (S.Th.D.), u l-ieħor mill-Kummissjoni Biblika Pontifiċja (S.Sc.D.). Snin wara, preċiżament fis-sena 1970 l-Ordni Dumnikan taħ ukoll il-Maġisteru fit-Teoloġija Mqaddsa (S.Th.M.).

Mimli għerf u ħeġġa biblika, Patri Zerafa għallem l-Iskrittura Mqaddsa għal iżjed minn 30 sena sħaħ, l-ewwel ġo Malta, imbagħad għal ħafna snin fl-*Angelicum* ta' Ruma, u f'diversi Istituzzjonijiet oħra, bħal *Venerabile Bede College*, *Mater Ecclesia*, id-Dar tal-Istudji tal-Patrijiet Karmelitani ġo Ruma, fl-Istitut Pontifiċju *Regina Mundi* u fl-Istitut Superjuri tax-Xjenza Reliġjuża *Mater Ecclesiae*. Hu estenda l-missjoni tiegħu tat-tagħlim ukoll barra minn Ruma: għallem fis-Seminarju Reġjonali ta' Viterbo, u ukoll barra l-Italja, fi *Spalding College*, Louisville, KY, ġewwa l-Amerika u l-Malta, fejn ta kors tal-B.A. fl-Università tal-Istat.

Billi kien jaf diversi lingwi, bħal-Latin, Taljan, Ingliż, Franċiż u anke Spanjol, Professur Pietru Pawl Zerafa kiteb diversi artikli xjentifiċi f'ħafna rivisti u ukoll ta konferenzi quddiem udjenzi varji, b'mod partikolari ġewwa Ruma. Barra dan kollu, Patri Zerafa kien msejjaħ bħala Konsultur Għall-Kummissjopni Pontifiċja għall-verżjoni ġdida tal-Vulgata. F'Malta ħadem bħala membru fil-Kummissjoni Teoloġika tal-Arċidjoċesi u kien ukoll membru tal-Għaqda Biblika Maltija, fejn ta sehem għat-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti. Ismu nsibuh imniżżel ukoll bħala kontributur fi *"New Catholic Commentary on Holy Scripture"* 1953 / 69.

L-iktar li jispikka fil-personalità ta' Patri Pawl Zerafa, mhuwiex l-għerf kbir li kellu, imma l-ħajja sempliċi, is-sinċerità u l-imħabba tiegħu lejn in-natura. Lill-ħolqien madwarna kien iħobb isejjaħlu , "Il-Katidral ta' Alla". Kien bniedem mimli spirtu reliġjuż u dedikat fix-xogħol tiegħu.

Patri Pietru Pawl li kien beda l-mixja tiegħu fis-Seminarju tagħna, qatt ma nesa dak li ħa mis-Seminarju, avolja hawnhekk għex biss l-ewwel snin taż-żgħożija tiegħu. Bħala ex-Prokuratur ta' dan is-Seminarju, jien ma ninsa qatt, - u dan l-apprezzament qiegħed niktbu l-ewwel u qabel kollox b'sens ta' gratitudni lejh, - il-kontribut kbir li tana flimkien ma' Fr. Joe Agius O. P. li preżentament hu Rettur Manifiku tal-Università San Tumas t'Aquino f'Ruma, sabiex is-Seminarju Djoċesan seta' jiġi affiljat ma' din l-Università Pontifiċja. Permezz t'hekk, l-istudenti tagħna setgħu jibdew jakkwistaw il-Baċellerat fit-Teoloġija. Ta' kull sena, sas-sena l-oħra, Patri Zerafa kien jiġi biex f'isem l-Università jattendi bħala osservatur waqt l-eżamijiet orali tal-istudenti tat-Teoloġija fl-aħħar Kurrikulu Akkademiku.

Mhux biss l-Ordni Dumnikana ta' Malta, imma Pajjiżna, u b'mod speċjali n-Nadur li tiegħu Patri Zerafa kien u jibqa' iben denn, għandhom għax ikunu kburin bih u bil-kontribut kbir li ta kull fejn kien. Kien għalhekk li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur fis-sena 1995 ħatru bħala Kanoniku Onorarju, deċiżjoni li ntlaqgħet b'ferħ anke mill-Provinċjal tad-Dumnikani, Patri Ġorġ Frendo, illum Isqof fl-Albanija li f'ittra mibgħuta u ffirmata minnu lill-Kapitlu Naduri esprima dan il-ferħ u qal: "Patri Zerafa xeraqlu dan l-unur għax għamel ġieħ lill-Provinċja Dumnikana u lill-Parroċċa tan-Nadur, fejn twieled u trabba."

***Mons. Ġużeppi Cauchi***

*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Korsijiet għar-Referees Prospettivi u Coaches f'Għawdex*

Il-*Gozo Football Association* b'kollaborazzjoni sħiħa minn naħa tad-Dipartiment tar-*Referees* u taċ-Ċentru Tekniku tal-*Malta Football Association*, fil-jiem li għaddew organizzaw tliet korsijiet f'Għawdex.

L ewwel Kors kien dak riservat għar *Referees* Prospettivi fejn numru sostanzjali ta' ħdax attendew b'ċertu entużjażmu, kif ukoll temmew il-kors b'suċċess. Dan jawgura tajjeb biex in-numru ta' *referees* Għawdxin ikompli jiżdied.



It-Tieni Kors kien dak immirat għal *Coaches* li jġib il-kwalifika ta' CYF. Hawn tant kien hemm konkorrenza qawwija li applikanti, madwar ħamsin, bil-grupp ikollu jinqasam fi tnejn. Hawn il-*Gozo F.A.* ssussidjat parti sostanzjali minn dan il-Kors għax temmen bi sħiħ li investiment f'dan is-settur huwa fundamentali għat-titjib tal-logħba fil-gżira Għawdxija.

It-Tielet Kors kien dak tal-*UEFA C Diploma* tal-*Coaching*. Dan kien mifrux fuq sitt partijiet bil-parteċipanti kollha kienu jippossedu ċ-ċertifikat tas-CYF. L-ewwel erba' *Modules* inżammu fil-*Gozo Stadium* u fil-Kwartieri Ġenerali tal-GFA (prattika u teorija), bil-ħames waħda tkun ta' sitt sezzjonijiet ta' taħriġ fin-*nursery* rispettiva, u l-aħħar *module* kien l-eżami.



Anke dan il-Kors kellu parti qawwija ssussidjata minn naħa tal-GFA. Dawn il-Korsijiet saru wkoll minħabba l-fatt li mill-istaġun li ġej, min ma jkollux xi liċenzja mhux ser ikun jista' jitħalla joqgħod fil-parti ristretta tal-*pitches* fejn isir il-logħob organizzat mill-*Gozo F.A.* u l-*Gozo Youth F.A.*

Dawn il-Korsijiet tal-*Coaching* tmexxew minn membri taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA fosthom Stephen Grima, John Buttigieg, Carmel Busuttil, Joe Mallia, Josef Mansueto, Mark Buttigieg, Charlie Sciberras, Dr. David Attard u Christopher Fenech. Personalitajiet oħra bħal Fr. Hilary Tagliaferro (*Chairman* tal-*Youth FA* Maltija), Robert Gatt (Direttur taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA), Bjorn Vassallo (CEO tal-MFA) u Alvin Grech (President tal-GFA) indirizzaw lill-parteċipanti.


MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

HILITE
HARDWARE STORE
***FRANCO - BELGE***
***FIRE PLACES***
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884




# 5. IL-MADONNA TA' POMPEJ





*F'nofs it-triq li minn taċ-Ċawla*
*tieħdok f'Misraħ San Franġisk*
*Tilmaħ knisja tal-Madonna*
*Omm tas-sliem u l-barka u riżq.*

*Knisja ħelwa Dumnikana*
*tal-Madonna ta' Pompej*
*li tħeġġiġna biex nitolbu*
*fiż-żmien t'issa w għal li ġej.*

*Kwadru ħelu tal-Pisani*
*wild il-belt ta' Ħaż-Żebbuġ*
*din il-knisja ħelwa jżejjen*
*fejn isib kenn il-mifluġ.*

*Il-Madonna b'Ġesu' ċkejken*
*fuq ħoġorha – lilna trid*
*ir-Ružarju kuljum ngħidu*
*biex trodd fuqna barka u ġid.*







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Dun Dumink Camilleri

# Il-QIMA LEJN IL-MADONNA TA' PINU



Is-Santwarju Nazzjonali




Niċċa fin-Nadur

www.apsbank.com.mt

# aplus

## A unique tool to finance your home loan whilst making your money work harder...




The **aplus** is a unique product that combines your home loan with your current, overdraft, deposit accounts and debit cards - all in a single account. This effectively lowers the amount of borrowing on which you are charged daily debit interest, enabling you to maximise your savings.

You start saving immediately:

- Reduced processing fees;
- No Bank legal fees;
- No Bank architect fees;
- A very competitive interest rate;
- No early repayment fees;
- FREE APS Premier Card;
- FREE APS VISA Debit Card for the first year;
- FREE Travel & Purch. Protection Insurance;
- No standing order charges for insurance premiums and much more...

Terms and conditions apply and are available on request.
APS Bank Ltd. is licensed to undertake the business of Banking and to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as a Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act 2006. The Bank is also a participant in the Depositor Compensation Scheme established under Legal Notice 369 of 2003.

APS bank
100 YEARS OF COMMUNITY BANKING

Customer Support Centre: 2122 6644
or visit any of our branches in Malta and Gozo.